# L-istorja ta' bulijiet u vittmi fi skola Primarja tal-Gvern

Gabriel Grioli

Teżi mressqa lill-Fakultà tal-Edukazzjoni

fl-Università ta' Malta għall-grad ta'

Master in Teaching and Learning

Ġunju 2018

L-Università ta' Malta

**University of Malta Library – Electronic Thesis & Dissertations (ETD) Repository**

The copyright of this thesis/dissertation belongs to the author. The author's rights in respect of this work are as defined by the Copyright Act (Chapter 415) of the Laws of Malta or as modified by any successive legislation.

Users may access this full-text thesis/dissertation and can make use of the information contained in accordance with the Copyright Act provided that the author must be properly acknowledged. Further distribution or reproduction in any format is prohibited without the prior permission of the copyright holder.

# Astratt

Gabriel Grioli

## L-istorja ta' bulijiet u vittmi fi skola Primarja tal-Gvern

F'dan l-istudju jiena neżamina kif numru ta' individwi, illum ilkoll adulti, li kienu jattendu l-istess skola Primarja tal-Gvern, jipperċepixxu l-effetti u l-konsegwenzi varji li ħalla l-bulliżmu f'ħajjithom. Il-mistoqsijiet ta' riċerka li dan ix-xogħol jipprova jwieġeb jinvolvu primarjament l-investigazzjoni tal-fatturi responsabbli għall-involviment ta' dawn il-persuni fil-kultura tal-bulliżmu, u tal-effetti riżultat ta' din l-immersjoni f'din il-kultura li lkoll nafu kemm hija distruttiva. Il-metodoloġija applikata hija kwalitattiva, u tinkludi l-użu tal-*life history interview* li offriet il-possibbiltà li tingħata stampa sħiħa tal-esperjenzi personali ta' dawn il-persuni, minn mindu kienu għadhom tfal sal-lum il-ġurnata li huma adulti. Il-parteċipanti li ħadu sehem huma tmienja, erba' rġiel u erba' nisa, li l-etajiet tagħhom ivarjaw bejn l-20 u s-60 sena. Għall-analiżi tad-data ntużat l-analiżi tematika li għenitni niġbor id-data tant rikka b'mod sistematiku, imqassma f'temi. Ir-riżultati li ħarġu minn dan l-istudju jikxfu tbatijiet u realtajiet ibsin ħafna li, skont ir-riċerka, huma ħafna iżjed mifruxa u komuni minn kemm naħsbu. Parti sostanzjali minn dawn ir-riżultati hija ddedikata għall-aġir u l-attitudnijiet tal-għalliema lejn il-bulliżmu bil-għan li nuri f'liema direzzjoni mexjin dawn l-edukaturi f'dak li għandu x'jaqsam ma' atti ta' vjolenza fl-iskejjel tagħna. Dan ix-xogħol jirriżulta li hawn eżiġenza qawwija għal aktar riċerka kwalitattiva minħabba li l-maġġorparti tal-letteratura dwar dan il-qasam hija kwantitattiva, bir-riżultat li l-għarfien dwar il-funzjonament tal-kulturi tal-bulliżmu għadu ferm limitat.

**Master in Teaching and Learning**

**Ġunju 2018**

KEYWORDS

| | | |
|---|---|---|
| **BULLYING** | **PURE VICTIMS** | **PURE BULLIES** |
| **BULLY/VICTIMS** | **REACTIONS TO BULLYING** | **EFFECTS OF BULLYING** |

L-Università ta' Malta

**FACULTY OF EDUCATION**

**DECLARATIONS BY POSTGRADUATE STUDENTS**

Student's I.D. /Code **383694M**

Student's Name & Surname **GABRIEL GRIOLI**

Course **MASTER IN TEACHING AND LEARNING**

Title of Dissertation **L-ISTORJA TA' BULIJIET U VITTMI FI SKOLA PRIMARJA TAL-GVERN**

**(a) Authenticity of Dissertation**

I hereby declare that I am the legitimate author of this Dissertation and that it is my original work.

No portion of this work has been submitted in support of an application for another degree or qualification of this or any other university or institution of higher education.

I hold the University of Malta harmless against any third party claims with regard to copyright violation, breach of confidentiality, defamation and any other third party right infringement.

**(b) Research Code of Practice and Ethics Review Procedures**

I declare that I have abided by the University's Research Ethics Review Procedures.

As a Master's student, as per Regulation 58 of the General Regulations for University Postgraduate Awards, I accept that should my dissertation be awarded a Grade A, it will be made publicly available on the University of Malta Institutional Repository.

____________________ ____________________

Signature of Student Name of Student (in Caps)

____________________

Date

*Lil*

*Ommi Bridget*

*b'tifkira għażiża ta'*

*Missieri Louis*

# Radd il-Ħajr

L-ewwel u qabel kollox, nirringrazzja lil ommi Bridget, lil ħija Dorian u lit-tfajla tiegħi Therese – id-dawl t'għajnejja – tal-appoġġ u l-imħabba infinita tagħhom.

Nirringrazzja lit-tutur tiegħi Prof. Mark Borg, tal-għajnuna u l-pariri siewja tiegħu matul dan ix-xogħol kollu. Nirringrazzja minn qiegħ qalbi wkoll lill-kotutur tiegħi, Prof. Mary Darmanin, tal-fiċudja u l-interess qawwi li wriet fija, u tal-paċenzja kollha tagħha miegħi. Mingħajr il-gwida professjonali ta' dawn iż-żewġ persuni, dan ix-xogħol żgur li ma kienx ikun dak li hu llum.

Inrodd ħajr minn qalbi lit-tmien individwi li ħadu sehem bi ħġarhom f'dan l-istudju, anke minkejja s-sensittività u l-weġgħat li jġorr miegħu s-suġġett tal-bulliżmu. Persważ li dawn il-persuni aċċettaw li jagħtu l-kontribut tagħhom għaliex permezz tal-istejjer tagħhom jixtiequ jqajmu kuxjenza dwar il-ħsara kbira li jġib miegħu dan il-fenomenu. B'żieda ma' dawn, inrodd ħajr ukoll lill-psikologu (li xtaq jibqa' anonimu) li ġentilment tlabt – u hu aċċetta minnufih – biex jgħin lill-parteċipanti tiegħi fl-għoti ta' pariri professjonali f'każ ta' bżonn.

Ma nistax ma nirringrazzjax ukoll lis-Senat tal-Università ta' Malta li qabel il-kitba ta' din it-teżi, aċċetta t-talba tiegħi biex dan ix-xogħol jinkiteb bil-Malti. Żgur li din it-talba ma kinitx tintlaqa' li kieku ma kinux il-Prof. Antoinette Camilleri Grima u l-Prof. Adrian Gellel li ngħaqdu miegħi u taw l-isforz tagħhom biex dan ix-xogħol tassew jinkiteb bil-lingwa Maltija. Tant hu hekk, li b'sodisfazzjon nista' ngħid li fil-fatt, dan l-istudju jista' jitqies bħala l-ewwel tentattiv akkademiku li qatt inkiteb (dwar il-qasam tal-bulliżmu) bil-Malti.

# Il-Werrej


Introduzzjoni ........ 1

1. Ħarsa Kritika ........ 3

1.1. Introduzzjoni ........ 3

1.2. Il-fażijiet tar-riċerka dwar il-bulliżmu ........ 3

*1.2.1. L-ewwel fażi (mis-Sebgħinijiet sal-1988)* ........ 3

*1.2.2. It-tieni fażi (mill-1989 sa nofs id-Disgħinijiet)* ........ 4

*1.2.3. It-tielet fażi (minn nofs id-Disgħinijiet sal-2004)* ........ 4

*1.2.4. Ir-raba' fażi (mill-2004 sal-lum il-ġurnata)* ........ 5

1.3. Il-kunċett ta' 'bulliżmu' ........ 5

1.4. Il-forom differenti ta' bbuljar ........ 7

*1.4.1. Il-bulliżmu dirett u indirett* ........ 7

*1.4.2. Is-cyberbullying* ........ 8

1.5. In-nies involuti fil-kultura tal-bulliżmu ........ 9

*1.5.1. Il-buli* ........ 10

*1.5.1.1. Xi jrid il-buli?* ........ 11

*1.5.1.2. Motivi oħra* ........ 12

*1.5.2. Il-vittma* ........ 14

*1.5.3. Il-buli/vittma* ........ 16

*1.5.4. Id-dikotomija individwu-kuntest soċjali* ........ 17

1.6. L-ibbuljar f'Malta: Il-kuntest lokali ........ 18

1.7. L-effetti tal-bulliżmu ........ 19

1.8. X'jista' jsir? ........ 21

1.9. Ir-riċerka kwalitattiva dwar il-bulliżmu ........ 22

1.10. Konklużjoni ........ 24

2. Il-Metodoloġija ........ 25

2.1. Introduzzjoni ........ 25

2.2. L-għan tal-istudju ........ 25

2.3. Il-prinċipji tal-etika ........ 27

2.4. Għaliex din l-iskola partikolari? ........ 30
2.5. Il-parteċipanti ........ 31
*2.5.1. Il-Parteċipanti Maskili* ........ 35
*2.5.2. Il-Parteċipanti Femminili* ........ 36
2.6. Il-ġbir tad-data ........ 37
*2.6.1. L-għażla tal-għodda metodoloġika* ........ 37
*2.6.2. Il-proċedura tal-intervista* ........ 38
*2.6.2.1. L-ewwel sezzjoni tal-intervista* ........ 42
*2.6.2.2. It-tieni sezzjoni tal-intervista* ........ 43
*2.6.2.3. It-tielet sezzjoni tal-intervista* ........ 44
*2.6.2.4. Il-pożizzjonalità riflettiva tiegħi* ........ 45
*2.6.3. It-traskrizzjonijiet* ........ 49
*2.6.4. L-analiżi tematika* ........ 50
*2.6.5. Il-vantaġġi tal-intervista* ........ 51
*2.6.6. Il-limitazzjonijiet tal-intervista* ........ 52
2.7. Ir-rekorder ........ 54
*2.7.1. Il-vantaġġi* ........ 55
*2.7.2. L-iżvantaġġi* ........ 56
3. Is-Sejbiet: L-Isfond Bijografiku ........ 57
3.1. Introduzzjoni ........ 57
3.2. L-informanti ........ 57
*3.2.1. Stefan* ........ 58
*3.2.2. Albert* ........ 60
*3.2.3. Leli* ........ 62
*3.2.4. Feliċ* ........ 65
*3.2.5. Brenda* ........ 68
*3.2.6. Marika* ........ 71
*3.2.7.* Lourdes ........ 73
*3.2.8.* Tessie ........ 75
3.3. It-temi ........ 77
*3.3.1. Id-dar: mingħajr sostenn* ........ 77

*3.3.1.1. Il-familja* ........ 77
*3.3.1.2. It-trobbija* ........ 79
*3.3.2. Il-lokal: ta' ġewwa u ta' barra* ........ 80
*3.3.2.1. Għalihom personali* ........ 80
*3.3.2.2. F'għajnejn ħaddieħor* ........ 82
*3.3.3. L-iskola: esperjenza negattiva* ........ 83
*3.3.3.1. It-tfal* ........ 84
*3.3.3.2. L-għalliema* ........ 85
*3.3.3.3. Reputazzjoni ħażina* ........ 87
4. Is-Sejbiet: Il-Karriera tal-Bulliżmu ........ 89
4.1. Introduzzjoni ........ 89
4.2. It-temi ........ 89
*4.2.1. Il-bulliżmu* ........ 90
*4.2.1.1. Il-vittimizzazzjoni* ........ 90
*4.2.1.2. Is-cyberbullying* ........ 91
*4.2.1.3. Il-ġerarkija tal-grupp* ........ 92
*4.2.1.4. Ir-regoli tal-grupp* ........ 94
*4.2.1.5. L-ewwel perjodu (bħala vittma)* ........ 95
*4.2.1.6. It-tieni perjodu (bħala buli)* ........ 96
*4.2.2. L-emozzjonijiet* ........ 100
*4.2.2.1. Fil-passat* ........ 100
*4.2.2.2. Fil-preżent* ........ 103
*4.2.3. L-effetti* ........ 105
*4.2.3.1. Edukazzjoni* ........ 105
*4.2.3.2. Il-karriera tax-xogħol* ........ 107
*4.2.3.3. Ir-relazzjonijiet soċjali* ........ 108
*4.2.3.4. Il-ħajja personali* ........ 108
*4.2.4. Oħrajn* ........ 109
*4.2.4.1. Il-ħabs* ........ 109
*4.2.4.2. L-għajnuna* ........ 110

5. Id-Diskussjoni ... 120
5.1. Introduzzjoni ... 120
5.2. It-temi ... 120
*5.2.1. Id-dar: mingħajr sostenn* ... 120
*5.2.2. Il-lokal: ta' ġewwa u ta' barra* ... 123
*5.2.3. L-iskola: esperjenza negattiva* ... 123
*5.2.4. Il-bulliżmu* ... 125
*5.2.5. L-emozzjonijiet* ... 127
*5.2.6. L-effetti* ... 128
Konklużjoni ... 130
Biblijografija ... 133
Appendiċi A *Il-mistoqsijiet tal-intervisti* ... 146
Appendiċi B *Id-dokumenti tal-etika* ... 155
Ittra ta' Informazzjoni ... 156
Ittra ta' Kunsens ... 158

# Lista ta' Figuri

*Figura 1: L-isfond bijografiku ta' Stefan* ........ 59

*Figura 2: L-isfond bijografiku ta' Albert* ........ 61

*Figura 3: L-isfond bijografiku ta' Leli* ........ 64

*Figura 4: L-isfond bijografiku ta' Feliċ* ........ 67

*Figura 5: L-isfond bijografiku ta' Brenda* ........ 70

*Figura 6: L-isfond bijografiku ta' Marika* ........ 72

*Figura 7: L-isfond bijografiku ta' Lourdes* ........ 74

*Figura 8: L-isfond bijografiku ta' Tessie* ........ 76

*Figura 9: Il-karriera tal-bulliżmu ta' Stefan* ........ 112

*Figura 10: Il-karriera tal-bulliżmu ta' Albert* ........ 113

*Figura 11: Il-karriera tal-bulliżmu ta' Leli* ........ 114

*Figura 12: Il-karriera tal-bulliżmu ta' Feliċ* ........ 115

*Figura 13: Il-karriera tal-bulliżmu ta' Brenda* ........ 116

*Figura 14: Il-karriera tal-bulliżmu ta' Marika* ........ 117

*Figura 15: Il-karriera tal-bulliżmu ta' Lourdes* ........ 118

*Figura 16: Il-karriera tal-bulliżmu ta' Tessie* ........ 119

# Lista ta' Tabelli

*Tabella 1: Il-parteċipanti maskili* ........................................ 35

*Tabella 2: Il-parteċipanti femminili* ........................................ 36

*Tabella 3: Il-ġerarkija tal-klikka ta' Albert* ........................................ 93

# LISTA TA' RITRATTI

*Ritratt 1: L-arma li kien juża Leli* ........................................................................................ 98

*Ritratt 2: L-arma li kien juża Feliċ* ....................................................................................... 99

# Introduzzjoni

Illum il-ġurnata, ir-riċerka internazzjonali dwar il-bulliżmu (terminu li kulma jmur iżjed qed jinfilsa ruħu fil-lingwa Maltija) żviluppat u nfirxet b'mod sostanzjali, sewwasew għax kulma jmur jinħass il-bżonn qawwi ta' aktar għarfien dwar dan il-fenomenu universali. Il-problema tal-bulliżmu fil-kuntest lokali, ukoll hija waħda pjuttost serja u mifruxa (Borg 1998; 1999). Fil-fatt, għalkemm illum għandna numru ta' studji Maltin dwar dan il-qasam, huma kważi kollha kwantitattivi. Dan bl-ebda mod ma jfisser li mhumiex importanti, iżda kemm minnhom jixhdu r-realtà mill-qrib tal-bulliżmu fuq dawk involuti? Kemm minnhom jittrattaw l-idea ta' bulliżmu storiku: jiġifieri li juru t-tbatijiet u l-effetti kumulattivi li jgħaddu minnhom il-persuni milquta, kemm fil-perjodu li jkunu involuti fil-kultura tal-bulliżmu, kif ukoll tant snin wara? Kemm minnhom iħarsu lejn il-bulliżmu bħala 'xibka' kumplessa li tinvolvi ferm aktar kumplikazzjonijiet minn sempliċiment episodju bejn buli u vittma? B'dawn il-kunsiderazzjonijiet importanti f'moħħi, ħassejt li għandi nagħmel studju kwalitattiv li jittratta dawn il-mistoqsijiet kollha, u dubji oħrajn li ftit li xejn ġew irriċerkati.

Huwa importanti li l-qarrej iżomm f'moħħu li f'dan l-istudju, mhuwiex fl-interess tiegħi li nittratta l-politiki u l-modi ta' prevenzjoni kontra l-bulliżmu. Dan għaliex huwa qasam kompletament għalih u, barra minn hekk, diġà saret ħafna riċerka dwaru (MEDE, 2014). Dwar il-proċess innifsu tal-bulliżmu u l-effetti kumulattivi tiegħu, madanakollu, għad ma sarx daqshekk studju. Għaldaqstant, f'dan ix-xogħol jiena neżamina kif tmien persuni, illum ilkoll adulti, li kienu jattendu l-istess skola Primarja tal-Gvern, jipperċepixxu l-effetti u l-konsegwenzi varji li ħalla l-bulliżmu f'ħajjithom. Għal dan il-għan, qabelxejn nittratta l-isfond bijografiku ta' dawn il-persuni abbażi ta' tliet fatturi soċjali – il-familja/trobbija, il-lokal, u l-iskola – bl-iskop li nkun nista'

nistħarreġ l-influwenza ta' dawn il-fatturi msemmija fuq l-involviment ta' dawn l-individwi fil-kultura tal-bulliżmu. B'żieda ma' dan, nistħarreġ l-effetti fuq erba' aspetti differenti mill-ħajja tagħhom: l-emozzjonijiet (imqassmin f'dawk tal-passat u dawk tal-preżent), l-edukazzjoni, il-karriera tax-xogħol, u r-relazzjonijiet soċjali tagħhom ma' ħaddieħor. Mela dan ix-xogħol huwa interdixxiplinari, fis-sens li ninqeda kemm b'letteratura li ġejja mill-qasam tal-psikoloġija, imma wkoll b'letteratura li ġejja mill-qasam tas-soċjoloġija għax wara kollox il-bulliżmu mhuwiex xi ħaġa ta' psikoloġija u karatteristiċi biss, iżda ħafna aktar kumpless minn hekk.

Dan l-istudju huwa maqsum f'ħames kapitli ewlenin. Fl-ewwel kapitlu nagħti ħarsa kritika lejn bosta studji – minn għejun differenti – li jistħarrġu l-bulliżmu u d-diversi kumplessitajiet u manifestazzjonijiet differenti tiegħu. Fit-tieni kapitlu, nistħarreġ il-metodoloġija applikata, u nispjega f'dettall liema bħalu s-sehem u l-kontribut li taw il-protagonisti. It-tielet u r-raba' kapitli jittrattaw l-analiżi tar-riżultati, naturalment minn perspettiva kwalitattiva, li ħarġu mid-data. Fl-aħħar kapitlu, niddiskuti r-riżultati li bihom nikkontribwixxi mal-letteratura dwar dan il-qasam, fejn inqabbilhom u nikkuntrastahom mar-riċerka disponibbli s'issa kemm internazzjonali, kif ukoll dik lokali.

Finalment, tajjeb ngħid li l-interess u l-ħeġġa għal din it-teżi nibtu mill-fatt li jiena stess kont involut (fil-passat) fil-kultura tal-bulliżmu: fil-każ tiegħi bħala buli. Għaldaqstant, bħala persuna li għext u esperjenzajt biżżejjed din it-tip ta' ħajja, ħassejt li jiena r-riċerkatur adattat għal dan ix-xogħol ladarba jiena midħla sew ta' din il-kultura, aktar u aktar meta bħala għalliem issa qed nifhem aktar ir-realtajiet tal-iskejjel.

# 1. Ħarsa Kritika

## 1.1. Introduzzjoni

F'dan l-ewwel kapitlu nagħti ħarsa ddettaljata minn għajn kritika lejn diversi xogħlijiet li għandhom x'jaqsmu mal-qasam li jiena interessat fih: il-bulliżmu fl-iskola. L-iskop tiegħi f'dan il-kapitlu mhuwiex biss li nistħarreġ aspetti differenti ta' dan is-suġġett tant vast, iżda aktar u aktar sabiex ikolli gwida tajba ta' kif nista' nippjana sew dan l-istudju u eventwalment nagħżel l-aktar metodu adattat ta' kif nista' niġbor id-data tiegħi iżjed 'il quddiem.

## 1.2. Il-fażijiet tar-riċerka dwar il-bulliżmu

Ir-riċerka dwar il-bulliżmu fl-iskejjel bdiet tevolvi sewwasew f'dawn l-aħħar 50 sena (Smith, 2011). L-interess f'dan il-qasam beda jikber l-aktar meta bosta riċerkaturi bdew isiru aktar konxji tal-ħsara kbira li jikkawża dan il-fenomenu fuq l-individwu, li wassal biex jibdew jinvestigaw iżjed fil-fond bl-iskop li jsiru jafu aktar x'jikkostitwixxi l-bulliżmu, id-dinamika tiegħu, u l-impatt li jħalli fuq il-persuni involuti. Matul dawn il-50 sena li evolva, nistgħu ngħidu li r-riċerka dwar l-ibbuljar għaddiet minn erba' fażijiet ewlenin (Smith, 2013).

### *1.2.1. L-ewwel fażi (mis-Sebgħinijiet sal-1988)*

L-ewwel studji sistematiċi dwar il-bulliżmu, b'mod partikolari fl-iskejjel, bdew jidhru fl-Iskandinavja fis-Sebgħinijiet. Fl-1973, Dan Olweus – li jitqies bħala 'Missier il-bulliżmu' – ippubblika l-artiklu *Forskning om skolmobbning* li fl-1978 ġie tradott għall-Ingliż, bit-titlu *Aggression in Schools: Bullies and Whipping Boys*. F'dan l-artiklu, Olweus beda juża t-terminu

*mobbing* biex jirreferi għall-bulliżmu li jseħħ bejn tnejn min-nies, il-buli u l-vittma. Madanakollu, fis-snin ta' wara, il-kunċett ta' *mobbing* beda jirreferi għall-kuntrarju: ibbuljar li jinvolvi gruppi sħaħ ta' individwi, magħrufin aħjar bħala *gangs*. Fit-Tmeninijiet, Olweus ifformula kwestjonarju bit-tir li jkun jista' jiġi assessjat il-bulliżmu, li tant kien ta' suċċess, li r-riċerkaturi ta' wara bdew jimxu fuqu biex ikomplu jwessgħu l-għarfien dwar dan il-qasam. F'dan iż-żmien ukoll, Olweus żviluppa l-ewwel programm ta' prevenzjoni, l-*Olweus Bullying Prevention Program*, li bis-saħħa tiegħu l-każijiet ta' bbuljar naqsu b'50 fil-mija, u eventwalment wassal għat-tieni fażi ta' riċerka (Smith, 2013).

### *1.2.2. It-tieni fażi (mill-1989 sa nofs id-Disgħinijiet)*

Fit-tieni fażi, li bdiet mill-1989 sa nofs id-Disgħinijiet, bdew joħorġu diversi kotba, artikli u ġurnali dwar il-bulliżmu. Barra minn hekk, bdew jintużaw servejs, u anke programmi oħra ta' prevenzjoni internazzjonalment, jiġifieri 'l barra mill-Iskandinavja. Pass importanti f'din il-fażi kien it-twessigħ tal-kunċett ta' 'bulliżmu,' li beda jinkludi fih tipi differenti ta' bbuljar, fosthom l-ibbuljar dirett, indirett u dak relazzjonali, kunċetti li niftaħ fuqhom aktar tard f'dan il-kapitlu. L-istess ġara fil-każ tat-terminu 'aggressjoni,' beda jinftiehem fis-sens aktar wiesa' tiegħu.

### *1.2.3. It-tielet fażi (minn nofs id-Disgħinijiet sal-2004)*

It-tielet fażi ta' riċerka dwar dan il-fenomenu kompliet mid-Disgħinijiet sal-2004. F'dan il-perjodu, minbarra l-fatt li r-riċerka kompliet tiżviluppa b'mod sostanzjali u nfirxet f'ħafna iżjed pajjiżi minn madwar id-dinja, inħareġ l-ewwel xogħol sistematiku dwar l-irwoli diversi li jeżistu fil-kultura kumplessa tal-bulliżmu, dak ta' Salmivalli et al. (1996) fil-Finlandja. Bażikament, Salmivalli et al. (1996) bdew jikxfu r-realtà li kull min jaħseb li episodju ta' bbuljar jinvolvi

sempliċiment lil buli u lil vittma, bħal kif kien jimplika t-terminu *mobbing* sa dak iż-żmien, huwa żbaljat; żbaljat propju minħabba l-involviment tal-*bystanders* (ara taqsima 1.5. għal aktar dettall dwar dan).

### *1.2.4. Ir-raba' fażi (mill-2004 sal-lum il-ġurnata)*

L-aħħar fażi bdiet mill-2004 u għadha rikorrenti sal-lum il-ġurnata. F'dan il-perjodu, bdejna nisimgħu ħafna bl-aktar tip ta' bbuljar riċenti li kulma jmur aktar qed jiżdied, is-*cyberbullying*. Is-*cyberbullying,* li ġieli nalludu għalih ukoll bħala aggressjoni elettronika, jirreferi għal kull forma ta' vjolenza jew aggressjoni li sseħħ permezz ta' xi apparat elettroniku. Għall-bidu li bdejna nisimgħu b'dan it-tip ta' bulliżmu, kien iseħħ l-aktar permezz ta' messaġġi fuq il-mowbajl, jew permezz ta' ittri elettroniċi (Rivers u Noret, kif deher fi Smith, 2013). Madanakollu, dan ma damx wisq sa ma kompla jikber u jinfirex permezz tal-Internet, b'mod speċjali tal-midja soċjali bħall-*Facebook*. Tant hu hekk, li llum il-ġurnata s-*cyberbullying* jammonta għal madwar terz tal-każijiet kollha ta' bbuljar li jseħħu fost iż-żgħażagħ (Smith, 2003). Sal-lum il-ġurnata, kif wieħed jista' jinnota, għad li r-riċerka dwar l-aggressjoni elettronika qiegħda kulma jmur tavvanza, xorta waħda ma naqasx milli tibqa' tiżviluppa r-riċerka dwar il-bulliżmu tradizzjonali, jiġifieri dwar dak kollu li ġie ttrattat fl-ewwel tliet fażijiet prinċipali.

## 1.3. Il-kunċett ta' 'bulliżmu'

Għad li nkitbu mijiet ta' kotba, artikli xjentifiċi u dawk f'ġurnali dwar il-bulliżmu minn bosta awturi u riċerkaturi differenti, ħafna minnhom jirrikorru għall-istess definizzjoni famuża ta' bulliżmu – dik ta' Olweus – li jiddefenixxiha b'dan il-mod:

> "A person is bullied when he or she is exposed, repeatedly and over time, to negative actions on the part of one or more other persons, and he or she has difficulty defending himself or herself" (1993, p. 4)

Madanakollu, fl-2011, *The Center for Disease Control and Prevention* laqqa' panel ta' esperti bil-għan li jirfinaw din id-definizzjoni. F'dan il-panel kien hemm preżenti Olweus stess, l-istess riċerkatur li ħareġ bid-definizzjoni oriġinali tiegħu. Id-definizzjoni riveduta kienet din:

> "Bullying is any unwanted aggressive behavior(s) by another youth or group of youths who are not siblings or current dating partners that involves an observed or perceived power imbalance and is repeated multiple times or is highly likely to be repeated. Bullying may inflict harm or distress on the targeted youth including physical, psychological, social, or educational harm" (Gladden et al., kif ikkwotat f'Bauman, 2016, p. 487).

Dawn iż-żewġ definizzjonijiet, li tista' tgħid li huma pjuttost simili ta' xulxin, jinkludu fihom tliet elementi komuni li jikkaratterizzaw il-bulliżmu. Il-bulliżmu: huwa forma ta' mġiba aggressiva li jinvolvi azzjonijiet intenzjonali min-naħa tal-buli, li jivvittimizza u jisforza lill-vittma (*unwanted*); huwa fenomenu li bosta drabi jibqa' jirrepeti ruħu għal ċerta tul ta' żmien (*repeated multiple times or is highly likely to be repeated*); jinvolvi żbilanċ (*power imbalance*) bejn il-buli u l-vittma (Smith u Ananiadou, 2003). Ir-raġunijiet il-għala jista' jkun hemm żbilanċ huma diversi, fosthom: jew għax il-buli jkun fiżikament jew psikoloġikament iżjed b'saħħtu mill-vittma, jew għax il-buli jkollu grupp ta' ħbieb ikbar minn dak tal-vittma, u l-bqija.

Tajjeb insemmi l-fatt li rigward it-tieni element li jikkaratterizza l-bulliżmu skont dawn iż-żewġ definizzjonijiet – *repeated multiple times or is highly likely to be repeated* – hemm nuqqas ta' qbil bejn għadd ta' riċerkaturi għar-raġuni li dejjem kien aspett kontroversjali: min isostni li biex ikun att ta' bbuljar mhux bilfors irid jirrepeti ruħu aktar minn darba, u min, għall-kuntrarju, jisħaq li

inċident li jseħħ darba biss m'għandux jitqies bħala att ta' bbuljar. Fil-każ ta' dan l-istudju, għad li din il-kwistjoni nittrattaha f'aktar dettall fil-kapitli tar-riżultati, tajjeb ngħid li l-parteċipanti kollha kienu involuti f'sitwazzjonijiet ta' bulliżmu ħafna aktar minn darba.

## 1.4. Il-forom differenti ta' bbuljar

Diversi riċerkaturi (prż. Brank, Hoetger u Hazen, 2012) jaqblu li l-bulliżmu jinqasam f'erba' kategoriji prinċipali: dak fiżiku, verbali, relazzjonali, u s-*cyberbullying*. Għall-kuntrarju ta' dawn, però, riċerkaturi oħra (prż. Fuller, 2013) jargumenta li t-tipi huma aktar minn erba' l-għaliex iqis il-bulliżmu sesswali, emozzjonali, razzjali, ħomofobiku u l-bqija bħala kategoriji separati. Li jaqbel kulħadd dwaru, madanakollu, huwa l-fatt li l-ibbuljar ma jfissirx biss 'daqqiet ta' ponn' – kif fil-fatt jaħsbu ħafna nies – imma huwa fenomenu kumpless li jimmanifesta ruħu f'forom differenti.

### *1.4.1. Il-bulliżmu dirett u indirett*

Björkqvist, Lagerspetz u Kaukiainen (1992) jiddistingwu bejn bulliżmu dirett – li jinqasam f'aggressjoni fiżika u aggressjoni verbali – u bulliżmu indirett. L-aggressjoni fiżika tinkludi fiha kull azzjoni li tkun intenzjonata li tweġġa' fiżikament lil persuna, bħall-ġlied bl-idejn u bis-saqajn, u l-imbuttar fost oħrajn. Li buli jisraq xi oġġett ta' ħaddieħor u jkissru jitqies bħala aggressjoni fiżika wkoll (MEDE, 2014). L-aggressjoni verbali mill-banda l-oħra, hija ħafna aktar komuni, u tinvolvi tmejjil b'ħaddieħor, theddid, insulti u tgħajjir, inkluż tgħajjir abbażi ta' apparenza u difetti, razza, kultura, reliġjon, orjentazzjoni sesswali u l-bqija. Il-bulliżmu indirett – li bosta riċerkaturi jirreferu għalih ukoll bħala aggressjoni relazzjonali – jinkludi fih dak kollu li jsir minn wara dahar il-vittma, fosthom, is-seksik u tixwix fuq persuna/i, u tixrid ta' xnigħat foloz fuq xi ħadd. Anke li

buli jipperswadi lil ħaddieħor biex jiżola lil persuna (it-tbarrija soċjali) jitqies bħala bulliżmu indirett. Fl-istess ħin, però, it-tbarrija soċjali hemm min iqisha bħala kategorija ta' bbuljar totalment għaliha (Smith u Ananiadou, 2003). Fi kliem aktar sempliċi, mela, il-bulliżmu dirett jirreferi għall-aggressjoni li sseħħ wiċċ imb wiċċ, filwaqt li l-bulliżmu indirett ikun jinvolvi terzi persuni.

Tajjeb ngħid li hemm kunsens fil-maġġorparti tal-istudji dwar il-punt li l-bulliżmu dirett huwa sinonimu ħafna aktar mas-subien milli mal-bniet, b'kuntrast mal-bulliżmu indirett li huwa ferm iżjed komuni fost il-bniet. Waħda mir-raġunijiet għal dan, skont Rivers u Smith (1994), huwa l-fatt li l-bniet għandhom tendenza akbar mis-subien li jbatu iżjed, ngħidu aħna, bit-tbarrija soċjali, milli b'bulliżmu fiżiku.

### *1.4.2. Is-cyberbullying*

Ir-riċerka dwar l-aggressjoni elettronika, jew aħjar, is-*cyberbullying*, bdiet tiżviluppa sew mill-2004 'il quddiem (Smith, 2011). Ortega et al. (2012, p. 342) jiddefinixxu s-*cyberbullying* bħala:

> "A form of bullying that uses electronic means such as email, mobile phone calls, text messages, instant messenger contact, photos, social networking sites and personal webpages, with the intention of causing harm to another person through repeated hostile conduct."

Smith (2012, kif ikkwotat f'Jimerson et al., 2011) jiddistingwi l-bulliżmu tradizzjonali mis-*cyberbullying* abbażi ta' 7 karatteristiċi: (1) il-bulliżmu elettroniku jkun jinvolvi bilfors xi forma ta' apparat elettroniku; (2) is-*cyberbullying* huwa primarjament forma ta' bbuljar indirett u allura jista' jseħħ b'mod anonimu; (3) kawża ta' punt (2), ħafna drabi l-buli, għal ċerta tul ta' żmien, ma jkunx qed jara r-reazzjonijiet tal-vittma u kif qed jirreaġixxi għal dak li qed iwettaq fuqu hu

(sakemm minn episodju ta’ *cyberbullying* ma jwassalx għal episodju ta’ bbuljar wiċċ imb wiċċ); (4) l-irwol tal-*bystanders* – li niddiskutih fid-dettall aktar ’il quddiem – f’episodju ta’ bbuljar elettroniku huwa ħafna iżjed kumpless mill-irwol tagħhom f’episodju ta’ bbuljar tradizzjonali; (5) filwaqt li motiv komuni l-għala individwu jinvolvi ruħu fil-kultura tal-bulliżmu huwa l-istatus soċjali – kunċett li wkoll nidħol dwaru ’l quddiem – fis-*cyberbullying* dan ma japplikax; (6) filwaqt li l-udjenza f’episodju ta’ bulliżmu tradizzjonali ħafna drabi tkun limitata (prż. gruppi żgħar ta’ tfal oħra li qed jaraw ġlieda sseħħ fil-bitħa tal-iskola), l-udjenza fil-każi ta’ *cyberbullying* tista’ tkun ħafna akbar (prż. episodju li jkun jinvolvi xi tixrid ta’ ritratti/vidjows fuq *Facebook* u allura l-udjenza tista’ tgħid li tkun prattikament kull min juża l-*Facebook*); (7) għall-kuntrarju ta’ episodji ta’ bulliżmu tradizzjonali, huwa diffiċli ħafna biex vittma jaħrab minn episodji ta’ bulliżmu elettroniku minħabba li t-teknoloġija tinsab kullimkien madwarna (prż. fuq il-mowbajl, l-Internet u l-bqija).

## 1.5. In-nies involuti fil-kultura tal-bulliżmu

Skont Yang u Salmivalli (2013), tliet ‘kategoriji’ ta’ nies jistgħu jkunu involuti f’episodju ta’ bbuljar: il-‘buli pur’ (li fil-veru sens tal-kelma huwa l-buli li jibbulja biss lil ħaddieħor mingħajr ma qatt jisfa vittma hu), il-‘vittma pur’ (li fil-veru sens tal-kelma huwa l-vittma li jiġi bbuljat biss, jiġifieri ma jirreaġixxix lura għall-buli), u l-‘buli/vittma’ (dak il-buli li jibbulja lil ħaddieħor iżda jiġi bbuljat huwa wkoll).

Mill-istudju ta’ Salmivalli et al. (1996), l-ewwel studju sistematiku li ttratta għall-ewwel darba l-irwoli diversi li jeżistu fil-kultura tal-bulliżmu, ħareġ ċar li l-idea li episodju ta’ bulliżmu jinkludi biss buli u vittma hija totalment żbaljata. Flaspohler et al. (2009, p. 638) ikomplu jaffermaw dan

meta jargumentaw li "Bullying is a social process that rarely involves a simple dyadic interaction between a child who is bullying and a child who is being bullied." Tant hu hekk, li Salmivalli et al. (1996) ikkonkludew li fil-fatt jeżistu sitt irwoli differenti: ir-*ringleader bullies* jew aħjar il-kapijiet (li jieħdu l-inizjattiva huma), il-*follower bullies* (li mbagħad jaqbżu għall-buli billi jintervjenu u jidħlu fl-istorja huma wkoll), ir-*reinforcers* (li jinkoraġġixxu indirettament lill-buli billi jagħmlulu l-kuraġġ u/jew joqogħdu jidħqu bil-vittma bl-iskop li jgħinu lill-buli), id-*defenders* (li jaqbżu għall-vittma billi jidħlu huma fl-istorja ta' bejn il-buli u l-vittma), il-*bystanders* jew aħjar l-*uninvolved* (dawk l-individwi passivi li jkunu qegħdin hemm preżenti sempliċiment biex josservaw mingħajr ma jintervjenu) u l-vittmi nfushom (dawk l-individwi li jisfaw ibbuljati mill-buli/jiet).

### *1.5.1. Il-buli*

Olweus (1978; 1997) jidentifika żewġ tipi ta' bulijiet: il-bulijiet attivi, jew aħjar l-aggressivi, u dawk passivi. Il-bulijiet aggressivi huma l-aktar tipi komuni ta' bulijiet: dawk l-aggressuri li jieħdu l-inizjattiva huma u li kontinwament jipprovokaw lil ħaddieħor bil-għan li eventwalment jagħtu bidu għal att ta' bulliżmu. Dawn it-tipi ta' bulijiet għandhom it-tendenza li jkollhom personalità b'saħħitha ħafna u aggressiva, 'taqbżilhom iċ-ċinga' malajr, u l-imġiba tagħhom tkun tirrifletti l-karba għad-dominanza fuq ħaddieħor; li jiddominaw studenti oħra. Fi kliem ieħor, dawn il-bulijiet jemmnu li l-imġiba aggressiva u vjolenti tagħhom hija l-arma li twassalhom għal dak li jridu jiksbu. Għall-kuntrarju tal-maġġorparti tar-riċerka, Olweus isostni li dawn it-tip ta' bulijiet ħafna drabi jkunu kunfidenti fihom infushom, u ma jkollhom l-ebda diffikultà bis-*self esteem* tagħhom. Anzi, il-maġġoranza tagħhom isibuha faċli ħafna biex jagħmlu l-ħbieb u jkomplu ma' ħaddieħor (Weir, 2011).

Il-bulijiet passivi, mill-banda l-oħra, ma jiħdux l-inizjattiva huma biex jibdew xi episodju ta' bbuljar. Minflok, joqogħdu lura u jistennew l-ewwel lill-bulijiet aggressivi jieħdu l-inizjattiva huma. Fil-fatt, Olweus jirreferi għal dawn it-tip ta' bulijiet ukoll bħala *followers* jew *henchmen* (1997, p. 500). Madanakollu, ladarba l-bulijiet aggressivi jibdew l-argument, il-bulijiet passivi jidħlu kif ngħidu bil-Malti 'b'ruħhom u b'ġisimhom' fl-istorja, tant li l-imġiba tagħhom issir ugwali għal dik tal-bulijiet aggressivi. Bil-kontra tal-bulijiet aggressivi, il-bulijiet passivi għandhom it-tendenza li jkunu aktar anzjużi u inċerti dwarhom infushom.

Madanakollu, minkejja d-differenzi ta' bejn il-bulijiet aggressivi u dawk passivi, fl-aħħar mill-aħħar iż-żewġ tipi huma bulijiet. Fil-fatt, Olweus (1991, kif deher f'Ma et al., 2011) jiddeskrivi l-bulijiet tipiċi – irrispettivament minn jekk ikunux aggressivi jew passivi – bħala tfal li normalment ikunu fiżikament b'saħħithom, offensivi, traskurati u b'tendenza li juru nuqqas ta' empatija lejn ħaddieħor. B'żieda ma' dan, ħafna drabi l-aggressuri jkunu ġejjin minn ambjent familjari biered jew imħarbat, fejn il-vjolenza tkun kważi kważi n-norma, u/jew fejn il-komunikazzjoni u l-affezzjoni meħtieġa jkunu minimi – jekk, terġa' u tgħid, ikunu qatt preżenti.

#### *1.5.1.1. Xi jrid il-buli?*

Tipikament, f'kull grupp – jew aħjar *gang* ta' bulijiet – ikun hemm dawk il-waħdiet li jmexxu l-grupp kollu, magħrufin bħala l-kapijiet, jew kif issejħilhom Salmivalli (2010), ir-*ringleader bullies*. Aktar tard f'din id-dissertazzjoni, nispjega kif b'xorti tajba ħafna, wieħed mill-parteċipanti ta' dan l-istudju (li kien propju l-kap ta' grupp ta' bulijiet) provdieli informazzjoni siewja ħafna dwar l-irwol tiegħu: x'kienu r-responsabbiltajiet tiegħu bħala kap, ir-regoli stabbiliti tal-grupp, għaliex kien propju hu li kellu dan l-irwol, u diversi punti oħra ta' interess.

Ħafna riċerkaturi, inklużi Olweus (1993) u Salmivalli (2010) – tnejn mill-aktar riċerkaturi prominenti ta' dan il-qasam – jissuġġerixxu li l-motiv ta' xi jwassal biex individwu jidħol fiċ-ċiklu vizzjuż tal-bulliżmu, huwa propju dan l-istatus soċjali. L-istatus jirreferi għall-"Outcome of an evaluation of attributes that produces differences in respect and prominence" (Keltner, Gruenfeld u Anderson, 2003, p. 265), fi kliem ieħor, il-qagħda soċjali fil-grupp ta' bulijiet li tindika li aktar ma buli jkun dominanti u b'saħħtu, aktar se jkollu pożizzjoni għolja f'din il-ġerarkija. Din l-idea ta' status soċjali bħala motiv għall-bulliżmu, li hija sinonima b'mod speċjali mas-subien u l-ġuvintur, kienet il-punt ta' tluq għal bosta studji internazzjonali. Pożizzjoni għolja f'din il-ġerarkija timplika, mela, li l-bulijiet se jkunu ħafna iżjed ammirati u rispettati minn ħaddieħor (Björkqvist, Ekman u Lagerspetz, 1982), u li se jingħataw aktar prestiġju mingħand sħabhom. Wieħed jifhem il-għala, allura, il-bulijiet jagħmlu minn kollox biex jagħżlu l-vittmi adattati għalihom:

> "If bullies want status, they should be likely to choose their victims, as well as the time and place for their attacks, to best serve the achievement of this goal. Bullies are indeed selective in their aggression, choosing victims who are submissive, insecure of themselves, physically weak and in a low-power, rejected position in the group" (kif deher f'Salmivalli, 2010, p. 113).

*1.5.1.2. Motivi oħra*

Ta' min insemmi li l-motivi għall-bulliżmu nittrattahom bir-reqqa fil-kapitli tal-analiżi, u allura m'iniex se nidħol f'daqstant dettall dwarhom f'dan l-istadju. Madanakollu, tajjeb nagħmel referenza ħafifa għal uħud minnhom biex il-qarrej jibda jiffamiljarizza ruħu aktar magħhom.

Qabelxejn, tajjeb li wieħed jifhem il-għala r-riċerka tixhed li dan l-istatus soċjali huwa l-iżjed motiv komuni – għall-inqas fil-każ tas-subien – il-għala aggressur jasal jibbulja lil ħaddieħor. Għall-argument, minn mindu jkunu għadhom żgħar, "Boys are required to prove that they are 'real

boys' in ways that mark them masculine, even macho" (Epstein et al., 2001, p. 135). Intant, ir-riċerka turi li wieħed mill-modi ta' kif is-subien juru li huma 'tassew subien' huwa propju billi jibbuljaw u jaggredixxu lil ħaddieħor, fejn ħafna drabi jkun jinvolvi bbuljar fiżiku. Fil-każ tal-bniet, mill-banda l-oħra, ir-riċerka tindika – għall-inqas skont il-maġġorparti tal-letteratura li qrajt jiena – li l-motiv l-aktar komuni jidher li huwa t-tbarrija soċjali. Riżultat ta' dan, il-bulliżmu, partikolarment dak fiżiku, nistgħu ngħidu li huwa parti minn *gender-identity* (Renold, 2007) ladarba jiġi assoċjat ta' spiss ma' kultura ta' maskulinità.

Kif diġà semmejt, minbarra l-istatus soċjali, it-tip ta' ambjent li wieħed jitrabba fih, kif ukoll it-tip ta' familja li individwu jitrawwem fiha, għandhom sehem importanti ħafna wkoll fl-argument ta' x'inhuma wħud mill-fatturi li jwasslu biex persuna tasal taggredixxi lil ħaddieħor. Żewġ raġunijiet oħra għall-bulliżmu, li f'dan l-istudju joħorġu fid-deher, huma l-għira (prż. li tista' tkun għal raġunijiet diversi) u b'mod speċjali l-vendetta: it-tpattija u l-vendikazzjoni tal-vittma fuq il-buli abbażi ta' dak li jkun sofra fil-passat. Fatturi komuni oħra li jwasslu għall-aggressjoni, fost oħrajn, jistgħu jkunu kawża tal-karatteristiċi fiżiċi ta' persuna, eżempju minħabba t-tul u l-ħxuna tagħha, id-daqs tal-imnieħer u l-widnejn eċċ., inkluż tfal b'diżabbiltà fiżika u intellettwali (MEDE, 2014).

Għad li dawn il-fatturi huma lkoll validi, fl-istess ħin ta' min ngħidu li din it-tip ta' letteratura hija kontroversjali għax tiffoka biss fuq il-karatteristiċi tal-individwu u mhux fuq il-kuntest soċjali u fatturi kuntestwali oħra (ara sezzjoni 1.5.4.).

### *1.5.2. Il-vittma*

Bħal fil-każ tal-bulijiet, Olweus (1978; 1997) jargumenta li l-vittmi jistgħu jkunu ta' żewġ tipi: il-vittmi passivi, magħrufin ukoll bħala l-vittmi klassiċi, u dawk provokattivi. Il-vittmi passivi huma

kkunsidrati bħala l-aktar tipi komuni ta' vittmi. Dawn mhux talli ma jipprovokaw bl-ebda mod lil ħaddieħor, imma talli ftit li xejn, jekk qatt, li jirreaġixxu lura għall-bulijiet (prż. li jipprovaw jiddefendu lilhom infushom billi jirreaġixxu kontrih) u minflok, jibqgħu għalkollox passivi. Carrera, DePalma u Lameiras iżidu jgħidu li dawn il-vittmi huma "Characterized by reactions of anxiety and submission" (2011, p. 481). Għaldaqstant, dawn il-fatturi kollha jagħmlu lil dawn il-vittmi b'mod partikolari ferm iżjed vulnerabbli u suxxettibbli biex jisfaw aggrediti.

Għall-kuntrarju, il-vittmi provokattivi, jew kif jirreferu għalihom Schwartz, Proctor u Chien (2001), il-vittmi aggressivi, jirrappreżentaw grupp żgħir ta' vittmi li l-imġiba nebbiexa u provokattiva tagħhom ikollha mnejn tiffastidja lil ħaddieħor, bir-riżultat li ħafna drabi jwasslu għal episodju ta' bbuljar. B'kuntrast mal-vittmi passivi li huma sensittivi ħafna, u jippreferu joqogħdu pass lura milli jaqilgħu l-inkwiet (Benitez u Justicia, 2006), il-vittmi provokattivi ħafna drabi jkunu enerġetiċi u fuq tagħhom iżżejjed, aggressivi, protettivi, u jitilfu malajr il-kontroll. Għaldaqstant, din l-imġiba ostili tagħhom spiss twassal għal nuqqas ta' rispett, u saħansitra anke iżolament soċjali kemm min-naħa tat-tfal l-oħra, kif ukoll min-naħa tal-għalliema. Fi kliem Carrera, DePalma u Lameiras (2011, p. 482), "The provocative victim combines the anxiety reaction model with an aggressive response, provoking irritation and feelings of rejection not only among peers but also among teachers."

Bosta huma – u kienu – ir-riċerkaturi li ppruvaw joħorġu b'konklużjonijiet ta' xi jwassal biex persuna tispiċċa vittma tal-bulliżmu. Ir-riċerka turi li t-tfal li jkunu maqtugħin għalihom waħidhom, dawk fiżikament jew psikoloġikament inqas b'saħħithom minn ħaddieħor, jew faċilment iffastidjati u li ma jkollhomx ħbieb min jaqbeż għalihom huma wħud mill-aktar fatturi komuni li jwasslu biex persuna tkun f'riskju akbar ta' vittimizzazzjoni. Barra minn hekk,

b'kuntrast mal-familji tal-bulijiet, ħafna drabi l-vittmi jkunu ġejjin minn familji li jkunu protettivi żżejjed (prż. irawmuhom fi fsied żejjed; ma jgħallmuhomx kif għandhom ikunu indipendenti) dwar it-tfal tagħhom (Besag, 1989).

Ta' min ngħidu li din il-letteratura, li l-maġġorparti tagħha ġejja mill-qasam tal-psikoloġija, għad li minn banda hija validissima, mill-banda l-oħra hija problematika u kontroversjali wkoll. Dan għaliex ħafna drabi tittimbra lill-vittmi bħala persuni 'dgħajfa' (Taylor, Wood u Lichtman, 1983), u agħar minn hekk, titfa' 'dell ikrah' u kważi kważi titfa' l-ħtija kollha fuqhom ta' dak kollu li jiġrilhom (prż. it-terminu vittmi 'provokattivi' li bħal donnu qed jimplika li huwa t-tort tagħhom jew li ħaqqhom jiġu bbuljati). F'kelma waħda, din it-tip ta' letteratura tippatoloġizza lill-vittmi: ngħidu aħna, il-vittmi jistgħu jkunu fiżikament u/jew psikoloġikament b'saħħithom daqs ħaddieħor iżda sempliċiment ma jixtiqux/ma jridux li jiġġieldu lura lill-bulijiet. Dan ma jagħmilx lill-vittmi 'dgħajfin' jew bħallikieku għandhom xi ħaġa inqas minn ħaddieħor – kif xi drabi tpenġihom il-letteratura tal-psikoloġija – imma hija kwistjoni ta' 'ma jixtiqux/ma jridux' li jirreaġixxu lura għall-bulijiet.

### *1.5.3. Il-buli/vittma*

Mir-riċerka disponibbli s'issa, huwa evidenti sewwasew li min-nies involuti fil-kultura tal-bulliżmu, mhumiex il-bulijiet puri jew il-vittmi puri li jinsabu fl-akbar riskju ta' problemi u kumplikazzjonijiet fuq saħħithom, iżda huma l-bulijiet/vittmi:

> "Bully/victims are usually described as highly maladjusted, even more so than 'pure bullies' and 'pure victims': they have both externalizing and internalizing problems, high risk for alcohol use and mental health problems" (Yang u Salmivalli, 2013, pp. 723-724).

Minn dak li ħareġ mill-istudju tagħhom, Yang u Salmivalli (2013) urew li filwaqt li l-bulijiet puri kienu l-aktar popolari mal-bqija tat-tfal fl-iskejjel (prż. kellhom l-akbar ammont ta' ħbieb), il-vittmi puri u b'mod speċjali l-bulijiet/vittmi – bħalma tikkonferma l-bqija tal-maġġorparti tar-riċerka f'dan il-qasam – kienu l-inqas popolari mat-tfal l-oħra, u l-inqas li sabu għajnuna u sapport mingħand l-għalliema. Dan l-iżbilanċ fil-popolarità mat-tfal ta' bejn il-bulijiet, il-vittmi, u l-bulijiet/vittmi, iqiegħed lill-vittmi u b'mod partikolari lill-bulijiet/vittmi f'riskju ferm akbar ta' vittimizzazzjoni (Salmivalli, 2010), l-għaliex ir-riċerka turi li nqas ma' wieħed ikollu ħbieb min jista' jaqbeż għalih u jappoġġjah, aktar hemm ċans li dan jisfa aggredit. F'kelma waħda, allura, il-bulijiet/vittmi jinsabu f'ċiklu vizzjuż li diffiċli ħafna biex joħorġu minnu. Wara li wieħed jieħu dawn il-fatturi kollha f'kunsiderazzjoni, mhux ta' b'xejn, mela, li l-bulijiet/vittmi huma l-aktar li jbatu minn problemi ta' *self-esteem* (Arseneault, Bowes u Shakoor, 2010), u minn diversi kumplikazzjonijiet oħra. Aktar 'il quddiem nissustanzja dan l-argument b'diversi eżempji minn dak li ħareġ minn dan l-istudju (prż. nuri kif dawn vera kienu l-iżjed li batew, u l-aktar li kienu 'jaslu,' meta mqabbla mal-bulijiet u l-vittmi puri). Fi kliem Demanet u Van Houtte, "These students [il-bulijiet/vittmi] are bullies, and hence are not to be toyed with" (2012, p. 108).

### *1.5.4. Id-dikotomija individwu-kuntest soċjali*

Mil-lenti psikoloġika, il-letteratura tikkunsidra l-'individwu' (jiġifieri l-personalità u l-karatteristiċi tiegħu) innifsu bħala r-raġuni l-għala wieħed jispiċċa buli, vittma jew buli/vittma. B'kuntrast ma' din il-viżjoni, madanakollu, mill-perspettiva soċjoloġika l-individwu ma jibqax il-kaġun ta' dan, iżda huma l-kuntest soċjali u fatturi kuntestwali oħra, bħalma huma l-kultura tal-iskola, l-ambjent li wieħed jitrabba fih, l-istruttura u t-tip ta' familja tat-tfal, l-involviment ma' ħbieb delinkwenti u l-bqija (Espelage u Swearer, 2010). L-aċċessibbiltà għall-armi (inkluż l-armi

tan-nar) u l-esponiment ta' vjolenza frekwenti fil-komunità li wieħed ikun jgħix fiha wkoll huma assoċjati mal-aggressjoni fit-tfal (Espelage, Bosworth u Simon, 2000).

Din il-ħarsa wiesgħa lejn il-kuntest soċjali bħala l-kawża li jwassal biex persuna tispiċċa involuta fil-kultura tal-bulliżmu, aktar milli l-karatteristiċi tal-individwu, jispjegawha tajjeb Nickerson et al. (2010):

> "While early studies tended to adopt a pathological and essentialist framework, an increasingly social-ecological model in the last decade has helped shift attention from the individual to contextual factors in terms of school, family, and neighborhood relationships" (kif deher f'Carrera, DePalma u Lameiras, 2011, p. 484).

Bażikament, il-kritika tas-soċjoloġija lejn il-psikoloġija fir-rigward ta' dan l-aspett, timplika li jekk hemm kuntest soċjali li qed jinfluwenza lil persuni biex jinvolvu ruħhom fil-kultura ta' bulliżmu, mela allura kwalunkwe persuna tista' tkun buli, vittma u/jew buli/vittma u mhijiex aktar kwistjoni ta' karatteristiċi tal-individwu.

## 1.6. L-ibbuljar f'Malta: Il-kuntest lokali

Sfortunatament, ir-riċerka disponibbli s'issa dwar il-bulliżmu f'pajjiżna hija ferm limitata, b'mod speċjali r-riċerka kwalitattiva li aktar milli tittratta l-persentaġġi u l-frekwenza, iżjed tipprovdi informazzjoni mill-qrib u dettaljata ta' dan il-fenomenu. Fl-istess ħin, madanakollu, l-ammont ta' riċerka li teżisti hija biżżejjed biex tagħti bejn wieħed u ieħor stampa ċara tas-sitwazzjoni hawn Malta, u fuq kollox biex tkompli toħroġ fid-deher il-kumplikazzjonijiet li jġib miegħu l-bulliżmu fuq dawk kollha involuti.

Minn wieħed mill-aktar studji importanti dwar l-ibbuljar fil-kuntest lokali (dak ta' Borg, 1999), fejn ġew investigati l-emozzjonijiet tal-bulijiet u tal-vittmi b'rabta mal-esperjenzi tagħhom, irriżulta li l-problema tal-bulliżmu fl-iskejjel f'pajjiżna hija waħda pjuttost serja u mifruxa. Minn studju ieħor tiegħu (Borg, 1998), ġie konkluż li mir-riżultati miksuba, wieħed minn kull tliet studenti huma involuti fil-kultura tal-bulliżmu jew bħala bulijiet, jew bħala vittmi. Ħareġ ukoll li l-aktar forom komuni ta' bbuljar fl-iskejjel tal-Istat li bbaża l-istudju tiegħu fuqhom, kienu jinvolvu: gideb dwar il-vittmi, tgħajjir, swat u tbarrija soċjali, bl-aktar postijiet popolari fejn iseħħ il-bulliżmu ġol-bitħa tal-iskola u ġol-klassi rispettivament. Riżultat ieħor kemxejn inkwetanti li ħareġ minn dan l-istudju kien il-fatt li minbarra li ħafna minn dawn l-istudenti qegħdin ibatu sforz dan il-fenomenu, agħar minn hekk, mhumiex qed ifittxu l-appoġġ u l-għajnuna meħtieġa.

Kif nispjega tajjeb fil-bidu tat-tieni kapitlu, wieħed mill-għanijiet tiegħi f'dan ix-xogħol huwa fil-fatt li nkompli nibni fuq l-istudju ta' Borg (1998) billi nindaga iżjed fil-fond – iżda minn perspettiva kwalitattiva minflok minn għajn kwantitattiva – dwar l-esperjenzi ta' bbuljar li jgħaddu minnhom dawn l-individwi, u l-effetti riżultat ta' dan il-fenomenu.

## 1.7. L-effetti tal-bulliżmu

Ir-riċerka turi li l-effetti tal-bulliżmu fuq dawk involuti jistgħu jkunu jew *short term* (dawk immedjati u/jew temporanji) jew *long term* (dawk kumulattivi fuq perjodu twil ta' żmien). Għall-kuntrarju ta' kif jaħsbu ħafna nies, l-effetti kkawżati mill-bulliżmu ma jaffettwawx biss lill-vittmi, iżda anke lill-bulijiet u lill-*bystanders* (Smith, 2011).

Fil-każ tal-vittmi b'mod partikolari, li jħossuhom imbeżżа', waħidhom, u anzjużi huma wħud mill-effetti l-iżjed komuni. Il-vittimizzazzjoni tista' twassal ukoll għal problemi psikoloġiċi, problemi ta' rqad, u riskju akbar li wieħed jaqa' f'vizzji ta' sustanzi illegali (Kuykendall, 2012), fosthom ta' abbuż mid-droga, u tipjip u konsum ta' alkoħol minn età żgħira. Għal raġunijiet ovvji, mingħajr ma jridu vittmi ta' bulliżmu fi skola għandhom tendenza kbira li jibdew jistkerrhu l-ambjent tal-iskola, u eventwalment jibdew jagħmlu minn kollox biex ma jmorrux aktar. Riżultat ta' dan kollu, jiżdied ukoll ir-riskju ta' falliment akkademiku. Agħar minn hekk, "Long-term consequences in adulthood of being bullied as a child include psychosis, depression, poor self-esteem, and abusive relationships" (Vanderbilt u Augustyn, 2010, p. 316). Trattament simili deher fl-istudju ta' Wolke et al. (2013) fejn ikkonkludew li fil-fatt, it-tfal li jkunu involuti f'din il-kultura (kemm bħala vittmi u bulijiet, u b'mod speċjali bħala bulijiet/vittmi) minn età żgħira, ikunu f'riskju ferm akbar li meta jikbru jkollhom kumplikazzjonijiet fuq saħħithom, problemi finanzjarji u anke problemi fir-relazzjonijiet soċjali tagħhom ma' ħaddieħor – effetti li kif nuri 'l quddiem, kollha kienu komuni fost il-vittmi u l-bulijiet li ħadu sehem f'dan l-istudju.

Il-*bystanders,* dawk l-individwi li josservaw atti ta' aggressjoni b'għajnejhom iżda ma jintervjenux, ukoll jiġu affettwati b'mod negattiv (Salmivalli, 2010; Shore, 2005), ħafna drabi mingħajr ma jkunu konxji li dak qed jaraw fil-fatt qed iħalli impatt fuqhom, u agħar minn hekk, fuq il-buli u l-vittma li jkunu quddiemhom. Salmivalli (2010) targumenta li ħafna drabi waqt episodju ta' bulliżmu, il-*bystanders* isibu ruħhom f'dilemma morali: minn banda huma jkunu konxji li dak li qed jaraw b'għajnejhom huwa ħażin u għandu jitwaqqaf minnufih b'xi mod jew ieħor, iżda fl-istess ħin huma jirrealizzaw ukoll li jekk jiddeċiedu li jintervjenu, hemm il-possibbiltà li jisfaw aggrediti huma wkoll. Għaldaqstant, minbarra li hemm iċ-ċans li jibqgħu mbeżżа' sforz dak li jkunu raw, dawn it-tfal ħafna drabi jiddeċiedu li jibqgħu passivi u ma jieħdu

l-ebda azzjoni. Riżultat ta' dan, filwaqt li dawn il-*bystanders* ikun mingħalihom li l-preżenza tagħhom hija newtrali – mhi qed tħalli l-ebda effett fuq il-buli jew il-vittma – inkonxjament l-irwol tagħhom ta' *bystanders* ikun qed ikompli jiggrava s-sitwazzjoni billi jkunu sempliċiment preżenti għall-episodju mingħajr ma jintervjenu. Dan għaliex "Bullies, who often wish to demonstrate power to their peers, need bystanders and are fuelled by their reinforcement" (Saarento, Garandeau u Salmivalli, 2015, p. 210). Dan ikompli jafferma li l-bulliżmu huwa tassew att soċjali: huwa att li ħafna drabi jkun akkumpanjat u rinforzat bis-saħħa ta' xi forma ta' udjenza.

Schreier et al. (2009) isostnu li għalkemm l-effetti tal-bulliżmu huma dejjem negattivi, l-impatt tagħhom jiddependi ħafna mill-gravità u mill-frekwenza tal-ibbuljar. F'kelma waħda, mela, b'kuntrast ma' dawk it-tfal li jkunu għaddew minn esperjenza ta' darba ta' bulliżmu f'ħajjithom, dawk li jkunu sofrew minn bulliżmu sever (prż. li jkun ilu għaddej b'mod frekwenti għal perjodu twil ta' żmien), ikunu f'riskju ferm akbar għal xelta ta' problemi psikoloġiċi u emozzjonali. Sfortunatament, però, ir-riċerka tindika li huma verament ftit dawk it-tfal li jgħaddu minn esperjenza waħda biss ta' bbuljar f'ħajjithom.

Is-suwiċidju kkawżat minn bulliżmu sever jitqies bħala l-aktar effett traġiku li jista' jħalli dan il-fenomenu fuq individwu (Kim u Levanthal, 2008).

## 1.8. X'jista' jsir?

Għad li l-iskop tiegħi għal dan ix-xogħol mhuwiex primarjament li nistħarreġ il-modi ta' prevenzjoni kontra l-ibbuljar, ta' min nagħmel referenza għal xi strateġiji li skont ir-riċerka, huma

effettivi għall-battalja kontra l-bulliżmu. Madanakollu, billi dan huwa qasam kompletament għalih, m'iniex se nidħol f'ħafna dettall.

Qabelxejn, it-tfal involuti fil-bulliżmu għandhom jitkellmu minnufih ma' adult li jafu li se jismagħhom, li jafdawh, u li lest jieħu azzjoni meħtieġa – li jista' jkun xi ħadd mill-ġenituri, is-surmast tal-iskola, jew xi għalliem partikolari, u l-bqija – l-importanti li t-tfal jiftħu qalbhom ma' xi ħadd li jafdaw fih. Rivers u Smith (1994) jinsistu li għandu jkun fid-dmir ta' kull skola li tinkoraġġixxi u tħeġġeġ lill-istudenti kollha biex jitkellmu mal-ewwel dwar dak li qed jgħaddu minnu, għax huma konxji biżżejjed li wieħed mill-akbar żbalji li jagħmlu ħafna tfal li jkunu bbuljati huwa li fil-fatt jingħalqu fihom infushom u ma jgħidu lil ħadd dwar is-sitwazzjoni tagħhom. Dan jiġri aktar u aktar fil-każijiet ta' bulliżmu indirett għax ħafna tfal ma jirrealizzawx li dan it-tip ta' bbuljar (prż. it-tgħajjir, it-tbarrija soċjali eċċ.) jagħmel ħsara daqskemm jagħmel il-bulliżmu fiżiku. Fi kliem Hunter u Borg, "It is only when victimization reaches a certain frequency that pupils perceive it to be serious enough to report to teachers and parents" (2006, p. 824).

Strateġija effettiva hija li kwalunkwe skola tistabbilixxi kultura ta' antibulliżmu billi l-membri kollha tal-istaff (l-amministrazzjoni, l-għalliema, il-ġenituri, l-istaff tat-tindif u l-bqija) jaħdmu b'mod kollettiv fejn kull membru jagħti sehmu f'din il-ħidma favur l-imġiba tajba fl-iskola (Il-Ministeru tal-Edukazzjoni, 1999). Madanakollu, bil-kliem biss nafu li ma jsir xejn, u għalhekk għandha tiġi mill-membri tal-istaff li jieħdu azzjoni meħtieġa kontra kull min iwettaq xi forma ta' bbuljar, u jittrattawhom bis-serjetà. Huwa b'dan il-mod li kultura ta' antibulliżmu tista' tkun prattika. Fl-istudju tiegħu, Olweus (2004) sab li l-iżjed fatturi effettivi għall-ġlieda kontra l-bulliżmu huma l-għaqda u l-komunikazzjoni fost l-għalliema, u li l-għalliema jkunu mgħarrfa sew fuq dan il-qasam: x'jista' jsir, x'inhu effettiv u x'mhuwiex, u l-bqija. Bi qbil ma' Olweus, Smith

(2011) jisħaq li huwa kruċjali li l-għalliema jkunu mħarrġa sew dwar kif għandhom jimmaniġġjaw kwalunkwe sitwazzjoni ta' aggressjoni għax huwa l-iżjed mod prattiku ta' kif tista' titnaqqas il-frekwenza tal-bulliżmu fl-iskejjel.

Kif juri Fuller (2013), għad li huwa minnu li rimedji faċli kontra l-ibbuljar ma jeżistux, hemm ċerta strateġiji li mhux talli mhumiex effiċjenti, iżda talli jkomplu jiggravaw is-sitwazzjoni għall-agħar. Fost uħud minn dawn l-istrateġiji li ma jaħdmux, skont Fuller, jinkludu: li vittma jiġġieled lura lill-buli – jew agħar minn hekk li jispiċċa jibbulja lill-buli – u/jew li l-vittma jingħalaq fih innifsu u jibqa' sieket dwar il-problema tiegħu.

## 1.9. Ir-riċerka kwalitattiva dwar il-bulliżmu

Il-biċċa l-kbira tal-istudji dwar il-bulliżmu adottaw metodi kwantitattivi (Forsberg u Thornberg, 2016), u għalhekk ir-riċerka kwalitattiva dwar dan il-qasam hija ferm limitata. Madanakollu, skont Mishna, Saini u Solomon (2009), metodoloġiji kwalitattivi dwar il-bulliżmu jagħtu l-opportunità lir-riċerkaturi janalizzaw b'aktar profondità l-proċessi u l-perspettivi tal-protagonisti. Fi kliemhom, "They are capable of discovering important discourses and nuances" (2009, p. 1222), li b'metodoloġiji oħra jista' jkun li ma jinkixfux.

Fl-istudju tagħhom fejn investigaw il-perspettivi ta' numru ta' tfal Żvediżi (ta' etajiet li jvarjaw bejn 9 u 14-il sena) dwar l-ibbuljar bl-użu tal-intervisti, l-iskop ta' Forsberg u Thornberg (2016) kien li jisimgħu bir-reqqa l-opinjonijiet tal-istudenti nfushom dwar 'kif' u 'għaliex' jaħsbu li jseħħ il-bulliżmu. Trattament simili deher fl-istudju ta' Hilario et al. (2014) li, permezz tan-narrattivi, iffukaw fuq l-esperjenzi ta' aggressjoni li għaddew minnhom numru ta' żgħażagħ, fejn deher li

ħafna minnhom kienu tal-opinjoni li l-bulliżmu huwa fażi 'normali' tat-trobbija u huwa wkoll inevitabbli għax "minn dejjem kien hekk" (u għalhekk l-isem tal-artiklu *It's Just Always Been Like That*). F'dawn l-istudji msemmija, bħalma jidher f'kull studju ieħor li jkun jinvolvi l-intervista bħala l-għodda għall-ġbir tad-data, dejjem hemm ir-riskju ta' limitazzjonijiet marbuta ma' dik li Bryman (2001) jirreferi għaliha bħala "validità ekoloġika" (kif deher f'Haralambos u Holborn, 2008, p. 816). Fi kliem ieħor, l-istejjer kif jirrappurtawhom il-parteċipanti skont l-esperjenzi individwali tagħhom ma jfissirx li jseħħu verament bl-istess mod f'sitwazzjonijiet reali. Jekk nieħdu l-istudju ta' Forsberg u Thornberg bħala eżempju, allura, l-għan tal-istejjer tal-parteċipanti tagħhom żgur ma kienx li jagħti stampa ta' x'jiġri f'sitwazzjoni 'reali' ta' bbuljar, iżda ritratt interpretattiv, dejjem skont dak li ngħad minnhom.

Għad li l-istudju ta' Riessman (2000) ma jittrattax is-suġġett tal-bulliżmu, tajjeb nagħmel referenza qasira għalih minħabba li fih xi aspetti simili li ltqajt magħhom jiena u niddiskuti d-data tiegħi fl-aħħar kapitlu. Fl-istudju tagħha dwar l-istigma u l-infertilità, Riessman tintervista lil "Gita" (mara ta' 55 sena) dwar il-korrimenti tat-tqala li kellha. Sforz l-istorja ta' Gita, l-awtriċi turi kif it-tifsiriet tal-esperjenzi tal-ħajja mhumiex statiċi, iżda jevolvu maż-żmien permezz ta' ġrajjiet li jkunu seħħew qabel: mela esperjenza tinfluwenza lill-oħra. Dan l-evolviment jidher sewwasew f'dawk li Riessman issejħilhom *turning points* tal-istejjer – dawk il-mumenti f'ħajjet il-parteċipanti li jagħmlu referenza għalihom li jkunu jindikaw bidla radikali f'perjodu minn ħajtu/ħajjitha, ħafna drabi sforz xi ġrajja jew esperjenza straordinarja.

## 1.10. Konklużjoni

Wara li tajt ħarsa dettaljata lejn dak li tgħid ir-riċerka dwar il-qasam tal-bulliżmu, huwa evidenti sewwasew li hawn bżonn qawwi ta' aktar riċerka kwalitattiva dwar dan il-qasam ta' studju tant vast u kumpless. Għaldaqstant, dan l-istudju eżiġa l-bżonn ta' metodoloġija kwalitattiva effettiva biex eventwalment ksibt riżultati validi li bihom komplejt nibni mal-letteratura disponibbli s'issa.

# 2. Il-Metodoloġija

## 2.1. Introduzzjoni

F'dan il-kapitlu nibda billi niddiskuti għaliex għażilt li nagħmel studju dwar dan il-qasam, x'ġegħelni nieħu din it-triq, ngħaddi għall-prinċipji tal-etika u r-raġunijiet tiegħi l-għala għażilt skola partikolari u mhux oħra, u xi karatteristiċi tal-parteċipanti li ħadu sehem f'dan l-istudju. Aktar 'il quddiem, nispjega fid-dettall kif u b'liema mod ġbart id-data tiegħi, għaliex għażilt metodu partikolari u mhux ieħor, il-benefiċċji u l-limitazzjonijiet tal-għodda metodoloġika magħżula, u nikkonkludi bl-istrument li bih ġbirt id-data.

## 2.2. L-għan tal-istudju

Ma nistax ma nsemmix il-fatt li meta kont iżgħar, jiena stess kont wieħed minn dawk involuti sewwasew fiċ-ċiklu vizzjuż tal-bulliżmu, fil-każ tiegħi bħala buli pur. Il-fatt li jiena bqajt hekk għal snin sħaħ – inkluż fis-snin tal-iskola Primarja u anke tas-Sekondarja – nista' ngħid li allura għal perjodu twil ħakmuni l-effetti tal-bulliżmu, tant li kif jgħid kull min jgħaddi minn dawn it-tip ta' esperjenzi, tibqa' tiftakarhom qisu lbieraħ. Eventwalment, meta grazzi għall-għajnuna kollha li sibt irnexxieli naqta' għalkollox minn din il-kultura, meta mbagħad bdejt nisma' stejjer simili ta' ħaddieħor, ġietni l-idea li l-istejjer reali ta' dawn l-individwi niġborhom flimkien fi studju li wieħed mill-għanijiet tiegħu jkun li jikxef ir-realtà kerha tal-bulliżmu fuq dawk kollha milquta.

Intant, l-ewwel studju sistematiku li beda juri indirettament din ir-realtà fl-iskejjel tagħna kien dak ta' Borg (1999), fejn investiga l-emozzjonijiet tal-bulijiet u tal-vittmi b'rabta mal-esperjenzi ta'

bbuljar tagħhom. Qed nuża l-frażi 'beda juri indirettament' għar-raġuni li l-iskop ewlieni ta' Borg (1999) ma kienx propju li jittratta mill-qrib dawn ir-reazzjonijiet – x'wassal biex jitqanqlu dawn ir-reazzjonijiet, l-effetti tagħhom u l-bqija – minflok l-interess primarju tiegħu kien li juri l-frekwenza u l-persentaġġi ta' dawn l-emozzjonijiet, liema minnhom kienu l-iżjed/l-inqas komuni, u l-bqija. Għaldaqstant, iddeċidejt li nkompli nespandi fuq dan il-qasam, b'uħud mill-ideat misluta minn ta' Borg (1999). Biss iżda, se nkun qed inkompli dan minn perspettiva kwalitattiva minflok minn lenti kwantitattiva. Mela l-iskop tiegħi mhuwiex se jkun, ngħidu aħna, li nirrappreżenta l-effetti tal-bulliżmu fuq il-parteċipanti f'persentaġġi u f'tabelli, iżda li ninvestigahom mill-qrib, dejjem abbażi ta' dak li jirrakkuntaw dwaru huma. Mil-lat fenomenoloġiku, l-għan tiegħi se jkun "To describe in detail the content and structure of the subjects' consciousness, to grasp the qualitative diversity of their experiences and to explicate their essential meanings" (Kvale, 1996, p. 53), u bit-tir li permezz tal-istejjer tagħhom tkompli tinfirex il-kuxjenza dwar ir-realtà iebsa tal-bulliżmu.

Il-mistoqsijiet fundamentali li din id-dissertazzjoni se tkun qiegħda tinvestiga huma dawn:

- Għal dawn il-parteċipanti li ħadu sehem f'dan l-istudju, il-fatt li fil-passat kienu jattendu skola partikolari – li ħafna nies jirreferu għaliha b'titli negattivi, fosthom, 'tal-imħarbtin,' 'tal-ġellidin' u 'tal-klassi l-baxxa,' u li tinsab f'żona li wkoll hija rinomata għar-reputazzjoni negattiva tagħha – kien wieħed mill-influwenzi soċjali li rrinforza l-involviment tagħhom fil-kultura tal-bulliżmu? Fuq kollox, huma jemmnu li din l-iskola u l-ambjent li tinsab fih huma sterjotipati b'mod negattiv għal xejn b'xejn, jew hemm xi raġunijiet għal dan? Jekk hemm, x'inhuma r-raġunijiet allura?

- Dawn il-parteċipanti, xi jqisu li kienu l-fatturi li wasslu biex ilkoll kemm huma jispiċċaw involuti f'din it-tip ta' kultura?

- X'kienu l-effetti – kemm dawk immedjati, kif ukoll dawk fit-tul – tal-bulliżmu fuq dawn l-individwi? Fuq l-edukazzjoni u l-karriera tagħhom? Fuq ir-relazzjonijiet soċjali tagħhom ma' ħaddieħor?

- Illum il-ġurnata li dawn l-individwi huma lkoll adulti, kif iħarsu lejhom dawn l-esperjenzi tal-passat: tgħallmu minnhom u għażlu li jħallu dak li ġara fil-passat, fil-veru sens tal-kelma fil-passat? Jew dak li għaddew minnu fl-imgħoddi għadu jitturmentahom sal-lum il-ġurnata?

## 2.3. Il-prinċipji tal-etika

Bħal f'kwalunkwe tip ta' studju, f'dan l-istudju kelli nieħu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa sabiex niżgura li jkun etiku għal dawk kollha involuti, kemm għalija, u b'mod speċjali għal dawk li ġew intervistati. Ikolli nammetti li minħabba s-sensittività qawwija li jġorr miegħu s-suġġett tal-bulliżmu, kelli nsegwi dawn il-prinċipji tal-etika b'ċerta serjetà liema bħalha. Biex niżgura dan, ikkonsultajt mad-dokument *Ethical Guidelines for Educational Research* (British Educational Research Association, 2011), u mal-linji-gwida tal-etika pprovduti mill-*University Research Ethics Committee* ta' Malta (UREC, 2007).

Wieħed mill-iżjed prinċipji bażiċi u fl-istess ħin importanti, huwa dak tal-parteċipazzjoni b'mod volontarju. Kif jinsistu Haralambos u Holborn (2008), f'kull tip ta' studju fejn hemm involuti n-

nies – kemm jekk huma tfal, adulti, anzjani, persuni b'diżabbiltà u l-bqija – iridu qabelxejn jifhmu fiex tikkonsisti eżattament ir-riċerka. Huwa biss wara li jkunu fiehmu fiex se jinvolvu ruħhom li għandhom jaċċettaw jipparteċipawx jew le. Fil-każ tiegħi, avolja l-parteċipanti li ħadu sehem kont diġà nafhom minn qabel, xorta waħda avżajthom minn qabel li l-għażla jipparteċipawx hija għalkollox f'idejhom. Barra minn hekk, qabel kull intervista dejjem provdejtilhom żewġ formuli: waħda biex iżommuha għalihom, bl-informazzjoni rigward l-istudju biex jaqrawha u jifhmu eżatt fiex jikkonsisti dan ix-xogħol u x'mistenni minnhom, u l-oħra biex inżommha jiena, fejn jagħtuni l-kunsens tagħhom biex nintervistahom (ara l-Appendiċi). Fost l-oħrajn, f'dawn l-ittri infurmajthom eżattament dwar xiex inhu l-istudju, kif se nkun qed niġbor id-data tiegħi u li din se tinżamm b'mod sikur f'kompjuter bil-*password*, it-tul bejn wieħed u ieħor tal-intervista, li se jkunu rrekordjati b'mod anonimu billi jingħataw ismijiet oħra (psewdonimi), u fuq kollox li jistgħu jieqfu jipparteċipaw fi xħin iridu, tkun xi tkun ir-raġuni.

Prinċipju simili għal dak li għadni kif tkellimt dwaru, kien dak tal-iżvelar tal-identità tiegħi. Intant, fl-ittra ta' informazzjoni pprovdejtilhom ismi u kunjomi, in-numru tal-mowbajl u l-indirizz elettroniku tiegħi, il-kors li qed insegwi u l-ismijiet tal-professuri li qed jiggwidawni f'din ir-riċerka. Iżjed importanti minn hekk, ktibtilhom it-titlu komplut ta' dan ix-xogħol: dan bil-għan li jkunu jafu preċiżament l-intenzjoni tal-istudju u dwar xiex mistennija li jitkellmu. F'kelma waħda, il-fatt li huma kienu mgħarrfa b'sal-iċken dettall tal-istudju u bid-dettalji kollha dwari, kien bżżejjed biex jirrealizzaw li dan ix-xogħol huwa ġenwin u li ma għandi l-ebda intenzjoni li naħbi xi informazzjoni minnhom.

Minħabba s-sensittività li jġorr miegħu s-suġġett tal-bulliżmu, meta ġejt biex niżgura l-ħarsien tal-informanti, ħadt diversi prekawzjonijiet neċessarji sabiex kemm jista' jkun innaqqas l-iskonfort

tagħhom. Tajjeb ngħid li minkejja li jiena u l-parteċipanti konna nafu sew lil xulxin minn qabel, bħalma diġà għedt, xorta waħda offrejtilhom diversi modi u alternattivi biex nipproteġi s-sigurtà tagħhom. Dan għamiltu billi:

- Imxejt għall-mistoqsija ta' wara (jiġifieri ma bqajtx ninsisti) meta bdejt ninduna li kien hemm min beda jħossu xi daqsxejn skomdu jirrakkonta dwar l-esperjenzi tiegħu/tagħha waqt xi mistoqsija partikolari.

- Aċċertajt li l-mistoqsijiet kienu jiffukaw aktar fuq il-ġrajjiet u l-esperjenzi ta' bbuljar, iżjed milli fuq l-emozzjonijiet tagħhom (propjament dan ippjanajtu l-iżjed minn qabel l-intervisti nfushom, jiġifieri waqt il-formulazzjoni tal-mistoqsijiet).

- Provdejt lil kull parteċipant isem u numru tal-mowbajl ta' psikologu li jispeċifika fuq l-għoti ta' pariri professjonali (*counselling psychologist*) wara kull intervista, biex f'każ ta' bżonn jikkuntattjaw lilu għall-għajnuna (tajjeb ngħid li lil dan il-psikologu kont tkellimt miegħu fil-bidu meta bdejt naħdem fuq dan il-proġett, u kien aċċetta minnufih li jgħin lill-informanti f'każ li jkun hemm bżonn).

Matul l-istudju kollu, żgurajt li nirrispetta l-prinċipju tal-kunfidenzjalità bil-għan li l-ismijiet tal-iskola, tal-parteċipanti u ta' dawk kollha li ssemmew waqt l-intervisti, kif ukoll tal-komunità, jibqgħu għalkollox anonimi. Dan wettaqtu billi tajt isem fittizju (psewdonimu) lil kull persuna jew post imsemmija li b'xi mod jew ieħor setgħu jikxfu jew iqanqlu suspett dwar l-identità tal-parteċipanti, ta' terzi persuni, tal-iskola, u fuq kollox tal-komunità. Fi kliem Bulmer, ir-riċerkatur għandu jiżgura li "Identities, locations of individuals and places are concealed in published results,

data collected are held in anonymized form, and all data are kept securely and confidentially" (1982, p. 225). Huwa għalhekk li minn issa 'l quddiem nirreferi għal-lokal u għall-iskola tal-informanti, bil-psewdonimi 'il-Kala' u 'l-iskola tal-Forti' rispettivament.

Finalment, minħabba li jiena kont 'riċerkatur-ħabib' għal dawn il-persuni, kelli nsegwi prinċipju ieħor, dak tal-pożizzjonalità tiegħi. Kif nuri tajjeb aktar 'il quddiem (ara sezzjoni 2.6.3), għalkemm il-letteratura tafferma li r-riċerkaturi tassew ikollhom ċerta vantaġġi meta jkunu jafu lill-parteċipanti minn qabel ma tinġabar id-data, hemm ukoll diversi prekawzjonijiet u limitazzjonijiet li wieħed irid ikun preparat għalihom.

## 2.4. Għaliex din l-iskola partikolari?

Għad li importanti ngħid li din l-iskola li qed nibbaża dan l-istudju fuqha tinsab fil-madwar tal-Port il-Kbir, m'iniex se nsemmi liema hi speċifikament sabiex nipproteġi l-identità tal-iskola. Madanakollu, huwa importanti li nagħti r-raġunijiet tiegħi l-għaliex għażilt li nibbaża dan ix-xogħol fuq din l-iskola Primarja partikolari:

- Ibda biex, jiena personali kont nattendi skola li kienet simili ħafna – partikolarment f'dik li għandha x'taqsam ir-reputazzjoni tal-iskola – għal dik li qed nibbaża dan l-istudju fuqha; u li wkoll tinsab fl-inħawi tal-Port il-Kbir. Barra minn hekk, kelli u għad għandi sal-lum il-ġurnata, qraba tiegħi li jattendu l-iskola tal-Forti. Riżultat ta' dan kollu, jiena familjari ħafna mal-kuntest tal-iskola tal-Forti (kemm ma' dak li kien hemm fil-passat kif ukoll ma' dak li hemm illum il-ġurnata) u għalhekk nista' nifhem u nirrelata ħafna ma' dak li jgħidu l-protagonisti.

- L-esperjenzi ta' bulliżmu bħala buli pur li ġarrabt jien fl-iskola li kont nattendi xtaqt li jkolli l-opportunità naqsamhom mal-qarrejja permezz ta' din it-teżi fejn inkun nista' nsemma' leħni (partikolarment fl-aħħar kapitlu) flimkien ma' dak tal-protagonisti biex b'hekk l-istejjer li għaddejna minnhom aħna nsarrfuhom fi studju sinifikanti.

- Abbażi tar-reputazzjoni negattiva li kellha (u mir-riżultati mistħarrġa, għad għandha) l-iskola tal-Forti, ridt li nqajjem kuxjenza dwar il-ħsara kbira li jġibu magħhom l-isterjotipi fuq l-iskejjel, b'mod speċjali fuq it-tfal li jkunu jattendu dawn l-iskejjel li jkollhom isimhom 'imħammeġ.'

## 2.5. Il-parteċipanti

Il-parteċipanti li ħadu sehem f'dan il-proġett huma tmienja, erba' rġiel u erba' nisa. L-etajiet tagħhom ivarjaw bejn l-20-60 sena, raġel u mara ta' età f'kull differenza ta' għaxar snin – jiġifieri raġel li għandu bejn l-20-30 sena, ieħor li għandu bejn it-30-40 sena, raġel li għandu bejn l-40-50 sena, u ieħor bejn il-50-60 sena – u l-istess fil-każ tan-nisa. Il-varjabbli tal-età ridt invarjah apposta sabiex inkun nista' nistħarreġ aħjar jekk kienx hemm xi snin partikolari meta din l-iskola kienet f'sitwazzjoni aħjar jew agħar f'dak li għandu x'jaqsam ma' bulliżmu.

Tnejn mill-parteċipanti (ir-raġel u l-mara ta' bejn l-20-30 sena) ilni nafhom snin vis-a-vis il-qraba tiegħi billi kienu l-iskola Primarja flimkien. Tliet parteċipanti oħra mit-tmienja sirt nafhom permezz ta' organizzazzjoni tal-futbol li konna nattendu żmien ilu; tnejn oħra permezz ta' organizzazzjoni tal-festa taż-żoni tagħna; parteċipant ieħor iltqajt miegħu snin ilu meta konna nieħdu sehem fl-istess kumpanija tal-karnival. Mulhall (2003) jammetti li xi drabi l-għażla tal-

informanti tkun influwenzata minn kemm tkun faċli l-aċċessibbiltà għalihom. Għad li jkolli nammetti li fil-każ tiegħi kont kważi ċert li dawn se jaċċettaw mill-ewwel malli nistaqsihom, fl-istess ħin kelli bilfors inkun selettiv fl-għażla tagħhom. Dan għaliex minbarra li ovvjament ried ikollhom xi forma ta' esperjenza/ġrajja personali ta' bbuljar biex ikunu eleġibbli, kellhom bilfors ukoll jattendu l-iskola tal-Forti. Mela bħala rekwiżiti, l-informanti ried ikollhom esperjenza/i marbuta ma' bulliżmu fil-passat, u li lkoll kemm huma kienu jattendu l-istess skola Primarja.

Ta' min ngħid li kienu propju l-parteċipanti nfushom li wassluni biex nieħu interess qawwi f'dan is-suġġett. It-tmienja li huma, sa minn qabel ma ħsibt li nibda proġett dwar dan il-qasam, kienu tkellmu u fetħu qalbhom miegħi u ġieli anke ma' nies oħra, dwar l-esperjenzi tagħhom ta' bbuljar f'din l-iskola. Għaldaqstant, dan wassal biex tant żmien wara, iddeċidejt li nikkuntattja lil dawn l-individwi li kienu tkellmu miegħi wieħed wieħed, iridux jagħtu sehemhom f'din id-dissertazzjoni billi jirrakkuntaw l-esperjenzi tagħhom tal-passat. F'kelma waħda, min-naħa tiegħi ma kien hemm l-ebda sfurzar biex dawn in-nies jagħtu sehemhom; minflok, kienu huma stess li bl-esperjenzi diffiċli tagħhom riedu jqajmu kuxjenza dwar l-importanza tal-prevenzjoni ta' bbuljar fl-iskejjel tagħna.

Swanwick (1994) isostni li ħafna drabi r-riċerkaturi jagħżlu lil dawk il-parteċipanti li, sforz ir-relazzjoni tajba ta' bejniethom, ikunu – jew kważi jkunu – konvinti li se jaċċettaw minnufih biex jieħdu sehem fl-istudju. Fil-każ tiegħi, nemmen tassew li l-fatt li kelli relazzjoni tajba ma' dawn in-nies wassal biex jiftħu aktar qalbhom miegħi dwar l-esperjenzi tagħhom li ma' xi ħadd li bilkemm jafu, af kienu jevitaw milli jirrakkuntaw dwarhom. B'żieda ma' dan, ikolli nammetti li l-fatt li l-protagonisti kienu kampjun ta' skop (individwi li jikkwalifikaw mar-rekwiżiti ta' dan l-istudju) u ta' konvenjenza (individwi li naf personalment u għalhekk kienet ferm iżjed faċli għalija

biex nagħmel kuntatt magħhom) wassal biex ikolli iżjed aċċess għal data ġenwina. Ngħiduha kif inhi, mhix faċli ssib lil xi ħadd li bilkemm jafek li jaċċetta li tintervistah għal intervista ta' madwar siegħa-siegħa u nofs, aħseb u ara meta kien hemm il-possibbiltà li jiġi intervistat għal darb'oħra.

Finalment, inħoss li l-iżjed ħaġa li wasslet biex dawn l-intervisti jkunu ta' suċċess huwa l-fatt li jiena u l-informanti għandna xejriet simili – kollha għaddejna minn esperjenzi simili li jirrigwardaw il-bulliżmu (min minna bħala buli, min bħala vittma u min bħala buli/vittma), noqogħdu f'lokalitajiet li huma qrib xulxin, kemm ġeografikament kif ukoll kulturalment (lokalitajiet li lkoll kemm huma jagħmlu parti mill-inħawi tal-Port il-kbir), attendejna skejjel li minħabba r-reputazzjoni negattiva tagħhom kellhom isimhom 'imħammeġ,' għandna gosti u opinjonijiet simili, u l-bqija. Fi kliem Cohen, Manion u Morrison, "It is axiomatic that common sympathies and mutual respect are prerequisites for the success of a life history project" (2000, p. 166).

Biex il-qarrej jibda jiffamiljarizza ruħu mal-informanti li taw sehemhom f'dan l-istudju, se nuri xi punti bijografiċi importanti f'forma ta' tabella fuq kull wieħed u waħda minnhom (il-bijografija kompluta tagħhom nittrattaha fil-kapitli tal-analiżi). Mela f'din it-tabella ninkludi biss l-informazzjoni l-aktar essenzjali li għandu jkun jaf il-qarrej għalissa. Ikolli nammetti li meta ġejt għas-selezzjoni tal-parteċipanti, ma kinitx biċċa xogħol faċli li nasal niddeċiedi kif u b'liema mod se 'nikkategorizzahom' taħt bulijiet u/jew vittmi għar-raġuni li wħud minnhom, irriżulta li kienu fil-fatt bulijiet/vittmi. Għaldaqstant, f'każ ta' dawk li kienu bulijiet/vittmi, imxejt fuq l-identità partikolari li waslu huma stess għaliha; ma kontx jien li 'kkategorizzajthom' iżda striħajt fuq l-irwol li qalu li ħadu huma. Wara kollox, tajjeb ngħid bil-quddiem li kif nissustanzja fl-aħħar kapitlu b'diversi eżempji validi, din l-idea li nħarsu lejn iż-żewġ binarji (sempliċiment buli jew vittma)

b’mod daqstant distakkat hemm bżonn li titwessgħa aktar b’tali mod li tkun aktar fluwida, aktar milli bħala idea statika. Huwa f’dan is-sens meta qed ngħid li mhijiex biċċa xogħol daqstant sempliċi li tasal taqta’ linja bejn iż-żewġ binarji.

Biex il-punti bijografiċi jinftiehmu aħjar mill-perspettiva tal-parteċipanti rispettivi, slitt partijiet ta’ taħdit mingħandhom biex titfisser u tkun enfasizzata aħjar l-informazzjoni l-aktar utli għall-qarrej (l-informazzjoni ikkwotata mid-diskors tal-parteċipanti se tkun fi ħdan il-virgoletti “ ”). Tajjeb ngħid li ħadt il-permess meħtieġ mingħand kull parteċipant biex matul dan l-istudju, b’mod speċjali fil-kapitli tal-analiżi, nislet u nikkwota xi diskors minn tagħhom (Kvale, 1996) biex insaħħaħ aħjar l-argumenti u r-riżultati miksuba. Finalment, tajjeb infakkar għal darb’oħra li l-ismijiet tal-individwi, tal-iskola, tal-komunità u ta’ terzi persuni huma kollha ismijiet fittizji.

### *2.5.1. Il-Parteċipanti Maskili*

| | Stefan | Albert | Leli | Feliċ |
|---|---|---|---|---|
| Età | 20-30 | 30-40 | 40-50 | 50-60 |
| Trobbija | Trabba u għex ma' ħutu u m'ommu. | Trabba u għex ma' ħutu u m'ommu ġo kerrejja. | Trabba u għex ma' ħutu u missieru f'żona li kienet rinomata sew għat-"tgerfix u t-taħwid." | Trabba u għex ma' ħutu u ma' missieru ġo kerrejja. |
| Kompożizzjoni tal-familja | Għandu 3 aħwa. Lil missieru ma jafux. | Għandu 5 aħwa. Lil missieru, il-ftit li kien jarah, jiftakru dejjem fis-sakra. | Għandu 5 aħwa. Missieru u ommu kienu separati. Lil ommu tilifha ta' età żgħira riżultat ta' kanċer aggressiv. | Kienu 6 aħwa (illum 4). Missieru u ommu kienu separati. Lil ommu tilifha ta' età żgħira riżultat ta' kanċer aggressiv. |
| Kultura tal-familja | Tħalla jagħmel pjuttost li jrid minħabba li ommu kienet tkun dejjem ix-xogħol, bir-riżultat li kellu jfendi għal rasu minn età żgħira. | Ommu kienet tagħmel ħilitha biex Albert ikun indipendenti. Missieru, mill-banda l-oħra, kien jerfa' jdejh fuqu b'mod frekwenti. | Oħtu l-kbira kienet iżżomm ħafna idha u spiss kienet terfa' jdejha fuq Leli meta tinduna li qed jiġi bbuljat. | Mal-mewt t'ommu, missieru "tħarbat u beda jonfoq ġidu kollu fil-vizzji," bir-riżultat li beda jabbanduna għalkollox lil uliedu. |
| *Bully-status* | Vittma pur | Buli pur | Maż-żmien sar buli (iżda fil-bidu kien vittma) | Maż-żmien sar buli (iżda fil-bidu kien vittma) |
| Edukazzjoni | Waqaf mill-iskola fil-*Form* 4. | Waqaf mill-iskola fil-*Form* 4. | Waqaf mill-iskola fil-*Form* 3. | Waqaf mill-iskola fil-*Form* 4. Ta' mezza età ta u ġab numru ta' eżamijiet taċ-ĊES, inkluż tal-Matrikola. |
| Il-karriera (fiż-żmien preżenti) | Illum jaħdem f'ħanut. | Illum jaħdem bħala fattiga. | Illum jaħdem f'fabbrika. | Illum jaħdem f'fabbrika. |

*Tabella 1: Il-Parteċipanti Maskili*

### *2.5.2. Il-Parteċipanti Femminili*

| | Brenda | Marika | Lourdes | Tessie |
|---|---|---|---|---|
| Età | 20-30 | 30-40 | 40-50 | 50-60 |
| Trobbija | Trabbiet u għexet ma' ħutha u ma' missierha. | Trabbiet u għexet ma' ommha u oħtha ż-żgħira ġo flett "mimli b'familji mkissrin." | Trabbiet u għexet ma' ommha u missierha, u ma' ħutha. | Trabbiet u għexet ma' ommha u missierha, iżda l-aktar ma' missierha. |
| Kompożizzjoni tal-familja | Għandha 4 aħwa. Ommha telqet mid-dar ftit qabel ma twieldet Brenda. | Għandha oħtha. Lil missierha ma tafux. | Għandha 7 aħwa. | Għandha 5 aħwa. Lil ommha tilfitha ta' età żgħira riżultat tal-kanċer. |
| Kultura tal-familja | Tħalliet tagħmel dejjem li trid minħabba li missierha "qatt ma kellu l-iċken idea ta' x'inhi dixxiplina." | Tħalliet tagħmel dejjem li trid għax ommha ma kinitx tagħti kasha minħabba li dejjem kienet tkun ix-xogħol. | Ommha u missierha kienu jużaw tattiċi ta' dixxiplina li jinvolvu swat kbir. Il-ġenituri tagħha kienu stretti ħafna ma' wliedhom. | Ommha – il-ftit li laħqitha – u missierha kienu jużaw tattiċi ta' dixxiplina li jinvolvu swat kbir. Il-ġenituri tagħha kienu stretti ħafna ma' wliedhom. |
| *Bully-status* | Vittma pura | Buli pura | Vittma pura | Maż-żmien saret buli (iżda fil-bidu kienet vittma) |
| Edukazzjoni | Waqfet mill-iskola fil-*Form* 4. | Waqfet mill-iskola fil-*Form* 4. | Waqfet mill-iskola fil-*Form* 4. | Waqfet mill-iskola fil-*Form* 3. |
| Il-karriera (fiż-żmien preżenti) | Illum taħdem f'ħanut. | Ma taħdimx. | Waqfet mix-xogħol xi ftit tas-snin ilu biex trabbi lil familja tagħha. | Waqfet mix-xogħol snin ilu biex trabbi lil familja tagħha. |

*Tabella 2: Il-Parteċipanti Femminili*

## 2.6. Il-ġbir tad-data

Naturalment, il-metodu li jagħżlu r-riċerkaturi għall-ġbir tad-data jiddependi għalkollox mill-għanijiet tal-istudju, u fuq kollox mit-tip ta' data li jkollhom it-tir li jiġbru. Li r-riċerkaturi jagħżlu l-għodda metodoloġika adattata għall-istudju tagħhom mill-bidu nett huwa pass għaqli ferm li jista' jiffrankalhom ħafna ħin u diffikultajiet iżjed 'il quddiem. Fl-aħħar mill-aħħar, jagħżlu liema għodda jagħżlu, l-aktar ħaġa importanti hija li l-għodda tkun "Capable of providing the type of information that you need" (Costley, Elliott u Gibbs, 2010, p. 92).

### *2.6.1. L-għażla tal-għodda metodoloġika*

F'każ li d-data tkun tinvolvi statistiċi jew persentaġġi, u fejn ikunu involuti numru kbir ta' parteċipanti, jaqbel li r-riċerkaturi jirrikorru għal metodoloġija kwantitattiva – eżempju kwestjonarji u/jew servejs li għalihom jistgħu jintużaw *softwares* elettroniċi li jiffaċilitaw ħafna l-proċess tal-ġbir tad-data (Denscombe, 2014), bħalma huma l-IBM SPSS (Statistical Package for the Social Sciences) u l-SAS (Statistical Analysis System) fost oħrajn. Mill-banda l-oħra, għal data aktar dettaljata li min-natura tagħha titlob analiżi mill-qrib u b'ċerta attenzjoni, ir-riċerkaturi għandhom jinqdew b'metodoloġija kwalitattiva, fosthom, bl-użu ta' intervisti (jew *life history interviews*), *focus groups* jew permezz ta' *participant observations*. Bħalma għal data kwantitattiva jintużaw l-IBM SPSS u l-SAS, għal data kwalitattiva jintużaw l-NVivo u l-MAXQDA. Madanakollu, bħalma diġà aċċennajt għalih, dan dejjem jiddependi mis-suġġett u l-għanijiet li jkollhom f'moħħhom ir-riċerkaturi. Għall-argument, Qu u Dumay (2011) jagħmluha ċara li l-metodu tal-*focus groups* mhuwiex rakkomandat għal suġġetti sensittivi – mela fil-każ tiegħi, pereżempju, dan il-metodu żgur li ma kienx prattiku.

Minflok jagħżlu minn bejn dawn iż-żewġ metodi, ir-riċerkaturi jistgħu jinqdew ukoll bil-metodu ta' trijangulazzjoni fejn jagħmlu użu mit-tnejn li huma biex jaslu għal "Fuller understanding of an event" (Macleod-Brudenell, 2004, p. 423). Madanakollu, kif jargumentaw Creswell u Plano Clark, huwa importanti li r-riċerkaturi jkunu kapaċi jiddistingwu bejn "'Multi-method studies' in which multiple types of qualitative or quantitative data are collected from 'mixed methods studies' that incorporate collecting both qualitative and quantitative data" (2007, p. 273).

Għaldaqstant, wara li wżint sew il-benefiċċji u l-limitazzjonijiet tal-metodoloġiji diversi, u ġaladarba l-għan primarju tiegħi f'dan l-istudju huwa li neżamina bir-reqqa kif dawn it-tmien individwi li kienu jattendu l-iskola tal-Forti jipperċepixxu l-esperjenzi varji ta' bbuljar u l-impatt li dan il-fenomenu ħalla fuq ħajjithom matul is-snin, kien għaqli li bħala għodda għall-ġbir tad-data tiegħi nuża l-*life history interview*, li naturalment tagħmel mal-metodoloġija kwalitattiva. Dan għaliex "The proper subject-matter of historical research consists to a great extent of verbal and other symbolic material emanating from a society's or a culture's past" (Cohen, Manion u Morrison, 2000, p. 1654), il-qofol tar-riċerka kwalitattiva.

### *2.6.2. Il-proċedura tal-intervista*

M'hemmx mod wieħed partikolari biss kif għandha ssir *life history interview*. Biss però, l-esperti f'dan il-qasam jagħmluha ċara li mhux kulħadd huwa kapaċi u għandu l-kwalitajiet meħtieġa biex jinqeda b'dawn it-tip ta' intervisti b'mod effettiv. Waħda mir-raġunijiet għal dan huwa l-fatt li l-*life history interview* hija aktar adattata għal dawk ir-riċerkaturi kurjużi li jaffaxxinaw ruħhom bid-dinja u bl-istejjer ta' ħaddieħor. Fi kliem Goodson u Sikes, "It requires the researcher to be the sort of person that people want to talk to" (2008, p. 20). Aktar minn hekk, titlob riċerkaturi li minbarra

li jridu jkunu lesti jisimgħu l-istejjer ta’ ħaddieħor u jissimpatizzaw magħhom, għandhom ikunu kapaċi jinterpretaw u janalizzaw b’mod professjonali dak li jkun intqal.

Ħafna nies jaħsbu li tħejji u tagħmel intervista hija biċċa xogħol sempliċi, u li kulħadd jista’ faċilment jagħmilha. Madanakollu, meta ssir intervista ta’ ‘kafkaf’ u mingħajr ippjanar effettiv, jista’ jwassal għal riżultati diżappuntanti u għalhekk tkun opportunità moħlija (Hannabuss, 1996). L-ewwel u qabel kollox, huwa importanti li wieħed ikun kapaċi jiddistingwi l-intervista regolari minn *life history interview*. Min-natura tagħha, il-*life history interview* tvarja minn intervista regolari għall-fatt li tal-ewwel titlob mill-parteċipanti rakkont storiku u kuntestwali ta’ ħajjithom. Intant, kien biss bis-saħħa tal-*life history interview* li seta’ jkolli stampa sħiħa u kompluta ta’ ħajjet dawn l-individwi, sa minn meta kienu għadhom tfal sal-lum il-ġurnata li huma adulti. Għaldaqstant, li kieku ma ħadtx dawn il-fatturi kollha f’kunsiderazzjoni jiena u nippjana l-intervisti, il-probabbiltà li dawn l-intervisti kienu jkunu ta’ suċċess kienet tkun baxxa ħafna.

Meta r-riċerkaturi jagħżlu l-intervista bħala l-istrument ewlieni għall-ġbir tad-data, iridu qabelxejn iżommu dejjem f’moħħhom li l-intervista ma tkun tiswa xejn jekk fil-madwar ikun hemm l-istorbju li jista’ jtellef mill-kwalità tal-intervista. Fil-fatt, dan hu żball komuni li jagħmluh ħafna riċerkaturi, li ma jqisux sew fejn għandha ssir l-intervista minn qabel għall-aħjar kwalità possibbli (Isaac, 2017). Fil-każ tiegħi, billi t-tmien parteċipanti li huma ħallew l-għażla tal-post f’idi – avolja għamilthielhom ċara kemm-il darba (inkluż fl-ittra ta’ kunsens) li l-għażla tal-post hija għalkollox f’idejhom u li setgħu jagħżlu post adattat li jridu huma – dawn baqgħu jinsistu biex nagħżlu jiena. Għaldaqstant, ħtaft din l-opportunità u ġietni l-idea li l-intervisti nagħmilhom f’maħżen li għandi aċċess għalih, u li jafu bih l-informanti. Ngħiduha kif inhi, minħabba s-sensittività tas-suġġett li l-informanti riedu jitkellmu dwaru, mhux talli ried ikun post għall-kwiet biss (u allura seta’ ġara li

ma kinitx tkun idea għaqlija li naċċetta kull fejn jgħiduli huma), iżda kemm jista' jkun 'il bogħod min-nies biex żgur ma jħossuhomx imbarazzanti.

Din l-għażla tal-maħżen bħala l-post fejn issir l-intervista, mhux talli kienet ta' suċċess kbir mal-informanti għax stajna noqogħdu għall-kwiet mingħajr ebda telfien, iżda billi huwa maħżen li l-parteċipanti huma familjari sew miegħu, huma ħassewhom komdi mal-ewwel, aktar u aktar minħabba li l-ambjent tal-maħżen kien wieħed pjuttost informali (Mellor et al., 2014). Biżżejjed ngħid li huma stess irringrazzjawni u ammettew miegħi li ma setax ikun post aħjar fejn issir l-intervista għax ħassewhom rilassati u kunfidenti mal-ewwel, għall-kuntrarju ta' post pubbliku fejn seta' kien hemm mumenti fejn kienu jħossuhom skomdi.

Ġaladarba wasalna l-maħżen u poġġejna bilqiegħda, kien imiss pass kruċjali fejn it-tnejn li aħna (l-informant u jiena) ridna bħal speċi nħejju ruħna mentalment għall-intervista: "The interviewer must establish an atmosphere in which the subject feels safe enough to talk freely about his or her experiences and feelings" (Kvale, 1996, p. 125). Dan irnexxieli nwettqu qabelxejn billi 'ħloqt' ambjent informali ħafna (Mellor et al., 2014), u anke offrejtilhom xi tejiet, kafejiet, gallettini u *croissants*. Ikolli nammetti li anke affarijiet żgħar bħal dawn għamlu differenza kbira fil-mod ta' kif tajt bidu għall-intervista l-għaliex bil-fatt li offrejtilhom xi ħaġa żgħira tal-ikel u xorb irnexxieli 'inkisser' l-idea li intervista tkun bilfors formali, u għaldaqstant daħlu fid-diskussjoni minnufih. "Being relaxed, contented and articulate influences the kinds of accounts told" (Mellor et al., 2014, p. 139). Iżda mhux biss: dan wettaqtu wkoll billi qabel kull intervista, dejjem żgurajt li nqatta' daqsxejn tal-ħin nitħaddet mal-parteċipant dwar ħwejjeġ 'il barra mill-aspett tal-intervista, jiġifieri dwar affarijiet li jikkonċernaw il-ħajja ta' kuljum. Dan sar bl-iskop li jilħaq jikkalma u jrabbi l-kunfidenza fl-informanti.

Ħalli nagħmilha ċara: għad li qattajt xi ftit tal-ħin nitħaddet mal-parteċipanti dwar affarijet tal-ħajja ta' kuljum, żgurajt li fl-ebda ħin jew mument ma nagħti jew insemmi xi opinjonijiet tiegħi personali dwar is-suġġett innifsu tal-bulliżmu sabiex nibqa' għalkollox newtrali mill-bidu nett tal-intervista sal-aħħar. Ir-riċerka f'dan ir-rigward hija ċara: Holstein u Gubrium (2003, p. 13) jissuġġerixxu li "Interviewers are generally expected to keep their 'selves' out of the interview process. *Neutrality is the byword*." Wieħed għandu faċilment jifhem dan id-diskors il-għaliex jekk ir-riċerkaturi jagħtu l-pożizzjoni tagħhom dwar il-qasam li jkunu se jiddiskutu mal-parteċipanti, ovvjament se jinfluwenzaw u 'jtappnu' id-data.

Malli rajt lill-parteċipanti rilassati u kalmi, staqsejthom bil-galbu jekk iħossuhomx ippreparati biex nibdew l-intervista. Ladarba huma tawni l-kunsens tagħhom li l-intervista tista' tibda, fakkarthom għall-aħħar darba li se nixgħel ir-rekorder u li se nqiegħdu fin-nofs tal-mejda fejn jista' jaqbad l-ilħna tagħna t-tnejn b'mod ugwali.

Tajjeb ngħid li l-intervisti kienu semistrutturati u b'mistoqsijiet miftuħa. L-intervista semistrutturata hija l-aktar waħda komuni fost il-metodi kollha ta' riċerka kwalitattiva (Alvesson u Deetz, 2000). Din it-tip ta' intervista:

> "Involves prepared questioning guided by identified themes in a consistent and systematic manner interposed with probes designed to elicit more elaborate responses. Thus, the focus is on the interview guide incorporating a series of broad themes to be covered during the interview to help direct the conversation toward the topics and issues about which the interviewers want to learn" (Qu u Dumay, 2011, p. 246).

B'żieda ma' dan, meta qed ngħid mistoqsijiet miftuħa, qed ngħid li "Open-ended questions allow the respondents to compose their own answers rather than choosing between a number of given

answers" (Haralambos u Holborn, 2008, p. 823). Il-mistoqsijiet tal-intervisti kienu ta' żewġ tipi: dawk imfassla għall-bulijiet u dawk għall-vittmi. Ir-raġuni l-għala l-mistoqsijiet kienu differenti minn ta' xulxin hija ovvja, għax dak li ridt nikseb mingħand il-bulijiet kien differenti minn dak li ridt nakkwista mill-vittmi.

Il-mistoqsijiet taż-żewġ tipi ta' intervisti, kienu maqsuma fi tliet partijiet il-waħda. L-ewwel parti kienet tikkonsisti minn mistoqsijiet dwar it-trobbija tal-parteċipanti, l-ambjent fejn trabbew u l-komunità fejn għexu, u l-iskola tal-Forti (din l-ewwel sezzjoni kienet eżattament l-istess għall-bulijiet u għall-vittmi). It-tieni parti – il-qalba tal-intervista – kienet il-parti fejn l-informanti kellhom l-opportunità jirrakkuntaw u jimirħu dwar dak kollu li għaddew minnu u li jiftakru fi żmienhom, u dwar l-impatt li ħalla l-bulliżmu fuq ħajjithom (din is-sezzjoni kienet il-parti li kienet differenti minn ta' xulxin). It-tielet u l-aħħar parti kienet tikkonsisti minn speċi ta' konklużjoni fejn il-parteċipanti ntalbu jgħaddu messaġġ għal dawk kollha li xi darba għaddew – qegħdin jgħaddu jew għadhom iridu jgħaddu – minn esperjenzi simili li għaddew minnhom huma, u xi opinjonijiet/kummenti oħra li xtaqu jsemmu qabel tintemm l-intervista (din is-sezzjoni kienet komuni għall-bulijiet u għall-vittmi).

*2.6.2.1. L-ewwel sezzjoni tal-intervista*

L-iskop prinċipali tal-ewwel sezzjoni tal-intervista, li kienet tittratta mistoqsijiet dwar it-trobbija, l-ambjent tad-dar, il-Kala u l-iskola tal-Forti, żgur ma kienx li niġġudika jew li nitfa' lil dawn l-individwi taħt keffa waħda – sempliċiment taħt vittmi jew bulijiet – iżda li tgħinni niskopri x'inhuma l-elementi komuni f'ħajjet dawn l-individwi, u kif huma jinterpretaw il-kuntest soċjali li kibru fih. Barra minn hekk, mistoqsijiet introduttivi bħal dawn għenu biex il-parteċipanti

jiffukaw u jidħlu fl-intervista mill-aktar fis (Kvale, 1996). Simili għal dan, Goodson u Sikes (2008) isostnu li f'*life history interview*, l-ewwel ħaġa li għandha ssir hija li l-parteċipanti jingħataw iċ-ċans jiftħu fuq avvenimenti ewlenin (li huma jsejħulhom *effective time-lines*) minn ħajjithom (fosthom, it-trobbija tagħhom u l-ambjent tad-dar, xi ġrajjiet tal-passat li forsi ħallew xi impatt fuqhom, il-komunità li għexu fiha u l-bqija). Huwa għalhekk li fil-każ tiegħi, l-ewwel sezzjoni tal-intervista kienet tikkonsisti appuntu minn mistoqsijiet bħal dawn li l-iskop ewlieni tagħhom kien li jagħti ċ-ċans lill-parteċipanti jiftħu fuq dawn l-avvenimenti li skont Goodson u Sikes (2008), huma kruċjali għal bidu effettiv.

*2.6.2.2. It-tieni sezzjoni tal-intervista*

It-tieni parti tal-intervista (il-parti li kienet differenti minn ta' xulxin), kienet il-qalba tal-intervista: il-parti fejn il-parteċipanti kellhom il-kontroll u fetħu fid-dettall dwar kif u b'liema mod għaddew mill-esperjenzi tagħhom, l-irwol li kellhom fil-kultura tal-bulliżmu, l-effetti li ħalla l-bulliżmu fuq ħajjithom, kif immaniġġjaw is-sitwazzjonijiet tagħhom, u aspetti oħra li fil-kapitli tal-analiżi nidħol fid-dettall dwar kull wieħed minnhom. Kien f'dan l-istadju tal-intervista fejn saru l-aktar *probing questions* u *specifying questions* (Kvale, 1996) biex niżgura li kont qiegħed nifhem sew dak li kienu qed jirrakkuntaw dwaru l-parteċipanti u naċċerta li qed insegwi magħhom. Kien propju wkoll f'din it-taqsima li rrealizzajt li d-dikotomija simplistika *buli vs. vittma* hija wisq riġida – b'mod speċjali fil-letteratura. Huwa minnu li jiena fformulajt mistoqsijiet separatament għall-bulijiet u għall-vittmi, iżda kif nuri aktar 'il quddiem, ħareġ biċ-ċar li ħafna drabi jkun hemm bosta elementi u karatteristiċi li huma komuni għat-tnejn li huma. Tliet mistoqsijiet prominenti f'din is-sezzjoni kienu l-aħħar tlieta fejn il-parteċipanti intalbu jiddeskrivu l-impatt tal-bulliżmu fuq l-edukazzjoni u l-karriera tagħhom, u r-relazzjonijiet soċjali tagħhom ma' ħaddieħor.

*2.6.2.3. It-tielet sezzjoni tal-intervista*

L-aħħar parti tal-intervista kienet tikkonsisti minn żewġ mistoqsijiet. L-ewwel mistoqsija fformulajtha apposta bil-għan li nara x'inhuma l-ħsibijiet aħħarija tal-parteċipanti dwar l-iskola tal-Forti: jemmnux li din kienet rinforzatur fl-involviment tagħhom fil-kultura tal-bulliżmu, x'jaħsbu li kien jiġri li kieku attendew skola differenti minn dik tal-Forti, u l-bqija. L-aħħar mistoqsija jkolli nammetti li kienet aktar magħmula biex l-informanti jispiċċaw l-intervista fuq nota pożittiva fejn setgħu jgħaddu messaġġ ta' kuraġġ lil dawk in-nies li bħalissa għaddejjin minn esperjenzi simili, milli għal ħaġa oħra. B'żieda ma' dan, hawnhekk kellhom ukoll l-aħħar opportunità jgħaddu xi kummenti jew messaġġi oħra li xtaqu jikkonkludu bihom. "This gives the subject an additional opportunity to deal with issues he or she has been thinking or worrying about during the interview" (Kvale, 1996, p. 128).

Kull darba li l-intervista rispettiva waslet fi tmiemha, staqsejt lill-parteċipanti jixtiqux, u fuq kollox huwiex possibbli, li jagħtuni aċċess għal xi dokumenti u/jew oġġetti (prż. fajls, ittri, ritratti, vidjows, tpinġijiet, xi rikordji u l-bqija) li għalihom kellu valur speċjali, biex inkun nista' neħodlu ritratt u ninkludih f'dan l-istudju. Dawn l-oġġetti, li Cohen, Manion u Morrison (2000) jirreferu għalihom bħala sorsi primarji ta' *life history interview*, huma sorsi li skont Connelly u Clandinin (1999) huma kruċjali għal stampa sħiħa u effettiva tal-istorja ta' ħajjithom. Sfortunatament, madanakollu, il-maġġorparti tagħhom ma kellhom l-ebda sors li setgħuni juruni, u għalhekk din il-fażi tal-*life history interview* ma kinitx daqstant possibbli. Biss però, tnejn mill-irġiel tawni aċċess (u l-permess tagħhom) biex nieħu ritratt tal-arma li kienu jġorru fuqhom f'dak iż-żmien li kienu involuti fil-kultura tal-bulliżmu, partikolarment għall-awtodifiża (*self-defence*) (ara pp. 98-99 għal din l-evidenza).

*2.6.2.4. Il-pożizzjonalità riflettiva tiegħi*

L-intervista ma tvarjax biss abbażi tal-perspettivi differenti tal-individwi, iżda wkoll bil-pożizzjonalità tiegħi bħala riċerkatur (Mercer, 2007). "Positionality refers to the interviewer's social location, personal experience, and theoretical stance; the interpersonal and institutional contexts of the research; and the effect of these on the interview process" (Sands, Bourjolly, u Roer-Strier, 2007, p. 355). Fi kliem aktar sempliċi, kif il-pożizzjoni tiegħi setgħet affettwat u dderiġiet id-diskors tal-informanti? U l-fatt li jiena stess kont buli fil-passat, seta' kien fattur li influwenza l-mod kif tkellmu l-parteċipanti, b'mod speċjali dawk li fil-passat kienu vittmi?

Dan kollu jeħtieġ li jinftiehem fid-dawl tal-pożizzjoni tiegħi bħala *insider* u fl-istess ħin bħala *outsider*. L-*insider* huwa "Someone whose biography (gender, race, class, sexual orientation and so on) gives her [lir-riċerkatur/a] a lived familiarity with the group being researched" (Griffith, 1998, p. 361), u wkoll "Who have a place in the social group being studied before the start of the investigation" (Moore, 2012, p. 11). Fil-każ tiegħi, allura, nistgħu ngħidu li jiena kont *insider* mal-parteċipanti għal diversi raġunijiet:

- Ibda biex, l-informanti u jiena ilna nafu sew lil xulxin għal żmien twil u allura minn qabel l-intervista, għalihom diġà kont wieħed "minn ta' ġewwa."

- Il-fatt li jiena wkoll kont buli, jiena u dawn l-individwi għaddejna minn esperjenzi simili: familjari ħafna mat-tip ta' kultura li lkoll kemm aħna konna involuti fiha fil-passat, nafu sew fiex tikkonsisti, ilkoll esperjenzajna l-effetti tagħha, u l-bqija.

- Il-fatt li konna nattendu skejjel simili ħafna f'dak li għandhom x'jaqsmu l-ibbuljar u r-reputazzjoni negattiva tal-iskola għenna ħafna biex nissimpatizzaw u nifhmu aktar lil xulxin. Dan kien evidenti anke fil-mod kif bdew jitħaddtu l-parteċipanti (prż. bdew jużaw "aħna" biex jirreferu għalihom infushom u għalija – "aħna" [taż-żoni tal-Port il-Kbir]).

- Ilkoll kemm aħna trabbejna f'familja simili ħafna ta' xulxin f'dik li għandha x'taqsam it-trobbija u l-kompożizzjoni tal-familja, u allura stajt nissimpatizza ħafna aktar magħhom huma u jirrakkuntaw dwar il-kultura tal-familja tagħhom.

Mela sforz dan kollu, għalihom jiena kont wieħed minn "ta' ġewwa" u għalhekk minn banda kellhom vantaġġ kbir li ħassewhom kunfidenti mal-ewwel miegħi, u ma kien hemm l-ebda problema ta' mistħija jew ta' biża' milli se niġġudikahom.

Min-naħa l-oħra, l-*outsider* huwa "A researcher who does not have any intimate knowledge of the group being researched, prior to entry in the the group" (Griffith, 1998, p. 361). Issa fil-każ tiegħi, naturalment, ma nistax ngħid li lil dawn l-individwi ma kontx nafhom minn qabel ma bdejt dan l-istudju. Biss però, kien hemm fatturi oħra li għenu tassew biex tinżamm ċerta distanza bejni u bejn il-parteċipanti, fosthom:

- L-aktar importanti, li għalkemm għalihom kont wieħed "minn ta' ġewwa," fl-istess ħin jiena riċerkatur.

- Il-livell ta' edukazzjoni tagħna.

- L-età ta' bejni u bejnhom (taqta' ż-żewġ parteċipanti ta' etajiet bejn l-20-30 sena).

- Is-sess (ovvjament din kienet tapplika biss fil-każ tan-nisa).

- Fil-każ tal-vittmi, il-fatt li jiena kont buli fil-passat.

Fi kliem ieħor, minkejja r-rapport ta' bejni u bejnhom sforz l-esperjenzi u xejriet komuni oħra tagħna, bħala riċerkatur ridt nagħmel l-almu kollu tiegħi biex nevita milli tant nifhimhom u nissimpatizza magħhom, li mbagħad ma nkunx kapaċi nagħmlilhom intervista bl-istess mod li kieku nagħmel lil xi ħadd li bilkemm naf, jew agħar minn hekk, li ninterpreta d-diskors tagħhom kelma b'kelma. Dan jiddeskrivih Kvale meta jargumenta li "Interviewers may so closely identify with their subjects that they do not maintain a professional distance, but instead report and interpret everything from their subjects' perspectives" (1996, p. 118). Reay (1996) ukoll issostni li meta jkun hemm relazzjoni tajba ħafna bejn ir-riċerkaturi u l-parteċipanti, u jkollhom ħafna xejriet komuni – bħal fil-każ tiegħi – jista' jkun hemm element ta' *over-identification*: l-idea li tant ikun hemm qbil bejn ir-riċerkaturi u l-parteċipanti, li jista' jwassal għal "Ignored routine behaviours" (Moore, 2012, p. 13), jew li nieħu *for granted* ċerta mistoqsijiet li forsi stajt ħsibt li kienu ovvji. Intant, il-fatt li minn banda kont *outsider* għalihom, u l-fatt li żammejt mal-mistoqsijiet li fformulajt għall-intervista, għenu biex ma jkunx hemm dan ir-riskju ta' *over-rapport/over-identification*.

Fil-każ tal-vittmi, li forsi setgħu ħasbu li jiena bħala persuna li kont buli fil-passat kont se niġġudikahom abbażi tal-esperjenzi tagħhom, kien jeħtieġ ħafna iżjed sforz min-naħa tiegħi biex nifhem il-pożizzjoni tagħhom: dan aċċertajt li nwettqu billi nurihom b'mod ċar li kont lest nisma'

b'attenzjoni kbira dak kollu li xtaqu jifthu qalbhom dwaru miegħi. Personalment, inħoss li l-probabbiltà hija li lilhom lanqas biss għadditilhom minn rashom li kont se niġġudikahom jew li se niddieħaq bihom f'xi ħin jew ieħor, għaliex huma jafu biżżejjed li ilna ħbieb ġenwini għal snin twal, u li lkoll kemm aħna lesti ngħinu lil xulxin kull fejn hemm bżonn. Madanakollu, għamilt l-almu kollu tiegħi xorta waħda biex nilqa' kontra din l-isfida li setgħet tfaċċat.

Ikolli nammetti li l-fatt li fil-każ tiegħi kont fluwidu – għaraft l-importanza li drabi nkun *insider*u drabi oħra *outsider* mal-parteċipanti – għen ħafna biex l-intervisti jkunu ta' suċċess. Il-letteratura tindika b'mod ċar li aktar milli r-riċerkaturi jiffavurixxu u jagħżlu li jkunu kompletament *insiders* jew *outsiders*, għandhom jingħataw l-istess importanza il-għaliex it-tnejn huma ugwalment importanti. Dan l-argument issostnih Mercer meta tgħid li "The more we conceive of them as points on a continuum, the more we are likely to value them both, recognising their potential strengths and weaknesses, in all manner of contexts" (2007, p. 7).

Wara li semmejt dan kollu, wieħed faċilment tgħaddilu minn moħħu l-mistoqsija: il-fatt li għal dawn l-individwi jiena kont kemm "minn ta' ġewwa" kif ukoll riċerkatur, ir-relazzjoni tagħna wara li ntemmet l-intervista, tbiddlet b'xi mod? Kienet stramba jew skomda s-sitwazzjoni? Ikolli nammetti li lanqas xejn, kemm kemm ma ngħidx li r-relazzjoni ta' bejnietna ssaħħet aktar sforz din l-esperjenza, għax huma fehmu u rrispettaw il-fatt li jiena għalihom kont 'riċerkatur-ħabib' li l-iskop tiegħi kien li nisma' l-istejjer tagħhom u minnhom inqajjem kuxjenza kontra l-ħsara kbira li jġib miegħu l-bulliżmu.

### *2.6.3. It-traskrizzjonijiet*

Ladarba tlestew l-intervisti, li saru fix-xahar ta' Awwissu, kien imiss il-pass li nittraskrivihom waħda waħda. Biex nittraskrivi użajt il-programm elettroniku *NCH Suite* li tani l-opportunità li nisma' l-intervisti bi *slow-motion* fejn stajt nittraskrivihom bil-kumdità tiegħi. Kif nispjega aktar 'il quddiem, il-proċess tat-traskrizzjoni qatagħni lura ħafna minħabba l-ġimgħat sħaħ li qattajt niktibhom: biżżejjed ngħid li qattajt l-aħħar ġimgħa ta' Awwissu, ix-xahar kollu ta' Settembru, u xi ġranet mix-xahar ta' Ottubru naħdem fuq dawn it-traskrizzjonijiet.

Ta' min insemmi li għalkemm idealment riċerkatur jagħmel traskrizzjoni *verbatim* tal-intervista, jiġifieri kelma b'kelma tal-espressjonijiet verbali u anke nonverbali (prż. fejn daħqu, jew għamlu xi ħsejjes b'ħalqhom eċċ.) u tal-*fillers* (prż. hmmm, ehmm), fil-każ tiegħi dawn l-espressjonijiet nonverbali aljenajthom il-għaliex tmien *life-history interviews* kelma b'kelma diġà rriżulta li kienu ħafna, aħseb u ara li kieku qgħadt inniżżel anke dawn. Kvale jafferma li "Although this seems like an apparently simple and reasonable procedure, transcriptions involve a series of methodical and theoretical problems... Every transcription from one context to another involves a series of judgments and decisions" (1996, p. 163), li naturalment jirrikjedu ħafna ħin. F'kelma waħda, traskrivejt kollox minbarra l-*fillers* u fejn kien hemm pawżiet, biex b'hekk it-traskrizzjoni tkun aktar *reader-friendly*. Fl-istess ħin, tajjeb ngħid ukoll li xorta waħda niżżilt fuq biċċa karta fejn kien hemm xi espressjonijiet nonverbali ta' importanza (prż. fejn l-informanti għamlu xi mossi b'wiċċhom fejn kienu qed juru dispjaċir jew rabja) biex meta niġi għar-riżultati nkun nista' nuri fejn kien hemm xi tibdil fl-atteġġjament tagħhom huma u jirrakkuntaw.

### *2.6.4. L-analiżi tematika*

Ladarba nġabret id-data u traskrivejt l-intervisti kollha, kien imiss il-fażi li jmiss fejn ridt nanalizza u ninterpreta bir-reqqa l-istejjer tal-parteċipanti. Din il-fażi hija magħrufa bħala l-fażi tas-sinteżi (Cohen, Manion u Morrison, 2000). L-analiżi tad-data kienet tikkonsisti mill-interpretazzjoni tal-istejjer tagħhom, fejn għaqqadt, qabbilt u kkuntrastajt storja m'oħra, u bażikament nagħmel sens ta' dak kollu li nġabar. Fi kliem Goodson u Sikes (2008, p. 36):

> "The way in which researchers go about analysing evidence is, in itself, influenced by the epistemological and philosophical position they take. Whether they use analytic induction, constant comparative method, grounded theory, varieties of content or discourse analysis, thematic analysis or some other approach, it is important that researchers are explicit about their practices and their reasons for them."

Fil-każ tiegħi, użajt l-analiżi tematika bħala l-metodu analitiku għall-analiżi tad-data. Minn kif jimplika ismu, dan il-metodu jikkonsisti minn analiżi tad-data b'mod tematiku, jiġifieri b'tali mod li mid-data toħroġ livelli mtarrġin: it-tema superordinata (l-ewlenija), temi, sottotemi u kategoriji. Skont Braun u Clarke, l-analiżi tematika hija "A method for identifying, analysing and reporting patterns (themes) within data... It minimally organizes and describes your data set in (rich) detail" (2006, p. 79). B'żieda ma' dan, "A theme captures something important about the data in relation to the research question, and represents some level of *patterned* response or meaning with the data set" (Braun u Clarke, 2006, p. 82).

Dawn it-temi fl-analiżi tematika, skont Boyatzis (1998), jistgħu jkunu jew fuq livell semantiku (imsejjaħ ukoll livell espliċitu) jew fuq livell latenti (magħruf ukoll bħala livell interpretattiv). Tema semantika toħroġ minn dak li ntqal mill-parteċipanti, jiġifieri r-riċerkatur ma jinterpretax id-

data kif jidhirlu hu. Temi latenti, mill-banda l-oħra, jaqbdu suppożizzjonijiet u kunċettwalizzazzjonijiet sottostanti li naturalment jitolbu interpretazzjoni ħafna aktar fid-dettall minħabba li jkunu bħal speċi 'moħbija.' Finalment, però, mhuwiex l-ammont ta' temi identifikati li hu importanti, iżda l-ġudizzju tar-riċerkatur ta' kemm u x'tip ta' temi għandhom jiġu identifikati, liema minnhom huma l-iżjed importanti u l-bqija (Braun u Clarke, 2006).

### *2.6.5. Il-vantaġġi tal-intervista*

Ma nistax ma nsemmix il-vantaġġi li kelli fil-ksib tad-data bis-saħħa tal-*life history interview* bħala l-għodda magħżula f'dan l-istudju. Din provdietli benefiċċji li b'għodda metodoloġiċi oħra (prż. kwestjonarji) żgur ma kienx ikolli.

Ikolli nammetti li l-akbar vantaġġ f'dawn l-intervisti kien il-fatt li l-protagonisti kienu kampjun ta' konvenjenza: għalihom jiena kont wieħed "minn ta' ġewwa." Dan ma kienx biss utli għalija għax stajt nikkuntattjahom b'mod iżjed faċli, iżda aktar u aktar ir-rapport u l-kunfidenza li kelli magħhom minn qabel l-intervisti, nemmen bis-sħiħ li wasslu biex ikolli iżjed aċċess għal data ġenwina. Fi kliem Suffla, Seedat u Bawa "Insider researchers are typically considered to be better positioned to access richer and more nuanced insights through shared experiences and a common cultural language" (2014, p. 17). Ir-riżultati li ksibt jiena, grazzi għall-informanti li għoġobhom jiftħu qalbhom miegħi, żgur ma kinux ikunu l-istess li kieku ma kellniex din ir-relazzjoni daqstant tajba ma' xulxin minn qabel. Huma bosta l-istudji li jikkonfermaw li l-ammont ta' aċċess għad-data jiddependi ħafna mir-relazzjoni ta' bejn ir-riċerkatur u l-parteċipanti.

Simili għall-punt li għadni kif semmejt, il-fatt li ġbart id-data tiegħi b'intervisti u mhux, ngħidu aħna bi kwestjonarji, il-parteċipanti kellhom l-opportunità li jiftħu kif, kemm, u b'liema mod iridu

dwar l-esperjenzi personali tagħhom (Haralambos u Holborn, 2008). Ovvjament, din il-flessibbiltà tal-intervista żgur apprezzawha huma wkoll għall-fatt li ma kinux marbuta bil-mistoqsijiet tiegħi. Minflok setgħu jimirħu kif xtaqu huma, bir-riżultat li l-informazzjoni li provdewli kienet rikka ħafna.

### *2.6.6. Il-limitazzjonijiet tal-intervista*

Għad li għal xi riċerkaturi l-*life history interview* hija unika għalkollox għax toffri diversi vantaġġi li metodoloġiji oħra ma jipprovdux, għal oħrajn hija għodda kontroversjali għax jemmnu li ma tantx tista' tistrieħ fuqha (Giddens, 2001).

Bla l-iċken dubju, l-ikbar sfida li f'dan l-istudju ħabbatt wiċċi magħha hija meta wasalt għall-proċess tat-traskrizzjoni tal-intervisti u għall-kostruzzjoni tad-dijagrammi. Il-fatt li qattajt ġimgħat sħaħ fuq it-traskrizzjonijiet biss – sakemm qgħadt nismagħhom u nittraskrivihom waħda waħda u kelma b'kelma – waqajt lura ħafna fil-bqija tax-xogħol. Goodson u Sikes jispjegaw dan fi kliem sempliċi meta jsostnu li r-riċerkaturi jridu jiżviluppaw "Intimate engagement with the data" (2008, p. 33) li inevitabbilment, huwa proċess li jirrikjedi ħafna u ħafna ħin, iżda essenzjali li jsir. Simili għal dan, meta ġejt għall-kostruzzjoni tad-dijagrammi tal-analiżi tematika, qattajt żmien twil ħafna biex nibnihom u nipprova nippreżentahom bl-aktar mod simettriku possibbli.

Għall-kuntrarju tal-kwestjonarju li huwa faċli ħafna tippjanah u timplimentah, "The very openness and flexibility of the interview, with its many on-the-spot decisions – for example, whether to follow up new leads in an interview situation or to stick to the interview guide – put strong demands on advance preperation and interviewer competence" (1996, p. 84). Fi kliem ieħor, ir-riċerkatur irid jiżviluppa modi u jħejji ruħu sew biex b'hekk ikun jista' 'jerbaħ' lill-informanti (Giddens,

2001). Biex ma ngħidux ukoll li minbarra li r-riċerkaturi jridu joqogħdu jippreparaw sew qabel kull intervista, iridu qabelxejn ifittxu lill-parteċipanti adattati, jiftiehmu magħhom data, ħin u post li preferibbilment ikun konvenjenti għalihom. Ilkoll nafu kemm dawn il-fatturi jieħdu żmien u kemm jirrikjedu paċenzja biex finalment jintlaħaq ftehim kollettiv.

B'rabta ma' dan, il-kampjun tal-parteċipanti kien relattivament żgħir u huwa propju għalhekk li għal xi riċerkaturi jista' jkun li l-*life history interview* mhux ta' min jistrieħ fuqha. "Compared with quantitative methods, qualitative interviews cannot study a very large or random sample of people, due to the large amount of time and effort involved and limitation of access" (Qu u Dumay, 2011, p. 244). Tant hu hekk, li anke wara li dan l-istudju tlesta, nibqa' ngħid li tmien *life history interviews* kienu wisq meta tikkunsidra l-ħin, id-dettall u l-impenn li titlob l-istorja u r-rappreżentazzjoni ta' żewġ dijagrammi għal kull individwu, aħseb u ara ta' tmienja min-nies (b'total ta' 16-il dijagramma tal-analiżi tematika).

Punt ieħor li ma nistax ma nagħmilx referenza għalih huwa l-fatt li s-suġġett li ppreżentajt lill-informanti, deher li xi drabi kien qed iqanqal taħlita ta' reazzjonijiet u emozzjonijiet fuq il-parteċipanti. Kien għalhekk li mxejt konsistement mal-prinċipju tal-benefiċenza – l-idea li tagħmel ħsara mill-inqas possibbli lill-informanti (The National Commission for the Protection of Human Subjects of Biomedical and Behavioral Research, 1979). Ejja ngħiduha kif inhi, l-esperjenzi li għaddew minnhom dawn l-individwi huma esperjenzi li jweġġgħu ħafna, u allura wieħed għandu jifhem il-għala dawn l-esperjenzi jistgħu jkunu daqstant emozzjonanti għal xi wħud. Madanakollu, b'xorti tajba, mhux talli l-ebda mill-parteċipanti ma talbuni biex inwaqqaf l-intervista jew biex inkompluha darb'oħra, iżda ħafna minnhom dehru li ħadu gost bil-fatt li mill-istejjer personali

tagħhom jaf ikompli jinxtered il-messaġġ li l-bulliżmu għandu jittieħed b'aktar serjetà, b'mod partikolari fl-iskejjel.

Giddens (2001) isostni li *life history interview* mingħajr aċċess għal sorsi primarji (prż. dokumenti, ittri, djarji, ritratti, tpinġijiet eċċ.) ma tkunx kompluta għalkollox. Madanakollu, nafu wkoll li f'dan ir-rigward ma kelli l-ebda kontroll min-naħa tiegħi għax dan kien jiddependi għalkollox mill-parteċipanti, li f'dan il-każ, ħafna minnhom ma kellhom l-ebda forma ta' sors jew rikordju li setgħu jagħtuni aċċess għalih.

## 2.7. Ir-rekorder

F'dan l-istudju għażilt li nuża r-rekorder bħala l-istrument li bih niġbor id-data tiegħi. Għad li ħafna nies jaħsbu li tuża r-rekorder għal xi intervista hija xi biċċa xogħol sempliċi, fil-verità mhijiex. Għall-kuntrarju, anzi, l-użu ta' dan l-istrument jitlob daqsxejn responsabbiltà għal diversi raġunijiet (Isaac, 2017). Hekk ngħidu aħna, pereżempju, qabel kull intervista kelli naċċerta li r-rekorder qed jaħdem sewwa l-għaliex ma stajtx naffordja li nwaqqaf xi intervista fin-nofs, speċjalment meta toqgħod tqis li n-nies li qed tintervista qagħdu jiddedikaw siegħa-sagħtejn mill-ħin tagħhom għalik. B'żieda ma' dan, ridt dejjem inġorr miegħi sett ta' batteriji żejda fuqi biex f'każ li tkun se taqagħli l-batterija tar-rekorder f'nofs intervista – bħalma fil-fatt ġrali f'żewġ intervisti partikolari – ma jkollix għalfejn intellef ir-ritmu tal-intervista. Madanakollu, kif isostni Isaac (2017) stess, minkejja li dawn l-irqaqat huma kollha importanti għal intervista' ta' suċċess, fl-aħħar mill-aħħar l-iżjed aspett importanti jibqa' dejjem il-post fejn issir l-intervista. Ovvjament, dan għaliex huwa l-aspett li l-aktar jaffettwa u jiddetermina l-kwalità tal-intervista. Kien għalhekk

li, kif diġà spjegajt, jiena lqajt kontra din il-problema minn qabel billi l-intervisti għamilniehom ġo maħżen żgħir fejn kellna skiet perfett, u għalhekk kien il-post ideali għal dawn l-intervisti.

### *2.7.1. Il-vantaġġi*

Għall-kuntrarju tal-*video camera* li tikxef l-identità tal-protagonist, l-għodda li użajt jiena kellha l-vantaġġ li żżomm lill-parteċipanti anonimi (Denscombe, 2014). Din il-kwistjoni tal-anonimità minnha nnifisha diġà tista' tkun problematika għal ħafna min-nies li ma jkunux jixtiequ jikxfu l-idenità tagħhom, aħseb u ara f'dan ix-xogħol fejn kont qed nittratta suġġett daqstant sensittiv li seta' jikkawża xi daqsxejn ta' skumdità fil-parteċipanti huma u jiftħu qalbhom dwar l-esperjenzi personali tagħhom.

Billi r-rekorder li użajt kien ta' kwalità tajba, waqt l-intervisti tħalla fin-nofs tal-mejda fejn seta' jaqbad l-ilħna tat-tnejn li aħna b'mod ugwali. Dan il-punt jisħaq fuqu Kvale (1996, p. 162) meta jsostni li "To secure good recording quality it is necessary that the microphone [fil-każ tiegħi rekorder] is close enough to both participants."

Fuq kollox, li kieku ma kienx dan l-istrument, ma kienx ikolli l-possibbiltà li nista' nittraskrivi dak kollu li ntqal bil-kumdità tiegħi għax, ngħiduha kif inhi, huwa impossibbli tiftakar dak kollu li ntqal, speċjalment fil-każ tiegħi fejn ittraskrivejt l-intervisti kelma b'kelma. Biex ma ngħidx ukoll li bi ftit flus koprejt l-ispejjeż kollha tar-rekorder (prż. ir-rekorder innifsu, żewġ settijiet ta' batteriji, *SD* card żejda eċċ.).

### 2.7.2. *L-iżvantaġġi*

Nuqqas li jkolli nammetti li ħassejtu jiena u nagħmel l-intervisti huwa l-fatt li r-rekorder jirrekordja biss l-ilħna. Il-*body language* f'dan l-istudju b'mod partikolari kellu sehem importanti ħafna għar-raġuni li waqt li kienu għaddejjin l-intervisti, xtaqt li kelli l-opportunità li jkolli rekord ta' fejn, pereżempju, il-parteċipanti dehru l-iżjed dispjaċuti, imbeżża' u l-bqija. Għaldaqstant, ladarba ma kellix dan il-vantaġġ tal-*video camera* li taqbad dan kollu mingħajr ebda sforz (Denscombe, 2014), kelli noqgħod inniżżel kull darba fuq biċċa karta fejn kien hemm xi tibdil fit-ton tal-informanti, fl-espressjonijiet ta' wiċċhom u l-bqija.

Żvantaġġ inevitabbli – sa ċertu punt – tar-rekorder huwa l-fatt li dejjem se jinfluwenza xi ftit jew wisq lill-parteċipanti. Tant hu hekk, li nasal nikkonkludi li avolja l-parteċipanti li ħadu sehem f'dan l-istudju fetħu qalbhom miegħi u qasmu miegħi ħafna mill-esperjenzi personali tagħhom għax jafdawni, xorta waħda nemmen li ċerta dettalji ma ssemmewx jew ma ntqalux għas-sempliċi raġuni li kien hemm jiena bħala osservatur-riċerkatur, u r-rekorder jaqbad dak kollu li kien qed jingħad. Din l-influwenza tal-preżenza tiegħi bħala osservatur u tar-rekorder, li hija impossibbli tiġi evitata għalkollox – anke jekk għall-informanti jiena kont wieħed "minn ta' ġewwa" u ilna nafu lil xulxin għal snin twal – hija magħrufa bħala l-*observer's paradox* (Labov, 1972).

# 3. Is-Sejbiet: L-Isfond Bijografiku

## 3.1. Introduzzjoni

Is-sejbiet li ħarġu minn dan l-istudju se jkunu mifruxa fuq żewġ kapitli: l-isfond bijografiku u l-karriera tal-bulliżmu. Matul dawn iż-żewġ kapitli tal-analiżi, inkluż fid-diskussjoni, se nkun qiegħed nuża t-terminoloġija ta' Yang u Salmivalli (2013) – 'vittma pur,' 'buli pur' u 'buli/vittma' – biex nevita kemm jista' jkun diżgwid li jista' jkun hemm sforz il-varjazzjoni kbira fit-termini użati fil-letteratura (ara p. 9 għad-definizzjoni tagħhom).

F'din l-ewwel parti se tingħata ħarsa mill-qrib lejn l-isfond bijografiku ta' kull parteċipant li ħa sehem f'dan l-istudju, li se tgħin lill-qarrej jifhem aktar in-narrattiva ta' kull wieħed u waħda minnhom. Wara dan, jiġu ttrattati individwalment it-temi u s-sottotemi li ġew identifikati mill-bijografiji ta' dawn il-persuni.

## 3.2. L-informanti

Għad li fit-tieni kapitlu wrejt tabella bl-aktar elementi bijografiċi essenzjali ta' kull individwu, issa se ngħaddi għan-narrattiva kompluta biex il-qarrej jifhem aħjar l-istorja sħiħa tagħhom, li se tinkludi informazzjoni dwar: l-età tagħhom, il-kompożizzjoni tal-familja u t-tip ta' trobbija li kellhom, l-opinjoni tagħhom tal-lokal li trabbew fih (inkluża l-opinjoni tagħhom ta' kif jaħsbu li kienu jħarsu lejn il-Kala n-nies ta' barra l-lokal), u l-fehma tagħhom dwar l-iskola tal-Forti, tat-tfal u tal-għalliema. Wara kull narrattiva nipprovdi dijagramma tal-analiżi tematika li tiġbor l-istorja rispettiva tagħhom, imqassma f'temi.

Tajjeb li wieħed jifhem li biex nevita devjazzjoni min-narrattiva oriġinali, slitt partijiet ta' diskors tagħhom biex kemm jista' jkun tinżamm traskrizzjoni 'fidila' (id-diskors ikkwotat se jkun fi ħdan il-virgoletti " ").

### ***3.2.1.*** *Stefan*

Stefan, li għandu bejn l-20 u t-30 sena, trabba u għex m'ommu l-għaliex il-missier ta' ħutu l-kbar telaqhom ħafna snin qabel ma twieled Stefan, filwaqt li tiegħu għadu ma jafx min hu sal-lum il-ġurnata. Ħafna drabi, biex tgħaxxaq, biex omm Stefan tkun tista' titma' lilu u lil ħutu l-oħra, kienet tqatta' ġranet sħaħ kuljum ix-xogħol, bir-riżultat li minn età żgħira kellu jibda jitgħallem ifendi għal rasu.

Ta' tifel kwiet u mistħi li kien, Stefan spiss kien jinqata' għalih waħdu għax kien isibha diffiċli biex jagħmel ħbieb ġodda. Mill-*Year* 3 Stefan beda jiġi bbuljat, u baqa' vittma tal-bulliżmu sa ma spiċċa l-*Form* 4, is-sena li fiha telaq għalkollox mill-iskola Sekondarja bit-tama li ma jibqgħux jibbuljawh. L-akbar dispjaċir tiegħu huwa li l-għalliema qatt ma għamlu xejn biex itejbu s-sitwazzjonijiet tiegħu u ta' tfal oħra li kienu jiġu bbuljati, u dan fil-fatt jirrifletti fil-mod kif jiddeskrivi lill-għalliema huwa u jirreferi għalihom: "Dawk tefgħuni l-baħar lili Gabriel, dawk l-għażżenin u ħnieżer... *Bastards*! Moħħhom fl-ostja mowbajl u addio aħna t-tfal!"

Ftit wara t-tluq tiegħu mill-iskola Sekondarja, Stefan beda jaħdem f'ħanut fejn għadu jaħdem sal-lum. Illum il-ġurnata, għalkemm huwa kburi bih innifsu li ma baqax vittma tal-bulliżmu, jammetti li għadhom jiġuh mumenti fejn iħossu mbeżża' u anzjuż riżultat ta' dak li għadda minnu.




*Figura 1: Il-bijografija ta' Stefan*

### *3.2.2. Albert*

Albert, li għandu bejn it-30 u l-40 sena, trabba m'ommu u mal-ħames aħwa tiegħu ġo kerrejja "qalb familji oħra mkissrin bħal tiegħi." Lil missieru, il-ftit li kien jarah, jiftakru dejjem fis-sakra u jerfa' jdejh fuqu.

Minn tifel nebbiexi u li jħobb jiġġieled mat-tfal u jirrispondi lill-għalliema, Albert kien ħareġ bl-idea li jifforma grupp ta' bulijiet (li kien jikkonsisti minn madwar 10-12 bulijiet oħra). Sħabu tal-klikka, lil Albert kienu jirreferu għalih bħala "il-kbir" għaliex f'għajnejhom "jien kont l-aktar wieħed li nasal għal kollox, li ma nibża' minn xejn u minn ħadd, l-aktar vjolenti u noffendi l-għalliema, l-aktar wieħed li naqla' inkwiet u li l-kelma tiegħi dejjem tgħodd." Tant hu hekk, li sħabu bdew jivvittimizzaw biss lill-persuna/i li kien jgħidilhom hu. Albert isostni li f'din il-klikka, kulħadd kellu rwol bir-responsabbiltajiet parikolari tiegħu, iżda kollha kemm huma riedu jobdu r-regoli stabbiliti li kien ħareġ bihom hu stess.

Albert qata' għalkollox mill-kultura tal-bulliżmu meta daħal jaħdem l-isptar bħala fattiga wara l-iskola Sekondarja, fejn sforz dak li beda jara b'għajnejh (prż. it-tbatija li jgħaddu minnha l-pazjenti b'mard kroniku), beda jirrealizza li dik it-tbatija qed isofruha wkoll il-vittmi li kienu jibbuljaw hu u sħabu. Għalkemm Albert huwa konxju "li dak li sar fil-passat ma jista' qatt jintesa" u "li wħud mill-vittmi qatt ma jistgħu jaslu jaħfruli ta' li għamiltilhom," illum il-ġurnata huwa jiddispjaċih ħafna ta' li kien jagħmel, speċjalment meta jġib quddiem għajnejh "iż-żewġt itfal li għandi li huma l-mimmi t'għajnejja." Albert jemmen li l-fatturi li wassluh biex isir buli huma: it-trobbija diffiċli tiegħu, l-iskola Primarja li kien jattendi, u b'mod speċjali l-għalliema li bl-attitudni ta' "niġi naqa' u nqum" kienu jħallu sitwazzjonijiet ta' bulliżmu jeskalaw.




*Figura 2: Il-bijografija ta' Albert*

### *3.2.3. Leli*

Lil Leli, li għandu bejn l-40 u l-50 sena, rabbewh missieru u ħutu l-għaliex ommu u missieru kienu separati, u għad li għal bidu kien jgħix m'ommu, din mardet u tilifha ta' età żgħira, bir-riżultat li kellu jmur joqgħod ma' ħutu u ma' missieru f'kerrejja f'żona li hija rinomata sew "għat-tgerfix u t-taħwid."

Ta' tifel kwiet u mistħi li kien, Leli kienu jaqbdu ħafna miegħu u jsawtuh it-tfal l-oħra tal-iskola. Kull meta kien jiġi bbuljat, Leli kien imur jibki d-dar, u oħtu l-kbira – l-aktar waħda li jgħożż illum il-ġurnata minn ħutu kollha – kienet dejjem "twissini biex inqum fuq saqajja u nsawwat lura lil min isawwat lili." Fil-fatt, l-aħħar episodju ta' vittimizzazzjoni ta' Leli kien meta daruh ħames bulijiet li kienu magħrufin sew mal-iskola u tawh xebgħa kbira għal xejn b'xejn. Meta dakinhar irritorna d-dar u ratu oħtu l-kbira mbenġel, infexxet issawtu kemm tiflaħ b'ċinturin għax ma felħitx tarah jaqla' iżjed. Minn dakinhar, Leli ddeċieda li ma jistax jibqa' sejjer hekk, u li hemm bżonn li jibdel l-atteġġjament tiegħu mill-aktar fis. Meta l-għada ta' dik l-esperjenza ta' oħtu "li ma ninsa qatt" reġgħu ġew il-bulijiet biex isawtuh, Leli żbroffa u weġġa' gravi lill-kap tal-klikka tant li anke sħab il-buli twerwru minn Leli. Minn dak l-episodju 'l quddiem, Leli għoġbu x-xogħol u meta beda jara kemm tkun rispettat u maħbub mill-bqija tal-istudenti meta tkun buli – għax jibżgħu minnek – beda jibbulja lil tfal oħra huwa wkoll. Leli baqa' buli għal żmien twil għax "ridt nisfoga t-tbatija u l-uġigħ tal-passat."

Illum il-ġurnata li miżżewweġ u bit-tfal, Leli ma għandu l-ebda dispjaċir dwar dak li għamel fil-passat għax "inħoss li dak li għamilt kelli nagħmlu bilfors inkella kont ħa nispiċċa ħażin jien, jekk

mhux mejjet.” Fil-fatt, Leli jsostni li “għadni u nibqa’ grat sal-aħħar nifs ta’ ħajti lejn oħti l-kbira” għall-mod kif rabbietu u għat-tattika li użat miegħu sabiex ma jibqax vittma tal-bulliżmu.






*Figura 3: Il-bijografija ta' Leli*

### *3.2.4. Feliċ*

Feliċ, li għandu bejn il-50 u s-60 sena, għex u trabba ma' ħutu u ma' missieru ġo kerrejja l-għaliex ommu u missieru kienu separati, u għalkemm lil ommu jiftakarha ftit fl-ewwel snin bikrin tiegħu, din mardet serjament u mietet fi żmien qasir. Billi missieru "kien tat-tajjeb," sal-*Year* 1 u sal-*Year* 2 lil Feliċ kien jibagħtu fi skola privata barra mill-Kala fejn kien jibbrilla u kien maħbub mill-għalliema tiegħu. Madanakollu, kawża tal-mewt t'ommu, "missieri tħarbat u beda jonfoq ġidu kollu fil-vizzji," bir-riżultat li kellu jwaqqaf milli jibgħat lil ibnu f'din l-iskola privata u jibda jattendi l-iskola tal-Forti. Billi Feliċ kien imdorri fi skola privata fejn "il-ħajja tal-iskola kienet kompletament differenti," fl-ewwel sena li għamel l-iskola tal-Forti "it-tfal l-oħra bdew jarawni qisni l-merħi, in-nagħġa l-mitlufa" u bdew jibbuljawh bl-addoċċ. Fil-fatt, mhix darba jew tnejn fejn weġġgħuh serjament. Huwa qatt ma wera xejn lil missieru dwar is-sitwazzjoni li kien jinsab fiha għax kien jibża' li jinfexx isawtu hu wkoll.

Meta beda l-iskola Sekondarja, madanakollu, fejn il-bulliżmu bejn klikek sħaħ ta' tfal kien jirrenja, u fejn kien hemm ħafna tfal mill-inħawi taċ-ċentru ta' Malta, Feliċ ingħaqad ma' ħames bulijiet oħra mill-Kala li kienu rinomati sew għall-periklu tagħhom fl-iskola. Malli Feliċ beda jara lil bulijiet oħra jibżgħu mill-klikka tiegħu għax kienu nies li jaslu, "ridt insir perikoluż bħal sħabi u allura splodejt, ħdart u ddeċidejt li minn dakinhar 'il hemm nieħu l-ġustizzja b'idi." Minn hemm 'il quddiem, Feliċ beda jibbulja lill-aggressuri tiegħu, wieħed wara l-ieħor. Madanakollu, Feliċ jaħlef li qatt ma refgħu jdejhom fuq tfal innoċenti, iżda biss fuq kull min kien jibbulja lil ħaddieħor. Tant hu hekk, li sal-aħħar tal-*Form* 4, meta t-tfal l-oħra bdew jindunaw bl-iskop tiegħu (li jibbulja lil kull min kien buli), lil Feliċ kien sar jirrispettah kulħadd, tant li kienu "jħarsu lejja daqslikieku jien xi Alla." Xi żmien wara s-Sekondarja, Feliċ qatta' perjodu twil il-ħabs fuq reat serju – li skont hu

“kien imnalla” – għax hemmhekk beda jrabbi l-għaqal, u beda anke jitgħallem jaqra u jistudja għal rasu.

Illum li kiber, Feliċ mhux talli ilu snin twal li qata’ għalkollox il-vizzji ħżiena kollha, iżda għandu pożizzjoni għolja fix-xogħol fejn jaħdem hu, bin-nies taħtu. Fi kliemu, “x’ma nħossnix kburi Gabriel li minn vittma, għal buli, għal kriminal perikoluż għas-soċjetà, sirt raġel matur u ta’ suċċess, bil-familja u bin-nies taħti?” L-akbar dispjaċir ta’ Feliċ illum huwa li qatt ma kien tkellem jew wera lil missieru bis-sitwazzjoni li kien jinsab fiha meta ħajtu setgħet kienet ħafna iżjed faċli milli fil-fatt kienet.

**Feliċ**




*Figura 4: Il-bijografija ta' Feliċ*

### *3.2.5. Brenda*

Lil Brenda, li għandha bejn l-20 u t-30 sena, rabbewha ħutha l-kbar għax ommha telqet lilha u lill-erba' ħutha l-oħra ftit wara li twieldet hi. Missierha, mill-banda l-oħra, għad li kien jgħix magħhom, ma kellu l-ebda forma ta' dixxiplina bir-riżultat li Brenda u ħutha kienu jitħallew jagħmlu li jridu.

Billi Brenda minn dejjem kienet tfajla riservata u mistħija, ħutha l-kbar is-subien – li wkoll kienu jattendu l-iskola tal-Forti – dejjem kienu "jwissuni biex inqum fuq saqajja għax inkella se nbati ħafna f'din l-iskola." Fil-fatt, Brenda bdiet tiġi vittimizzata minn klikka ta' bniet bulijiet fis-sena ta' meta spiċċa ħuha ta' warajha mill-iskola Primarja u sabet ruħha waħedha. Hija sfat vittma ta' diversi forom ta' bbuljar, iżda għaliha ma kienx l-ibbuljar fiżiku l-aktar li weġġagħha – avolja mhix l-ewwel darba li weġġgħuha serjament – iżda kien l-ibbuljar verbali u dak relazzjonali, partikolarment it-tgħajjir u x-xnigħat foloz li vvintaw fuq familtha (prż. "meta qalgħuha li ommi hija qaħba"). Brenda tammetti li riżultat tas-sitwazzjoni li kienet tinsab fiha, minn età żgħira waqgħet f'vizzji ħżiena biex tipprova ttaffi d-dwejjaq li kienet għaddejja minnu. Brenda kienet anke sfurzata titlaq mill-iskola fil-*Form* 4 biex toħroġ taħdem għax riedet tgħin lil missierha finanzjarjament.

Brenda għadha rrabjata ħafna sal-lum: qabelxejn għal missierha għall-fatt li qatt ma wera lilha u lil ħutha daqsxejn dixxiplina; għall-għalliema li bl-għemil u l-attitudni tagħhom ħallew is-sitwazzjoni tagħha u tal-vittmi l-oħra ta' bulliżmu tmur għall-agħar; u għall-fatt li kienet tattendi l-iskola tal-Forti għax temmen li kienet din l-iskola li "qallgħetni dawk ix-xebgħat kollha." Brenda

tammetti li riżultat tal-passat tagħha, issir difensiva ħafna "mal-iċken ħaġa" u ssibha diffiċli ħafna biex tagħmel il-ħbieb.




*Figura 5: Il-bijografija ta' Brenda*

### *3.2.6. Marika*

Marika, li għandha bejn it-30 u l-40 sena, trabbiet ma' ommha u oħtha ż-żgħira fi flett li "kien mimli b'familji mkissrin bħal tiegħi." Lil missierha għadha sal-lum il-ġurnata ma tafx min hu.

Marika tammetti li minn dejjem kienet tħobb taqla' l-inkwiet. Fil-fatt, kienet tfittex lil dawk in-nies li ma kellhiex grazzja magħhom – ħafna drabi għal xejn b'xejn – u flimkien mal-klikka tagħha kienu jduruhom, jivvendikaw ruħhom minnhom u anke jisirqulhom l-affarijiet minn ġol-basktijiet. Marika teħodha qatta bla ħabel kontra l-għalliema għax temmen bis-sħiħ li t-tort li hi spiċċat buli huwa kollu t-tort tagħhom: il-fatt li kienet tara lill-għalliema "ma jieħdu l-ebda azzjoni kontra l-bulijiet li jsawtu lill-vittmi" ma kinitx tista' għalih, bir-riżultat li "kif jgħidu, iddeċidejt li jien nibda nibbulja lil ħaddieħor ukoll ladarba stajt nagħmel li rrid u naf li ħadd mhu se jwaqqafni." L-imġiba devjanti ta' Marika wasslitha biex ftit snin wara li spiċċat l-iskola Sekondarja, qattgħet żmien pjuttost twil il-ħabs.

Illum li kibret u għandha t-tfal, mhux talli Marika qatgħet għalkollox il-vizzji ħżiena, iżda ssostni b'ċerta kburija "illi li kieku kelli nerġa' nitwieled mill-ġdid, emminni Gabriel, ma nbiddel xejn minn ħajti u nħalli kollox l-istess" għax temmen li tgħallmet ħafna mill-esperjenzi tagħha stess. Fil-preżent Marika mhix taħdem, iżda għaliha, il-prijorità bħalissa mhix li taħdem iżda li trabbi lil bintha bil-għaqal u li tkun hemm għaliha fit-tajjeb u fil-ħażin.


Marika
ommha dejjem ix-xogħol
għandha oħtha
il-familja
missierha ma tafux
id-dar: mingħajr sostenn
it-trobbija
solitudni
diffiċli ħafna
nies qalbhom tajba ħafna
ma tbiddlu ma' xejn
familji kbar
għaliha personali
il-lokal: ta' ġewwa u ta' barra
f'għajnejn ħaddieħor
taħwid kbir
ostili
Bijografija
l-iskola: esperjenza negattiva
relazzjoni ħażina bejnhom u l-ġenituri tat-tfal
jibżgħu mit-tfal
l-għalliema
nuqqas ta' superviżjoni fil-brejk
it-tfal
klikek kbar (gangs)
"mxajtna"
"ta' qattagħni"
ġlied u tgħajjir
magħrufa bħala "tal-klassi l-baxxa"
reputazzjoni ħażina
magħrufa bħala "tal-imħarbtin"

### *3.2.7. Lourdes*

Lourdes, li għandha bejn l-40 u l-50 sena, trabbiet ġo kerrejja mas-seba' aħwa tagħha. Ommha u missierha kienu stretti ħafna magħha u ma' ħutha, tant li kienu jużaw tattiċi ta' dixxiplina li kienu jinvolvu s-swat.

Għall-kuntrarju ta' ħutha, li wkoll kienu jattendu l-iskola tal-Forti qabilha, Lourdes kienet tipprova taħrab l-inkwiet biex "l-esperjenza tiegħi tal-iskola tkun waħda lineari kemm jista' jkun mingħajr inkwiet." Madanakollu, malli bdew jaraw lil Lourdes vulnerabbli minħabba li kienet kwieta, ma damux wisq sa ma bdew jibbuljawha klikek sħaħ ta' tfajliet. Riżultat tal-esperjenzi ta' bbuljar tagħha, hi tal-fehma li ġo dik l-iskola bilfors ridt taqla' xebgħa xi darba jew oħra għax malli kont tipprova tiddefendi ruħek kienu jduruk u jagħtuk xebgħa. Hija temmen bis-sħiħ li kienet żvinturata għall-fatt li malli spiċċat il-Primarja u bdiet is-Sekondarja, "kelli nerġa' nħabbat wiċċi ma' wħud mill-bulijiet li kont magħhom fil-Primarja," bir-riżultat li baqgħet ivvittimizzata anke tul is-snin tas-Sekondarja.

Illum li kibret, Lourdes jiddispjaċieha ħafna li dak iż-żmien "kont kwieta u baħnana." Sforz dak kollu li għaddiet minnu, hija qatt ma għoġbitha l-iskola u dejjem riedet tfittex toħroġ taħdem. Wara l-*Form* 4, fil-fatt, daħlet taħdem f'fabbrika fejn għamlet 12-il sena. Wara l-ewwel xogħol tagħha f'din il-fabbrika, Lourdes imbagħad iżżewġet u kellha t-tfal, u ddeċidiet li ma taħdimx aktar biex trabbi u tieħu ħsieb lill-familja tagħha.




*Figura 7: Il-bijografija ta' Lourdes*

### *3.2.8. Tessie*

Tessie, li għandha bejn il-50 u s-60 sena, trabbiet f'familja mkissra ġo kerrejja fejn ommha, il-ftit li laħqitha, kienet issawwat lilha u lil ħames ħutha regolarment, u missierha "kellu dixxiplina li twerwrek... Xejn ħi, *Hitler* kont insejjaħlu jien. Iwaħħxek." Lil Tessie, id-dixxiplina ta' missierha bdiet tirvillaha u aktar ma kien juri dixxiplina stretta magħha, iżjed bdiet tirribella u tagħmel l-oppost ta' li jgħid hu.

Tessie ssostni li l-għalliema tal-lum ma tista' ssejħilhom għalliema xejn, b'mod speċjali meta tqabbilhom ma' dawk ta' żmienha fejn kellhom "dixxiplina tal-għaġeb u lesti dejjem biex jgħinu lit-tfal." Minn età żgħira, lil Tessie bdew jibbuljawha b'mod regolari għax "kont boċċa u fini tifla," iżda ta' ribelluża li kienet – "bejn ma flaħtx aktar id-dixxiplina iebsa ta' missieri u bejn kont għajjejt naqla' ġo fija" – fil-*Year* 6 iddeċidiet li tibda tpattiha lil dawk kollha li xi darba jew oħra kienu wettqu xi forma ta' vjolenza fuqha.

Fl-iskola Tessie qatt ma kienet ħażina, iżda tammetti li kieku waqt il-lezzjonijiet ma kienx ikun moħħha f'ma' min se taqbad, u kif se tpattiha lil dik u lill-oħra, kien ikollha karriera ħafna aħjar. Biex tgħaxxaq, Tessie tilfet lil ommha u lil missierha ta' età żgħira u għalhekk spiċċat trabbi lil ħutha hi, avolja kienet iż-żgħira minn ħutha. Illum li għandha t-tfal bil-familji tagħhom, Tessie tammetti li d-dixxiplina hija sabiħa iżda għandu jkun hemm limitu sa fejn għandha tasal, u għall-kuntrarju ta' kif kienu jagħmlu lilha l-ġenituri tagħha, qatt ma refgħet idejha fuq it-tfal tagħha biex tiddixxiplinahom.




*Figura 8: Il-bijografija ta’ Tessie*

## 3.3. It-temi

F’din il-parti niddiskuti l-elementi komuni u dawk speċifiċi li ħarġu mill-bijografiji tagħhom. Biex tkun iżjed faċli għall-qarrej, ikkategorizzajt id-data fit-tliet temi identifikati u fis-sottotemi rispettivi li ħarġu minnhom. B’dan il-mod, jintwera b’mod effettiv l-involviment u l-impatt li kull waħda minn dawn l-influwenzi soċjali ħalliet fuq ħajjet dawn l-individwi.

### *3.3.1. Id-dar: mingħajr sostenn*

Qabelxejn, tajjeb li wieħed jifhem il-għala semmejt it-tema tad-dar hekk – *id-dar: mingħajr sostenn*. Kif jidher evidentement, ħadd mill-informanti ma kkunsidra l-esperjenza tiegħu/tagħha ġewwa d-dar bħala waħda pożittiva. Anzi, pjuttost iqisuha bħala waħda diffiċli ħafna, fejn ma sabu l-ebda appoġġ mill-membri tal-familja tagħhom u għaldaqstant kellhom jibdew ifendu għal rashom minn età daqstant żgħira.

*3.3.1.1. Il-familja*

F’din is-sottotema, kien hemm qbil qawwi f’ħafna mill-kategoriji identifikati fost it-tmien parteċipanti. L-aktar fattur komuni identifikat huwa n-nuqqas ta’ wieħed mill-ġenituri – għal uħud dan kien minħabba li l-omm jew il-missier kienu jqattgħu ġranet sħaħ ix-xogħol, għal oħrajn minħabba l-mewt ta’ xi ġenitur, min kellu missieru alkoħoliku u allura ma kien ikun qatt preżenti d-dar, u oħrajn minħabba separazzjoni tal-ġenituri. Ta’ min isemmi li l-problemi u l-effetti ta’ separazzjoni tal-ġenituri fil-każ ta’ Leli u Feliċ (= tal-persuni tal-ġenerazzjonijiet ta’ qabel), kif intqal minnhom stess, kienu ħafna agħar dak iż-żmien mil-lum minħabba li kienet titqies bħala xi ħaġa tabù.

Fattur ieħor kien dak tal-aħwa. Fil-fatt, taqta' 'l Marika li kellha biss oħtha oħra, il-bqija kollha kellhom numru pjuttost kbir ta' aħwa: min tlieta (Stefan), min erba' (Brenda), min ħamsa (Albert, Leli, Tessie), u saħansitra anke min seba' (Lourdes) u tmienja (Feliċ). Għal din ir-raġuni, ilkoll kemm huma ddiskutew dwar in-nuqqas ta' attenzjoni mingħand il-ġenituri, u dwar il-ħin li kienu jqattgħu x-xogħol biex ikunu jistgħu jmantnu lil uliedhom kollha. Feliċ jargumenta dwar it-tbatija li kien jgħaddi minnha sforz in-nuqqas ta' attenzjoni u ta' mħabba mingħand missieru, u b'mod speċjali n-nuqqas ta' riżorsi materjali adegwati u essenzjali (prż. daqqa kien imur l-iskola bil-ħwejjeġ imqattgħin, daqqa mingħajr ċerti kotba li ma setax jixtrilu, u drabi oħra anke mingħajr ikel u xorb). Riżultat ta' dan, Feliċ jispjega kif eventwalment spiċċa jisraq il-ħobż u l-pitazzi ta' tfal oħra li missieru ma kienx jixtrilu.

Fil-każ ta' Lourdes u Tessie, għalkemm iż-żewġ ġenituri tagħhom kienu preżenti tul it-tfulija tagħhom, xorta waħda t-tnejn li huma jsostnu li kellhom forma ta' familja "mkissra" għall-fatt li l-ġenituri tagħhom kienu awtoritarji: kienu stretti żżejjed, u agħar minn hekk, jużaw tattiċi ta' dixxiplina li jinvolvu swat kbir. Tajjeb ngħidu li llum il-ġurnata, din it-tip ta' dixxiplina aktarx li titqies bħala vjolenza u abbuż fuq it-tfal. Li hu żgur huwa li din it-tip ta' dixxiplina jikkunsidraw li għamlitilhom ħsara psikoloġika kbira, u wasslithom biex irabbu qoxra ribelluża:

> "Kif trid ma tirribellax, għidli naqra, ikollok lil missierek isawtek għal kull ħaġa ta' xejn? Veru li d-dixxiplina sabiħa, imma mhux hekk, żgur li le!" (Lourdes)

> "X'ma titlax b'ras tal-ġebel u ribelljoni tal-azzar? Infatti lil missieri kont insejjaħlu Hitler innifsu għax jekk kont nazzarda nagħmel kontra li jgħid hu, jinfexx isawwatni." (Tessie)

Osservazzjoni interessanti hija li din it-tendenza ta' familja awtoritarja kienet preżenti biss fost il-parteċipanti nisa ta' etajiet 40-50 u 50-60. Dan jista' jimplika li minn banda, is-sess femminili kien żvantaġġjat mil-lat ta' dixxiplina għall-fatt li l-kelma tal-missier (tal-figura maskili) kellha valur potenti u awtoritarju fuq il-bint. Dan jikkuntrasta b'mod qawwi mal-każ ta' Brenda li għadha sal-lum il-ġurnata dispjaċuta u rrabjata għal missierha li qatt ma wera lilha u lil ħutha sens ta' dixxiplina. Tant hu hekk, li kien iħallihom jagħmlu li jridu, inkluż huwa wkoll, fosthom li jdaħħal diversi nisa d-dar:

> "Ridt toħroġ filgħaxija u tidħol id-dar jumejn wara? Ridt toħroġ ma' dak u mal-ieħor? Ridt tesperimenta u tħawwad? Kollox stajt nagħmel b'missieri jien, li rrid... Min jaf kemm-il darba dħalt id-dar u nara nisa li ma nafhomx ġo darna!" (Brenda)

*3.3.1.2. It-trobbija*

Qabelxejn, it-tmienja li huma kkunsidraw li kellhom trobbija "diffiċli ħafna" u, b'eċċezzjoni għal Lourdes u Tessie, il-bqija ammettew li kellhom trobbija "solitarja."

B'"diffiċli ħafna" u "solitarja," il-parteċipanti jifhmu li kellhom familja mkissra, trobbija fejn riedu jfendu għal rashom u qatt ma sabu l-ebda appoġġ meta kienu fil-bżonn, u żmien fejn il-problemi kollha (b'mod partikolari dawk marbuta mal-iskola) tagħhom żammewhom mistura ġewwa fihom. Deher ukoll li fil-każ ta' dawk li trabbew ġo kerrejja, kienu aktar suxxettibbli għal diffikultajiet fi tfulithom minħabba li kellhom kuntatt dirett ma' familji oħra b'bosta problemi soċjali bir-riżultat li bdew jaraw ħafna diffikultajiet u kumplikazzjonijiet minn età żgħira (allura lanqas imqar mingħand il-ġirien ma setgħu jieħdu eżempju tajjeb). Eventwalment, dan wassal biex l-imġiba devjanti f'għajnejhom bdiet tidher bħala n-norma: ma kien hemm ħadd iwissihom jew jiggwidahom li dak li qed jagħmlu huwa ħażin.

Simili għal dan, fil-każ ta' Leli u Brenda, għalkemm kellhom lil ħuthom jieħdu ħsiebhom, xorta waħda jammettu li minn banda kellhom trobbija solitarja għall-fatt li qatt ma kellhom xempju parentali fuq min setgħu jimxu għall-eżempju tajjeb. Għal Tessie, li fil-każ tagħha kienet propju hi li daret b'ħutha l-kbar (anke minkejja l-età żgħira tagħha), din kienet ħafna iżjed diffiċli minħabba li kienet għadha żgħira wisq biex ikollha tfulija impenjattiva bħalma kellha hi:

> "Jien kont qiegħda sew ta', minflok ħuti l-kbar kienu jduru bija, rabbejthom jien: 700 sena ħa niġi mill-iskola u nibda x-xogħol taddar, naħslilhom il-ħwejjeġ u nnaddaf, naħsel l-artijiet, addio x-xogħol tal-iskola... X'tistudja tistudja 'l-Madonna! Kif stajt inlaħħaq m'Alla u max-xitan jien? Tifla kont għadni ta', tifla ta' 10 snin qed ngħidu tagħmel dan kollu!" (Tessie)

### *3.3.2. Il-lokal: ta' ġewwa u ta' barra*

Minn kif jimplika isimha, din it-tema *il-lokal: ta' ġewwa u ta' barra* tittratta żewġ perspettivi: il-perspettiva tal-informanti nfushom dwar il-lokal li trabbew fih (għalhekk "ta' ġewwa") u l-perspettiva tan-nies minn barra l-lokal skont kif jirrikorru għaliha l-parteċipanti (għalhekk "ta' barra").

#### *3.3.2.1. Għalihom personali*

Skont l-informanti kollha, il-lokal ġie deskritt b'diversi aġġettivi u frażijiet pożittivi: "sabiħ," "tal-ġenn," "*welcoming*," "sikur," "*paradise*," "ġenna," "uniku," "għalija huwa kollox," "inissel pjaċir fik" fost oħrajn, li eventwalment ilkoll kemm huma waslu għall-konklużjoni li "ma nasal qatt nibdlu ma' ħadd/xejn aktar." Fil-fatt, anke meta tkellmu dwar in-nies tal-lokal, kollha kemm huma ddeskrivewhom bħala "nies qalbhom tajba ħafna," għalkemm uħud minnhom komplewha "...avolja kien hemm min hu perikoluż u mħawwad." Uħud minnhom sostnew ukoll li waħda mix-

xejriet li tikkaratterizza l-lokal hija l-'familji kbar' – bla dubju, din hija evidenti sewwasew mill-parteċipanti ta' dan l-istudju stess.

Għad li b'mod ġenerali nistgħu ngħidu li lkoll kemm huma jħarsu lejn il-lokal li trabbew fih b'mod pożittiv, il-vittmi puri jammettu li fl-istess ħin jaf ikun lokal "ostili" u "li jikkawża ħsara kbira" għal xi nies:

> "Ara xbin, jiena għalija kien il-mimmi t'għajnejja kemm tridu għax ikolli nammetti li kont inħobbu wisq, però haw' tiġix tgħidli ta', kien ambjent vjolenti ħafna." (Stefan)
>
> "Jien għalija kien fil-veru sens tal-kelma 'sikkina taqta' miż-żewġ naħat' għax daqskemm kien sabiħ kien ostili." (Brenda)
>
> "Kien jogħġobni ħafna imma jkolli nammetti li kien fih ħafna ħażen ukoll, b'mod speċjali fejn jidħlu l-argumenti, il-ġlied u t-taħwid ta' nies." (Lourdes)

Osservazzjoni interessanti ħafna hija l-fatt li kienu biss il-vittmi puri li aċċennaw għall-ħażin tal-lokal. Dan jista' jindika li riżultat tal-esperjenzi negattivi tagħhom tal-iskola, dawn awtomatikament assoċjaw il-lokal li fih tinsab l-iskola bħala "vjolenti" u "ostili." Fil-fatt, kienu huma t-tlieta biss li ammettew li kien hemm – u fil-fehma tagħhom, għad hemm – "ħafna problemi soċjali" fil-lokal. Dan jista' jitqies bħala wieħed mill-effetti fit-tul (*long-term effect*) tal-bulliżmu li jkompli jafferma li jekk individwu jkun ivvittimizzat fi skola partikolari, hemm imnejn li jitħalla impatt negattiv permanenti fuq il-viżjoni ta' dan l-individwu lejn il-lokal li fih tinsab l-istess skola li fiha safa vittma. Tajjeb ngħidu, fl-istess ħin, li minkejja din il-forma ta' kontradizzjoni li jgħixuha kuljum – li minn banda għandhom ġibda kbira lejn il-lokal imma fl-istess ħin jagħrfu l-ħażin tiegħu – Stefan, Brenda u Lourdes għadhom joqogħdu f'dan il-lokal sal-lum il-ġurnata

(inkluż il-bqija tal-parteċipanti). Dan jixhed l-imħabba kbira ta' dawn il-persuni lejn raħal twelidhom.

### *3.3.2.2. F'għajnejn ħaddieħor*

B'kuntrast qawwi ma' dan, skont dawk "ta' ġewwa," il-perspettiva ta' kif kienu jħarsu lejn il-lokal dawk "ta' barra" ġiet deskritta b'mod għalkollox oppost: "vjolenti," "ostili," "tal-injoranti," "taħwid kbir," "stmerrija," "tal-klassi l-baxxa." Mid-data miġbura jidher b'mod ċar li f'għajnejn in-nies ta' barra l-lokal, il-Kala huwa "post li tipprendih" u assoċjat ma' "delinkwenza" u saħansitra anke "biża'." Il-parteċipanti kollha, b'mod speċjali tal-ġenerazzjonijiet ta' qabel, jammettu li l-lokal tagħhom minn dejjem kien iġorr konnotazzjonijiet negattivi ħafna. Riżultat ta' dan, ilkoll kemm huma sostnew kemm kienu jħossuhom iffastidjati u rrabjati meta jaraw lil ħaddieħor, inkluż lill-għalliema, jistkerrahhom għal xejn b'xejn.

Tant hu hekk, li Feliċ u Marika jagħtu spjegazzjoni espliċita tal-impatt li kien jitħalla fuqhom sforz dan l-ittimbrar negattiv tal-lokal tagħhom:

> "Għidli daqsxejn lili Gabriel, kif ridtni ma nirvillax meta saħansitra anke l-għalliema kienu jistkerrhuna lilna? Kulħadd imaqdarna u jistkerrahna qisna xi aljeni estranji. Imbagħad x'kien jiġri? Jien nirvilla u nsir aggressiv lejn ħaddieħor hux? U żgur, imbagħad min kien jidher ikrah mal-għalliema? Jien, ovvja, hux? X'ma tiħux fama ħażina!" (Feliċ)

> "Mhux bilfors kienu jibżgħu minna u jgħajruna ġellidin lilna? Inkluż l-għalliema ta' voldieri! Inti immaġina, għidli naqra... Għandek grupp ta' nies minn barra minn hawn, u l-ħin kollu jiġġudikawk u jgħajruk li inti injoranta għal xejn b'xejn, dan tista' qatt xi darba tidħqilhom u toħdilhom b'idejhom? Mhux ovvja li le! Allura x'kienet tkun is-soluzzjoni? Tiegħi waħda kienet tkun: niżbroffa b'rabja kbira, ninfexx nidgħi u nfajjar id-daqqiet ta' ponn." (Marika)

Minn dawn ir-riżultati mistħarrġa, qiegħed joħroġ fid-deher ċiklu vizzjuż distruttiv ħafna. Għandna sitwazzjoni ta' individwu mill-Kala li qed jiġi ġġudikat kontinwament b'mod negattiv għall-ebda raġuni partikolari (jew għall-inqas, għal raġuni li l-għeruq tagħha għadha mhix identifikata) għajr għax huwa mill-Kala. Sforz dan l-ittimbrar, dan l-istess individwu jsir difensiv u aggressiv biex jipprova jipproteġi l-identità tiegħu. Minħabba l-aggressività li juri dan l-individwu biex jiddefendi lilu nnifsu, dawk li kienu qed jiġġudikawh qabel qegħdin ikomplu jumbrawh aktar. Sitwazzjoni bħal din fi skola hija aktar distruttiva l-għaliex, skont id-diskors ta' Feliċ u Marika, hija l-persuna li qed tipproteġi lilha nnifisha li l-għalliema 'jieħdu fuq demm id-dars' u mhux lil dawk li jiġġudikaw lil ħaddieħor. Dan għaliex hija l-imġiba aggressiva li tagħti fil-għajn, filwaqt li t-tgħajjir, għax isir minn taħt bil-moħbi, ma jingħata l-ebda attenzjoni mill-għalliema.

### *3.3.3. L-iskola: esperjenza negattiva*

Tema oħra identifikata hija *l-iskola: esperjenza negattiva*. Minn kif jixhed isimha, din it-tema tittratta l-perjodu skolastiku tal-parteċipanti li, sforz dak kollu li għaddew minnu fl-iskola, iqisuh bħala żmien iebes ħafna li kissrilhom it-tfulija u ż-żgħożija tagħhom. Dan huwa evidenti biżżejjed mill-uħud ta' aġġettivi u frażijiet li użaw biex jirreferu għall-esperjenza tagħhom tal-iskola: "*nightmare*," "l-agħar żmien ta' ħajti," "esperjenza katastrofika," "perjodu diżastruż," "il-perjodu li waqqagħni fil-vizzji koroh," "iż-żmien li kissirni fiżikament u mentalment."

#### *3.3.3.1. It-tfal*

Għad li lkoll ammettew li bħal f'kull skola oħra, kien hemm tipi differenti ta' tfal (prż. dawk bilgħaqal, dawk bieżla, l-imqarbin u l-bqija) ħadd minnhom ma elabora dwarhom b'mod pożittiv. Għall-kuntrarju, anzi, ikkritikaw u kkundannaw għalkollox l-għemil tagħhom. Albert jagħti

spjegazzjoni, fl-opinjoni tiegħu, tal-ispektrum wiesa' tat-tipi differenti ta' tfal li kien hemm fl-iskola:

> "Ara, f'dik l-iskola kellek hekk: dawk il-waħdiet il-bravi ħafna ngħidilhom jien (jien eżempju lil dawk it-tfal kont nibbulja l-aktar biex jagħmluli l-*homework*), ir-regolari li la kienu tajbin u lanqas batuti, l-imqarbin li taparsi kienu jilagħbuha tal-għala biebhom imbagħad jibżgħu minn dellhom, imbagħad kellek l-indimunjati u dawk li jaslu fil-veru sens tal-kelma. Konna propju aħna l-indimunjati u dawk li jaslu li kienu jirrenjaw fl-iskola għax konna numerużi ħafna, u meta qed ngħidlek numerużi, konna nkunu qaqoċċi sħaħ li tibża' tħares lejna." (Albert)

Anke jekk Albert jinstema' xi daqsxejn aħrax fi kliemu, jew li qed jiġġeneralizza, mill-intervisti jidher li l-informanti kollha huma ta' fehma simili. Dan għall-fatt li l-aġġettivi u d-deskrizzjonijiet kollha mogħtija jimplikaw sens ta' negattività: "ġellidin," "perikolużi," "ostili," "jgħajruk għal xejn b'xejn." Uħud minnhom iddeskrivewhom anke bħala "mxajtna" (Albert, Marika), "mħarbta" (Lourdes, Tessie) u "ta' qattagħni" (Albert, Marika, Lourdes, Tessie). Punt ieħor milli semma Albert li ħareġ fid-deher f'ħafna mill-intervisti kien 'qaqoċċi sħaħ' (= klikek kbar, *gangs*). Bi qbil mal-letteratura li hija konsistenti dwar dan il-qasam, ħadd mill-parteċipanti ta' dan l-istudju ma qatt kien jibbulja lil ħaddieħor meta jkun waħdu. Għall-kuntrarju, dejjem kienu jingħaqdu ma' numru ta' bulijiet oħrajn biex naturalment ikollhom saħħa aktar potenti. Din hija waħda mir-raġunijiet ewlenin il-għala jagħmel sens li nitkellmu fuq 'kultura' ta' bulliżmu, kwistjoni li napprofondixxi dwarha fid-diskussjoni.

### *3.3.3.2. L-għalliema*

Ta' min insemmi li waqt l-intervisti, malli kien imiss il-mistoqsijiet fuq l-għalliema, innutajt ċerti reazzjonijiet ta' rabja u dispjaċir fuq wiċċ il-maġġorparti tal-informanti li mill-ewwel stajt nifhem

li kienet il-kelma ‘għalliema’ li qiegħda tqanqal taħlita ta’ emozzjonijiet. Fil-fatt, ikolli nammetti li r-riżultati dwar l-għalliema huma kemxejn inkwetanti. Qabelxejn, dan hu rifless fid-diskors iebes użat mill-parteċipanti huma u jiddeskrivu lill-għalliema: “għażżenin,” “ħnieżer,” “*bastards*,” “bċejjeċ,” “huma fottewna,” “tefgħuni l-baħar,” “mhuma kapaċi għal xejn.”

Kunsiderazzjoni importanti ħafna hija li filwaqt li Stefan, Albert, Brenda u Marika (= tal-ġenerazzjonijiet aħħarija) jeħduha qatta bla ħabel kontra l-għalliema u jikkritikawhom bil-qawwi minħabba l-attitudni tagħhom (“bla interess f’xogħolhom,” “abbandun totali tat-tfal,” “jibżgħu mit-tfal,” “mhux dedikati”), Leli, Feliċ, Lourdes u Tessie (= tal-ġenerazzjonijiet ta’ qabel) isostnu totalment l-oppost (“imorru *out of their way* biex jgħinuk,” “dixxiplinati,” “dedikati ħafna”). Anke f’dik li għandha x’taqsam ir-relazzjoni tal-għalliema mal-ġenituri tat-tfal, ħarġet fid-deher tendenza li fejn qabel il-ġenituri kellhom relazzjoni tajba mal-għalliema, fiż-żmien riċenti s-sitwazzjoni hija bil-kontra. Din id-data rikka qiegħda timplika li matul perjodu ta’ 40-50 sena, fejn qabel kellna għalliema li kienu dixxiplinati, dedikati fix-xogħol tagħhom u rispettati mill-ġenituri, illum il-ġurnata għandna sitwazzjoni għalkollox kuntrarja.

Sejba oħra kruċjali tirrigwarda s-superviżjoni tal-għalliema. Il-kategorija ‘nuqqas ta’ superviżjoni’ kienet l-unika waħda li ssemmiet mit-tmien parteċipanti li huma. F’kelma waħda, anke dawk tal-ġenerazzjonijiet ta’ qabel jammettu li minkejja li l-għalliema ta’ żmienhom kienu tassew dedikati f’xogħolhom, kien hemm problema kbira ta’ nuqqas ta’ superviżjoni b’mod partikolari fil-brejk. Intant, b’xi mod jew ieħor, il-parteċipanti kollha jagħtu parti mit-tort lin-nuqqas ta’ superviżjoni mill-għalliema, għall-involviment tagħhom fil-kultura tal-bulliżmu l-għaliex kien ikun propju fil-brejk fejn l-aktar iseħħu atti ta’ bbuljar:

> "Dawk tefgħuni l-baħar lili Gabriel, dawk l-għażżenin u ħnieżer... *Bastards*! Moħħhom fl-ostja mowbajl u addio aħna t-tfal! X'ma jsawtunix il-*bullies* fil-brejk!" (Stefan)

> "Il-ħin tal-brejk kien il-mument opportun, l-għalliema jisparixxu – tistaqsinix fejn jew x'kienu jmorru jagħmlu – u jien u sħabi tal-klikka mmorru nfittxu lil min se nibbuljaw." (Albert)

> "Bħalma jien kont nieħu qatgħa li f'ħin il-brejk se jsawtuni l-*bullies*, meta mbagħad bdejt nibbulja jien lilhom bdejt nagħmel l-istess ħija: insibhom wieħed wieħed fil-brejk għax dak il-ħin l-għalliema ma kienu jagħtu kas ħadd." (Leli)

> "Grazzi għall-għalliema, is-sitwazzjoni fil-brejk kienet hekk: jekk inti vittma jfisser li sarlek il-ħin għas-swat, u jekk inti buli jfisser li sarlek il-ħin ħa tara ma' min se taqbad." (Feliċ)

> "Kif tridek ma taqlax fil-brejk jekk it-*teachers* kienu jintefgħulek qaqoċċa jidħqu bejniethom u addio aħna t-tfal?" (Brenda)

> "Il-brejk kien il-ħin favorit tiegħi u ta' sħabi għax stajt tibbulja lil min trid għax it-*teachers* ma kinux jagħtu kas tat-tfal." (Marika)

> "Kien jasal il-brejk nieħu qatgħa għax f'qalbi kont ngħid, ġejja tiegħi! Kwarta sħiħa naqla' ġo fija." (Lourdes)

> "Le le, l-għalliema fil-brejk Alla m'għamilhom. Fuq din m'għandniex xi ngħidu... Jekk l-ewwel brejk kien twil kwarta, għid li għandek kwarta sħiħa tissawwat." (Tessie)

Anke sempliċiment minn dawn il-kwotazzjonijiet ta' dawn l-individwi, jidher evidentement li n-nuqqas ta' superviżjoni fl-iskola huwa wieħed mill-fatturi ewlenin li jirrinforza b'mod qawwi l-involviment tal-bulliżmu.

### *3.3.3.3. Reputazzjoni ħażina*

Simili għal dak li ħareġ mis-sottotema *f'għajnejn ħaddieħor (*sottotema ta' *il-lokal),* l-iskola tal-Forti ġiet deskritta b'bosta aġġettivi u titli ibsin: "tal-imħarbtin," "tal-injoranti," "tal-ġellidin," "tal-klassi l-baxxa," "perikoluża," "ambjent vjolenti," "problema kbira ta' edukazzjoni," "post fejn jekk inti kwiet/a se tbati." Ħafna mill-parteċipanti dehru ġenwinament dispjaċuti għall-fatt li kienu jisimgħu anke lill-għalliema stess jużaw dawn it-titli quddiem l-istudenti. Huma tal-fehma li qatt ma setgħu, jew għall-inqas kienet diffiċli ħafna, biex jimxu 'l quddiem fl-edukazzjoni tagħhom meta kienu kontinwament skoraġġuti u sterjotipati mill-għalliema tagħhom.

Uħud mill-informanti argumentaw kif, sforz ir-reputazzjoni totalment negattiva dwar l-iskola li kienu jattendu huma, żiedu l-involviment tagħhom fil-kultura tal-bulliżmu:

> "Emminni li ħa ngħidlek... Tant kont nisma' affarijiet ħżiena u li kienu jbeżżgħuni dwar l-iskola li mbagħad wasalt fi stat fejn spiċċajt *paranoid* kważi kważi... Ibrejnwoxxjawni, dak it-tip li spiċċajt kull fejn kont inkun miexi qisni l-ħin kollu qed nistenna li ħa tiġrili xi ħaġa kerha, jew li ħa naqla' xi xebgħa tajba mingħand xi ħadd." (Stefan)

> "B'dan li se ngħidlek forsi se tgħidli, 'iss ħejj x'inti bravu, proset għalik!' Imma ħa ngħidlek x'kien jiġrili: inti timmaġinak sejjer għall-ewwel darba f'post li kulħadd jgħidlek affarijiet koroh dwaru (prż. hemm isawtuk, hemm jisirquk, hemm jagħmlulek ħaġa u jagħmlulek oħra)? Naturalment inti ladarba tmur f'dak il-post ħa tkun qiegħed *on alert mode* ngħidu aħna, *on the defensive* taf kif? Għajnejk iduru ma' kullimkien biex tara li ħadd mhu ġej fuqek jagħmillek xi ħaġa. Allura mbagħad x'beda jiġrili fl-iskola jien? Tant minn mument għall-ieħor bdejt nistenna li se jagħmluli xi ħaġa, li bdejt insir difensiv u aggressiv biex nilqa' kontra dak li dejjem smajt dwar l-iskola u nevita milli jiġrili xi ħaġa bħalma kienu jgħidu li jiġru." (Feliċ)

Dan id-diskors jixhed traċċi ta' ipperviġilanza. Fi kliem aktar sempliċi, l-għajdut u d-deskrizzjonijiet preġudikati li kienu jisimgħu mingħand in-nies – inkluż l-għalliema – dwar l-iskola tagħhom, kien iwassal lil dawn l-individwi biex, kif ngħidu bil-Malti, 'joqogħdu b'700 għajnejn' għall-ambjent tagħhom u jużaw mekkaniżmi difensivi bil-għan li jilqgħu kontra t-theddid u l-aspettazzjonijiet ħżiena li kienu jdaħħlu f'moħħhom.

# 4. Is-Sejbiet: Il-Karriera tal-Bulliżmu

## 4.1. Introduzzjoni

Filwaqt li fl-ewwel parti tas-sejbiet ġie ttrattat l-isfond bijografiku, f'din it-tieni parti se tingħata ħarsa dettaljata lejn il-karriera sħiħa tal-bulliżmu ta' dawn l-individwi. B'differenza minn ta' qablu, f'dan il-kapitlu l-ewwel nistħarreġ b'mod individwali t-temi u s-sottotemi li ġew identifikati mill-karrieri tal-bulliżmu tagħhom, imbagħad fl-aħħar tal-kapitlu nippreżentahom f'dijagrammi. Dan sabiex il-qarrej jiffamiljarizza ruħu u jifhem aħjar it-trijangolu *vittma pur-buli pur-buli/vittma* qabel ma jgħaddi għad-dijagrammi tal-analiżi tematika fejn joħorġu fid-deher is-similaritajiet u d-differenzi ta' bejn il-vittmi puri u l-bulijiet puri, u l-bulijiet/vittmi.

## 4.2. It-temi

F'din is-sezzjoni se jiġu diskussi l-elementi komuni u dawk speċifiċi li ħarġu mill-karrieri tal-bulliżmu tagħhom. Tajjeb ngħid li filwaqt li fis-sottotemi tat-temi *l-emozzjonijiet* u *l-effetti* kien hemm konsistenza fil-każ tal-parteċipanti kollha, fis-sottotemi tat-tema *il-bulliżmu* kien hemm varjazzjoni kbira għaliex ovvjament, mhux kulħadd għadda mill-istess esperjenzi bl-istess mod. Fil-fatt, fl-aħħar tema – imsemmija *oħrajn* – nittratta proprju żewġ aspetti li mhux kulħadd esperjenzahom, iżda kellhom jitqiesu bħala sottotemi minħabba l-importanza li kellhom f'ħajjet dawn l-individwi.

### *4.2.1. Il-bulliżmu*

F'din it-tema se jintwera x'kienu l-elementi esperjenzati, u b'liema mod, mit-tliet 'kategoriji' ta' nies involuti fil-bulliżmu: mill-punt di vista tal-vittmi puri u tal-bulijiet puri, u tal-bulijiet/vittmi. B'dan il-mod, il-qarrej ikun jista' jifhem aħjar f'liema sens, ngħidu aħna, il-vittmi puri kienu differenti mill-bulijiet puri, u/jew kif il-vittmi u l-bulijiet puri kienu differenti mill-bulijiet/vittmi. Minħabba l-kumplessità enormi fid-data miġbura, biex ma jkunx hemm varjazzjoni kbira fis-sottotemi identifikati, issimplifikajt żewġ sottotemi għal kull 'kategorija' ta' parteċipanti li l-aktar elaboraw fuqhom huma: mill-vittmi puri ħarġu s-sottotemi *il-vittimizzazzjoni* u s-*cyberbullying*, mill-bulijiet puri ġew identifikati *il-ġerarkija tal-grupp* u *ir-regoli tal-grupp,* u mill-bulijiet/vittmi ħarġu *l-ewwel perjodu (bħala vittma)* u *it-tieni perjodu (bħala buli).*

#### *4.2.1.1. Il-vittimizzazzjoni*

It-tliet persuni li huma meqjusa bħala vittmi puri huma Stefan, Brenda u Lourdes. Ilkoll kemm huma sfaw ibbuljati b'mod frekwenti għal numru ta' snin, iżda mhux it-tlieta li huma esperjenzaw dawn l-episodji bl-istess mod. Element komuni fosthom it-tlieta huwa li qatt ma riedu jieħdu azzjoni kontra l-aggressuri tagħhom, jew għall-inqas, li b'xi mod jipprovaw jiddefendu ruħhom minnhom. Dan bl-ebda mod ma jfisser li dawn il-vittmi kienu dgħajfa, iżda hija kwistjoni ta' sempliċiment ma xtaqux li jagħmlu dan. Madanakollu, ta' min ngħid ukoll li llum il-ġurnata, it-tlieta li huma esprimew dispjaċir kbir li dak iż-żmien ma rreaġixxew bl-ebda mod kontra l-bulijiet.

Brenda u Lourdes sostnew li aktar għaddew minn aggressjoni relazzjonali milli aggressjoni diretta. Fi kliem ieħor, għalkemm kemm-il darba sfaw vittmi ta' swat fiżiku, theddid serju, tgħajjir verbali

u anke ta’ serq ta’ oġġetti tagħhom (prż. pitazzi, kotba, ħobż eċċ.), iżjed esperjenzaw episodji ta’ tbarrija soċjali u ta’ tixrid ta’ xnigħat foloz fuqhom, inkluż fuq il-familjari tagħhom. Fi kliemhom:

> “Mhux ħa ngħidlek li ma kontx inweġġa’ fiżikament meta jsawtuni għax inkun qed nigdeb... Iżda emminni l-ikbar weġgħa għalija ma kinitx xi xebgħa li tawni, imma meta minn ma nafx minn fejn ġabuha, qalgħuha li ommi hija qaħba u li ma hemmx raġel li ma daritux. Dik iva, kissritni minn ġewwa.” (Brenda)

> “Uuu aħna t-tfajliet differenti mill-*boys* konna Gabriel. Għalija li kienu jmorru jigdbu fuqi ma’ “sħabi” (suppost) u mbagħad dawk il-boloh, flok jaqbżu għalija, kienu jemmnuhom, kienet tweġġagħni. Kienu jispiċċaw iwarrbuni minħabba l-gideb, u nispiċċa waħdi.” (Lourdes)

Stefan, mill-banda l-oħra, għad li kemm-il darba wkoll esperjenza tgħajjir verbali, theddid, u serq ta’ oġġetti, kien is-swat fiżiku li kien jgħaddi minnu b’mod frekwenti.

*4.2.1.2. Is-cyberbullying*

Billi l-bulliżmu elettroniku huwa fenomenu pjuttost riċenti, kienu biss Stefan u Brenda (tal-iżgħar ġenerazzjoni) li għamlu referenza għal dan it-tip ta’ bbuljar. It-tnejn li huma semmew il-*hi5*, servizz ta’ midja soċjali li kien popolari ħafna qabel l-invenzjoni tal-*Facebook*, li minn fuqu ġew ibbuljati. Kemm Stefan kif ukoll Brenda, irrikorru għal episodju simili ta’ *cyberbullying* li jqisuh bħala wieħed mill-agħar – jekk mhux l-agħar wieħed – li kkawżalhom ħsara psikoloġika kbira u permanenti.

Stefan irrakkonta kif ġurnata minnhom, fl-aħħar sena tal-Primarja, daruh klikka ta’ bulijiet fil-brejk u tawh xebgħa kbira filwaqt li wieħed minnhom ġibed l-episodju kollu bil-kamera ta’ fuq il-mowbajl li kellu fuqu bil-moħbi. Aktar tard dik il-ġurnata, l-istess persuna li ġibdet il-filmat minn

fuq il-mowbajl tellgħet il-filmat ta' Stefan jissawwat mill-bulijiet fuq il-*hi5*, li fi ftit ġranet tant inxtered li anke xi ġenituri u għalliema saru jafu bih – sakemm eventwalment il-buli ġie mitlub iħassar għalkollox il-filmat. Brenda wkoll għaddiet minn esperjenza simili ħafna ta' Stefan, fejn vidjow li kienu ħadulha bil-moħbi waqt li kienu qed jibbuljawha waqt il-brejk xerrduh fuq il-*hi5* biex jitmejlu biha, tant li tammetti li kien propju wara dan l-episodju partikolari li qabdet il-vizzji ħżiena.

#### *4.2.1.3. Il-ġerarkija tal-grupp*

Aspett li għamlu referenza għalih kważi l-parteċipanti kollha, b'mod speċjali l-bulijiet puri, huwa l-*mobbing*: ibbuljar li jseħħ minn grupp sħiħ ta' bulijiet. Fil-fatt, Marika u b'mod partikolari Albert – li kien il-kap ta' klikka kbira rinomata ta' bulijiet – provdew informazzjoni utli ħafna li tista' tgħinna nifhmu aħjar kif tiffunzjona x-'xibka' kumplessa tal-*mobbing*, li prattikament tista' tkun preżenti f'kwalunkwe skola. Se nivviżwalizza l-informazzjoni kollha – bl-istess terminoloġija li uża Albert – f'tabella li tikkunċettwalizza l-ġerarkija tal-grupp li kien fih, tarġa b'tarġa.

| kariga | responsabbiltà tal-kariga | numru ta' membri b'din il-kariga |
|---|---|---|
| il-kap | Albert kien il-pijunier li ħareġ bl-idea ta' grupp vjolenti u mtarraġ ta' bulijiet – Albert ried jiżgura li l-membri kollha tal-klikka, inkluż hu nnifsu, qegħdin jikkonformaw mar-regoli stabbiliti tal-grupp li ħareġ bihom hu stess – huwa kien responsabbli għad-dħul ta' membri ġodda fil-klikka u għat-tkeċċija tal-membri preċedenti fejn meħtieġ – Albert kien jibbulja lil xi ħadd jew jaqla' l-inkwiet fl-iskola kuljum | 1 |
| il-kbarat | Dawk li għal snin sħaħ (kemm dam Albert, damu huma) baqgħu leali lejn il-membri tal-klikka u kkonformaw dejjem mar-regoli stabbiliti tal-grupp – dawn kienu jibbuljaw lil ħaddieħor kull meta, u kull fejn, kien ikun involut Albert – dawn riedu jgħinu fl-ippjanar ta' kull att devjanti li Albert kien jiddeċiedi li jwettqu fit-tali ġurnata | 2 |
| il-bulijiet esperjenzati | Dawk li għal ċerta tul ta' żmien ikunu baqgħu leali lejn il-klikka ta' Albert u jikkonformaw b'mod konsistenti mar-regoli stabbiliti tal-grupp – dawn kienu jibbuljaw lil ħaddieħor b'mod frekwenti, u jinvolvu ruħhom f'atti devjanti ta' spiss | 3 |
| il-bulijiet *beginners* | Dawk li Albert kien iqis bħala tajbin biżżejjed biex ikunu fil-klikka tiegħu wara li jwettqu att ta' bulliżmu li f'għajnejn Albert ikun vjolenti biżżejjed – dawn kienu jibbuljaw lil ħaddieħor darba fil, u jinvolvu ruħhom f'atti devjanti mill-inqas | 6 |
| l-interessati li jidħlu | Dawk imħajra li jidħlu fil-grupp ta' Albert riedu jikkonvinċu lilu bħala l-kap tal-klikka li huma *worth it* biex ikunu fil-grupp tiegħu billi jwettqu att serju ta' bulliżmu – imbagħad kien jagħżel Albert lil min minnhom jaċċetta biex jidħol fil-klikka tiegħu | *x* |

*Tabella 3: Il-ġerarkija tal-klikka ta' Albert*

Din it-tabella tixhed bla dubju l-kalibru tal-klikka ta' Albert. Simili għal dan, Marika wkoll għamlet referenza għall-klikka li kienet fiha hi, bid-differenza li hi ma kinitx il-kap tal-klikka iżda waħda mill-membri mlaħħqin. Madanakollu, ħafna mill-informazzjoni li pprovda Albert aċċennat għaliha Marika wkoll, inkluż il-ġerarkija mtarrġa li kienet essenzjali għall-funzjonament u l-effettività tal-klikka:

> Għadek ma tafx kemm kienet importanti l-klikka għalina [għall-membri tal-grupp tagħha]...Meta inti taf li għandek organizzazzjoni sħiħa, ħa nsejħulha hekk, ta' bulijiet kulħadd bir-responsabbiltà tiegħu u jaqdi dmiru, inti *safe* li żgur ħadd mhu se jmissek jew li se jiġi jimbuttak, joffendik jew hekk. Aktar ma l-klikka kienet kbira u serja, ħa ngħidu hekk, inqas kien hemm ċans li jibbuljawk għax ovvjament huma kienu jafu li jekk xi ras kbira tiddeċiedi li tmiss lil xi ħadd minna, se jarralu għax sejrin grupp sħiħ ta' nies infittxuh u nduruh. (Marika)

*4.2.1.4. Ir-regoli tal-grupp*

Mill-esperjenzi ta' Albert u Marika bħala persuni li kienu fi klikek ta' bulijiet, ġew identifikati numru ta' regoli stabbiliti mill-grupp li kienu fih, li bilfors riedu jsegwu:

- Tfal li jixtiequ jidħlu membri fil-klikka tiegħu jridu jikkonvinċuh li huma *worth it* biżżejjed biex ikunu jagħmlu parti mill-grupp tiegħu, billi jwettqu att 'serju' ta' bulliżmu (prż. serq ta' oġġett b'valur għoli mingħand l-amministrazzjoni jew tfal oħra fl-iskola, iweġġgħu sew lil xi ħadd, jirrispondu lill-għalliema eċċ.). (Albert)

- Ħadd mill-membri ma jista' jwettaq xi forma ta' vjolenza fuq xi ħadd li jagħmilha ma' klikka akbar minn dik tal-grupp tiegħu. (Albert, Marika)

- Jekk wieħed mill-membri tal-klikka ikollu argument ma' xi ħadd (student ieħor, għalliem, membru tal-amministrazzjoni u l-bqija), il-bqija tal-membri kollha jridu jaqbżu għalih, tkun xi tkun iċ-ċirkostanza; jekk xi ħadd minnhom, għal xi raġuni jew oħra, jevita milli jagħmel dan, jitkeċċa għalkollox mill-grupp u jsir għadu tagħhom. (Albert, Marika)

- Il-membri kollha jridu jinvolvu ruħhom f'atti ta' bulliżmu b'mod frekwenti u preferibbilment kontra bulijiet/klikek oħra biex b'hekk jibqgħu fil-quċċata tal-iskola, jew fi kliemhom stess, *on top of the food chain*. (Albert, Marika)

- Aktar ma membru jkun vjolenti, iġib ruħu ħażin, jirrispondi u jwettaq atti ta' bulliżmu u/jew imġiba devjanti, aktar ikun rispettat mill-klikka u iżjed hemm ċans li jingħata 'promozzjoni' fil-ġerarkija tal-grupp. (Albert, Marika)

*4.2.1.5. L-ewwel perjodu (bħala vittma)*

It-tliet persuni li jitqiesu bħala bulijiet/vittmi huma Leli, Feliċ u Tessie. Simili għall-vittmi puri, Leli, Feliċ u Tessie sfaw ibbuljati b'mod frekwenti għal żmien twil: ilkoll kemm huma esperjenzaw swat fiżiku, theddid kontinwu, tgħajjir verbali li jweġġa', serq ta' oġġetti, u anke episodji ta' tbarrija soċjali u ta' tixrid foloz fuqhom u fuq il-familjari tagħhom. Madanakollu, element importanti li spikka fil-bulijiet/vittmi u li kien għalkollox assenti fil-vittmi puri huwa dak tat-tpattija:

> "Kont inkun mal-art bi mnieħri mifruġ, emminni ta'... U minflok kont ngħajjat għall-għajnuna, *deep down* kont inħoss ħdura kbira ġo fija li rrid naħliha fuq xi ħadd minnhom. U haw', ħa ngħidlek ta', imbagħad ħabib meta wasal [sic] is-siegħa u l-mument li bdejt

> inpattihielhom wieħed wieħed, werwirt lil kulħadd ta'! Dak pjaċir żgur li tħoss!" (Leli)

> "Dejjem kont ngħid Gabriel... Dejjem kont ngħid li xi darba għad taqbiżli l-ostja kollha u noqtol lil xi ħadd minnhom. Dan kemm taħseb li se ddum taqla' ġo fik u tibqa' qisek pastizz? Jien tad-demm u l-laħam bħal ħaddieħor kont ta'! Iva, xi mkien f'moħħi dejjem kienet tberren is-sens ta' tpattija, u kemm jista' jkun ħarxa għax dawk in-nies il-forka kien ħaqqhom." (Feliċ)

> "Ikolli nammetti li *deep down* dejjem kelli l-ħsieb għaddej ta' kif u x'se nagħmel biex inpattihielhom ta' dak kollu li għamluli. Fil-fatt, bqajt bqajt sakemm hekk għamilt u beda jarralhom għax ir-rabja kollha u s-saħħa barranija li kienet tiġini bdejt naħliha fuqhom." (Tessie)

Din is-sejba hija siewja ħafna għaliex kif nuri f'sezzjoni *4.2.2.2.*, l-emozzjoni tat-'tpattija' kellha tkun waħda mill-aktar – jekk mhux l-aktar – elementi sinifikanti li tiddistingwi lill-vittmi puri mill-bulijiet/vittmi, u li 'tpoġġihom' fuq skala ferm aktar serja u perikoluża mill-bulijiet puri.

*4.2.1.6. It-tieni perjodu (bħala buli)*

Minn diversi aspetti, il-mod ta' kif bdew jibbuljaw lill-aggressuri tagħhom u t-tip ta' mġiba devjanti li bdew iħaddnu Leli, Feliċ u Tessie meta mqabbla ma' dawk ta' Albert u Marika – il-bulijiet puri – huma distingwibbli ħafna. Ibda biex, it-tlieta li huma użaw l-istess frażi:

> "Mhux biċ-ċajt, meta noqgħod inħares lura u tara x-*shift* bejn iż-żmien li tkun vittma u ż-żmien li kont buli, nirrealizza li bħal qisni sirt persuna oħra." (Leli)

> "Meta wasal dak iż-żmien [iż-żmien fejn ma baqax vittma] Gabriel, qisni ttrasformajt f'persuna oħra... Imwieled mill-ġdid." (Feliċ)

> "Litteralment qisek tittrasforma f'persuna oħra." (Tessie)

Minnha nnifisha, il-frażi "issir u/jew tittrasforma f'persuna oħra" timplika bidla enormi: fil-każ ta' dawn it-tliet persuni, bidla kbira fl-imġiba u fit-tempra, fl-attitudnijiet, u fil-mod ta' kif bdew jirreaġixxu kontra l-aggressuri tagħhom. F'Albert u Marika, mill-banda l-oħra, din l-idea ta' "trasformazzjoni/bidla enormi fl-imġiba" ma ssemmiet qatt.

Barra minn hekk, il-fatt li – fil-każ ta' Leli u Feliċ – bdew iġorru saħansitra arma bil-ponta fuqhom bla dubju jkompli jindika l-qabża kbira fil-limitu, is-serjetà u l-perikolożità tal-bulliżmu meta mqabbla ma' dik tal-bulijiet puri. Għalkemm it-tnejn li huma qalu li qatt ma attakkaw lill-aggressuri tagħhom b'dawn l-armi li kienu jġorru fuqhom, it-tnejn sostnew li kienu jżommuhom fuqhom għall-awtodifiża (*self defence*) u bħala mezz ta' wens u sigurtà. Iżda ammettew ukoll li kieku xi darba ħtieġ il-bżonn li jużawhom, kienu jużawhom mingħajr ebda kunsiderazzjoni tal-konsegwenzi li setgħu jaffaċċjaw:

"Kieku reġgħu daruni darb'oħra minn dakinhar, kont noħroġha mill-basket [l-arma] u nħanxar għonq xi ħadd, żgur... Naf x'qed ngħidlek... Żgur voldieri ma kontx se niddejjaq, għax daqshekk tkun miġugħ b'li għamlulek." (Leli)



*Ritratt 1: L-arma li kien juża Leli*

"Tgħidlix kemm jiena fanfru jew kesaħlu imma mhix ħa niddejjaq minnek lilek... Kieku tfaċċa l-bżonn li nużaha din [l-arma], għala biebi kont nużaha ta', ta' raġel qed ngħidlek. X'taħseb fil-konsegwenzi u fl-inkwiet li stajt inġib lil missieri fih dak il-ħin jaħasra, Alla jaħfirlu! L-aqwa li tweġġagħhom dak il-ħin, hekk ikollok f'moħħok, biss." (Feliċ)



*Ritratt 2: L-arma li kien juża Feliċ*

### *4.2.2. L-emozzjonijiet*

Din it-tema tittratta żewġ sottotemi: *fil-passat* u *fil-preżent* li jipprovdu informazzjoni utli ħafna dwar l-emozzjonijiet tal-vittmi, tal-bulijiet u tal-bulijiet/vittmi kemm f'dak il-perjodu li kienu involuti fil-kultura tal-bulliżmu, u aktar importanti minn hekk, illum il-ġurnata, tant snin wara li qatgħu għalkollox il-kuntatt minn din il-kultura. Hija f'din is-sezzjoni fejn irrealizzajt l-utilità tal-*life history interview* li tatni l-opportunità li nanalizza l-istampa sħiħa ta' dawn l-individwi.

Biex nevita konfużjoni sforz ir-rikkezza kbira tad-data, se nibda bl-emozzjonijiet li rriżultaw li huma komuni fost kulħadd, għal dawk aktar speċifiċi.

#### *4.2.2.1. Fil-passat*

Qabelxejn, is-sensibbiltà ta' 'rabja għal kulħadd inkluż għalihom infushom' ħarġet b'mod ċara minn kull informant, irrispettivament minn jekk kinux vittmi u bulijiet puri, jew bulijiet/vittmi. Għal raġunijiet ovvji, is-sens ta' rabja kbira hija komuni f'ħafna mill-każijiet ta' bulliżmu.

Emozzjoni oħra li ssemmiet minn kulħadd, minbarra mill-bulijiet puri, hija 'uġigħ fiżiku u psikoloġiku.' Naturalment, l-uġigħ fiżiku kien sforz is-swat li kienu jaqilgħu mingħand l-aggressuri tagħhom, filwaqt li l-uġigħ psikoloġiku kien aktar riżultat tal-problemi u l-inkwiet li kellhom fid-dar, tal-ħsibijiet kontinwi f'moħħhom, u tal-mistoqsijiet dubjużi li xtaqu tweġiba għalihom (prż. "għaliex jiena l-vittma?" "x'għamilt jien biex ħaqqni din it-tbatija?" "għaliex ħadd mhu jgħinni?"). Ta' min wieħed isemmi wkoll li fil-każ ta' Lourdes u Tessie, semmew anke l-uġigħ fiżiku li xi drabi kienu jesperjenzaw mingħand missirijiethom minħabba li l-metodu ta' dixxiplina li kienu jużaw magħhom kien jinvolvi swat kbir.

Emozzjoni li ssemmiet biss fost il-vittmi puri hija 'biża' kbira.' Mir-rakkonti tagħhom, is-sens ta' biża' deher li żdied matul is-snin li baqgħu bbuljati. Filwaqt li għall-bidu li kienu bbuljati, il-biża' kienet biss mill-aggressuri tagħhom, maż-żmien il-biża' kompliet tikber tant li t-tlieta li huma (Stefan, Brenda u Lourdes) isostnu li spiċċaw jumbraw għalkollox l-iskola u għadhom sal-lum il-ġurnata jassoċjawha ma' 'biża'' u 'vjolenza.' Li huwa interessanti huwa li fil-każ tal-bulijiet/vittmi, għalkemm qabel ma saru bulijiet ukoll kienu bbuljati frekwentament, qatt fl-intervisti tagħhom (ta' Leli, Feliċ u Tessie) ma ssemmiet il-kelma 'biża'.' Madanakollu, dan ma jfissirx li fil-verità ma kinux iħossuhom imbeżżża': anzi, il-fatt li qabel ma bdew ipattuha lill-aggressuri tagħhom iffurmaw klikka ta' bulijiet għall-assistenza jagħtini x'nifhem li xi forma ta' biża' kien hemm. Kieku verament ma kien hemm l-ebda sens ta' biża', ma narax il-għala ma kinux imorru għal rashom (waħidhom) biex jaggredixxu lill-bulijiet tagħhom.

Mill-istejjer tal-bulijiet puri, spikkaw erba' kategoriji li semmew huma biss. L-ewwel tnejn li ssemmew, u li huma interrelatati, huma s-'sens ta' eroj' u 'mġewwaħ/ħa għall-fama.' Il-fatt li kemm Albert kif ukoll Marika kienu fi klikka mtarrġa f'karigi fejn il-membri kollha tal-grupp kienu għatxana għall-'promozzjoni' fil-grupp u għall-poter, mhux ta' b'xejn li riedu jistinkaw u jagħmlu ħilithom biex ikunu fil-quċċata tal-klikka. Żewġ kategoriji oħra, li wkoll nissuspetta li huma interrelatati, huma l-'għira għal min kellu familja magħquda' u l-idea ta' 'sfog.' Mir-rakkonti tagħhom deher li din l-għira, li fi kliemhom kienet "tweġġgħalhom qalbhom," riedu jisfogawha fuq it-tfal l-oħra, partikolarment fuq dawk it-tfal li kellhom sewwasew familja magħquda. Li tqajjem daqsxejn id-dubji hija l-għala, fost it-tmien parteċipanti li lkoll kemm huma nistgħu ngħidu li kellhom familja mkissra, kienu biss il-bulijiet puri li ammettew li kienu għajjuri għal min kellu familja magħquda.

Mill-banda l-oħra, mill-istejjer tal-bulijiet/vittmi ħarġu żewġ elementi – il-‘mibegħda’ u l-‘ebda sens ta’ rimors’ – li ssemmew mingħandhom biss. Min-natura tagħhom, dawn iż-żewġ emozzjonijiet jinstigaw, kif ngħidu bil-Malti, sens ta’ ‘ħdura’ u ma juru ebda simpatija lejn il-vittmi/l-aggressuri tagħhom. Bla dubju, dan ikompli jixhed il-qabża kbira fis-serjetà u l-perikolożità tal-aggressjoni ta’ bejn il-bulijiet puri u l-bulijiet/vittmi. Madanakollu, kien l-element ta’ ‘tpattija’ li kien evidenti ħafna fil-vittmi puri u b’mod speċjali fil-bulijiet/vittmi, li deher li jiddistingwi l-aktar il-bulijiet puri mill-bulijiet/vittmi (ara s-sottotema li jmiss *il-preżent* għal aktar informazzjoni dwar dan). Fost Leli, Feliċ u Tessie – ilkoll bulijiet/vittmi li għaddew minn problemi kbar u taqlib enormi ta’ ħsibijiet – iż-żewġ irġiel ammettew li tant kienu ddisprati u kellhom ħsibijiet ħżiena, li kemm-il darba għaddewlhom ħsibijiet suwiċidali minn moħħhom. Tessie, madanakollu, ma semmiet qatt li kienet iddisprata jew li qatt għaddiet minn perjodu diffiċli li ma rnexxilhiex timmaniġġjah.

L-unika emozzjoni li l-okkorrenza tagħha mhijiex daqstant ċara hija ‘ma kont inħossni kapaċi għal xejn.’ B’mhijiex daqstant ċara qed nifhem li minn banda ma ssemmietx mingħand il-bulijiet puri (u allura din aktarx tindika li l-bulijiet puri ma kellhomx din il-problema), iżda min-naħa l-oħra ssemmiet mingħand Stefan (vittma pur), Leli u Feliċ (bulijiet/vittmi) u mhux mingħand Brenda u Lourdes (vittmi puri) u/jew mingħand Tessie (buli/vittma). Għaldaqstant, mhix possibbli, ngħidu aħna, li nassoċjaw is-sensibbiltà ta’ ‘ma kont inħossni kapaċi għal xejn’ b’mod daqstant lineari mal-vittmi puri jew mal-bulijiet/vittmi.

Finalment, Lourdes u Tessie semmew is-sens ta’ ‘ribelljoni’ li kif spjegajt f’sezzjoni *3.3.1.1.*, kienet sforz id-dixxiplina iebsa tal-ġenituri tagħhom li kienu jużaw tattiċi ta’ dixxiplina li jinvolvu swat aħrax.

*4.2.2.2. Fil-preżent*

Fl-emozzjonijiet imsemmija *fil-preżent*, ma kien hemm l-ebda waħda li ssemmiet mingħand il-parteċipanti kollha.

Mir-rakkonti tal-vittmi puri, dehru dejjem l-istess tliet emozzjonijiet: 'dispjaċir,' 'tensjoni kbira,' u 'biża' kbira.' Ibda biex, instab li huma dispjaċuti għal żewġ raġunijiet partikolari: qabelxejn għax jemmnu li t-tfulija tagħhom kissruhielhom l-aggressuri tagħhom, u aktar minn hekk, il-għaliex qatt ma ddeċidew li jiddefendu ruħhom mill-bulijiet. Dan jurina li anke jekk dawn l-individwi qatt ma rreaġixxew lura għall-bulijiet sempliċiment għax ma xtaqux jew ma ridux li jiddefendu ruħhom, illum jinsabu dispjaċuti ħafna għall-passat tagħhom:

> "Illum jiddispjaċini ngħid li jien kont iblah." (Stefan)
>
> "Illum hekk noqgħod ngħid meta nħares lura, kemm kont belha." (Brenda)
>
> "Illum nemmen li s-soluzzjoni biex twaqqaf il-*bullying* hija waħda: trid tiqfilhom mill-bidu [lill-bulijiet]. Kont baħnana, dak li naf." (Lourdes)

B'żieda ma' dan, it-tlieta li huma jemmnu li l-akbar impatt li għadu evidenti fihom sal-lum il-ġurnata kawża ta' dak li għaddew minnu, huwa t-tensjoni u l-biża' kbira li taqbadhom f'xi mumenti (prż. sa ma jsiru jafu sew lil xi ħadd li għadhom kemm jiltaqgħu miegħu), li fi kliemhom stess, ġieli għal xejn b'xejn. Kif nuri fis-sottotema *ir-relazzjonijiet soċjali*, dan jurina li llum il-ġurnata jsibuha bi tqila biex jikkomunikaw (u agħar minn hekk, biex jafdaw) ma' xi ħadd li għadhom bilkemm jafuh. Stefan jisħaq ukoll li taqbdu tensjoni kbira meta jkun miexi fit-triq u jara grupp

kbir ta' nies, anke jekk lanqas biss jaf min huma – nissoponi li dan hu riżultat tal-bulliżmu tal-passat ikkawżat mill-klikek ta' bulijiet.

Fil-każ tal-bulijiet puri, għandna kuntrast qawwi bejn Albert u Marika. Dan għaliex filwaqt li llum il-ġurnata Albert jinsab dispjaċut u ħati ta' għemilu, min-naħa l-oħra mhux talli Marika ma jiddispjaċihiex għal dak li għamlet fil-passat, iżda ssostni li bl-ebda mod mhi ħatja ta' għemilha. Ir-raġuni li tat hija din:

> "Jiena ħa ngħidlek kif naħsibha: għalija ħadd mhu innoċenti, lanqas min imurlek il-knisja kuljum jitqarben imbagħad ħlief jidgħi u jidneb ma jagħmilx. Kulħadd kattiv *deep down*. Mhux ħa ngħidlek li sewwa għamilt li fil-passat ibbuljajt ħafna tfal oħra, iżda *guilty* żgur m'iniex. Jew għall-inqas, jien ma nħossnix li jiena *guilty*. Anzi, inħoss li lil dawk it-tfal li sawwatt ftaħtilhom għajnejhom għad-dinja reali li qegħdin jgħixu fiha llum: mur arahom illum il-ġurnata ħa tara b'għajnejk kemm huma boloh! Min hu msawwat minn żewġhom, min jeqlibhielha *left right and centre*... Ma niqafx. Jien innoċenti." (Marika)

Dan huwa każ ċar li qed tikkonvinċi lilha nnifisha li ma taħtix, anzi kważi kważi titfa' l-ħtija fuq il-vittmi, li huwa t-tort ta' ħaddieħor li hi saret buli. Minkejja l-verżjoni differenti li tat Marika minn Albert, ta' min ngħidu li fl-istess ħin, it-tnejn li huma jaqblu li tgħallmu mill-iżbalji tagħhom tal-passat tant li ilhom snin twal li qatgħu mill-kultura tal-bulliżmu – u fil-każ ta' Marika, qatgħet ukoll għalkollox il-vizzji ħżiena li qabdet matul żgħożitha.

Is-sitwazzjoni tal-bulijiet/vittmi, terġa' tikkumplika ftit aktar ruħha. Ibda biex, filwaqt li fis-sottotema *il-passat* it-'tpattija' dehret kemm mill-vittmi puri kif ukoll mill-bulijiet/vittmi, fis-sottotema *il-preżent* ma ssemmiet qatt mill-vittmi iżda spikkat fil-bulijiet/vittmi. Huwa apparenti sew li l-bulijiet/vittmi għadhom sal-lum il-ġurnata għatxana għat-tpattija lejn l-aggressuri

tagħhom, avolja lil ħafna minnhom kienu pattewhielhom diġà fiż-żmien meta saru bulijiet. Dan jissuġġerixxi, allura, li bħal donnu għadhom ma 'pattewhielhomx biżżejjed' biex iħossuhom ġustifikati għal dak li sofrew huma. Il-kategoriji li jkomplu juru kemm dan huwa minnu huwa l-fatt li reġgħu ssemmew il-'mibegħda' u l-'ebda sens ta' rimors' li jkomplu joħorġu d-differenzi kbar bejn il-bulijiet puri u l-bulijiet/vittmi. Fid-dawl ta' dan kollu, toħroġ fid-deher il-'ħdura' li żammew ġo fihom matul dawn is-snin kollha.

Għal darb'oħra, fil-każ ta' Lourdes u Tessie reġa' ssemma s-sens ta' 'ribelljoni' li jkompli juri l-impatt qawwi li tħalla fuqhom sforz id-dixxiplina iebsa tal-ġenituri tagħhom, tant li għadhom bl-istess qoxra ribelluża li żviluppaw snin ilu.

### *4.2.3. L-effetti*

Għad li l-analiżi tal-emozzjonijiet li għadna kif rajna fiż-żewġ sezzjonijiet ta' qabel ukoll jitqiesu bħala effetti tal-bulliżmu, f'din it-tema jiġu ttrattati l-effetti fuq tliet aspetti ewlenin tal-informanti: l-*edukazzjoni*, *il-karriera tax-xogħol* u *relazzjonijiet soċjali*. Billi wħud mill-parteċipanti tkellmu anke dwar l-effetti fuq *il-ħajja personali* tagħhom, ħassejt li kelli nniżżilha bħala sottotema addizzjonali.

#### *4.2.3.1. Edukazzjoni*

L-istudji li juru r-rabta ta' bejn il-bulliżmu u l-edukazzjoni ta' dawk affettwati huma numerużi, u ħafna minnhom jaqblu li l-effetti li jitħallew fuqhom huma negattivi. Ibda biex, it-tmienja li huma sostnew li waqfu kmieni mill-iskola: min għamel sal-*Form* 4, u min sal-*Form* 3, ħafna minnhom

bil-għan li jfittxu joħorġu jaħdmu sabiex jgħinu lill-ġenitur/i tagħhom finanzjarjament u/jew għax ma felħux ikomplu sforz l-esperjenzi diffiċli tagħhom tal-iskola.

Fil-każ tal-vittmi puri, kif aċċennajt għaliha f'sezzjoni *4.2.2.1.*, il-biża' li bdiet sempliċiment mill-aggressuri kibret u nfirxet matul is-snin sakemm saret biża' kbira mill-iskola. Riżultat ta' dan, kienu jagħmlu minn kollox u jġibu bosta skużi lill-ġenitur/i tagħhom biex ma jmorrux aktar u allura żdied l-assenteiżmu tagħhom mill-iskola. Mir-rakkonti tagħhom, il-kulminazzjoni tal-assenteiżmu mill-iskola deher li kien fil-*Year* 6. Filwaqt li l-waqfien kmieni mill-iskola għal Stefan u Lourdes kien minħabba l-biża' kbira li żviluppaw sforz il-bulliżmu li baqgħu jesperjenzawh tul is-snin tas-Sekondarja sa ma eventwalment waqfu għalkollox fil-*Form* 4, Brenda kellha tieqaf kmieni għax riedet tfittex toħroġ taħdem biex tkun tista' tgħin lil missierha fil-finanzi li ma kienx qed ilaħħaq magħhom bil-paga waħda tiegħu.

Għad li f'dak li għandhom x'jaqsmu mġiba u emozzjonijiet ħarġu differenzi sinifikanti bejn il-bulijiet puri u l-bulijiet/vittmi, mill-aspett ta' edukazzjoni huma simili ħafna. L-ewwel nies, kemm Albert u Marika, kif ukoll Feliċ, ammettew li kemm-il darba qalgħu esklużjonijiet mill-iskola sforz l-imġiba tagħhom. Barra minn hekk, Albert u Leli stqarru li minn dejjem kienu jġibu riżultati baxxi, aktarx minħabba l-enerġija u l-ħin twil li kienu jinvestu fl-involviment tagħhom fil-kultura tal-bulliżmu. Feliċ u Marika, għad li ma semmewx li kienu jġibu riżultati baxxi, jammettu li l-iskola qatt ma kienet għalihom. Kienet biss Tessie li sostniet li qatt ma kienet ħażina fl-iskola, u li kienet tinteressaha daqsxejn. Madanakollu, hija wkoll tammetti li:

> "Li kieku ma kontx moħħni f'min, kif u x'se nagħmel lill-*bullies* kuljum praċett, nimmaġina li kont inkun aktar ta' suċċess fl-edukazzjoni tiegħi." (Tessie)

*4.2.3.2 Il-karriera tax-xogħol*

Simili għall-aspett tal-edukazzjoni, fis-sottotema *il-karriera tax-xogħol,* is-sejbiet ta' bejn il-bulijiet puri u l-bulijiet/vittmi huma simili ħafna, filwaqt li dawk tal-vittmi puri huma storja differenti.

Fil-każ ta' Stefan, Brenda u Lourdes, l-akbar żewġ effetti li dehru li ħakmuhom fil-karriera tax-xogħol tagħhom, huma s-sens ta' skumdità fuq il-post tax-xogħol u d-diffikultà biex jingwalawha mal-kollegi tagħhom. Bi skumdità fuq il-post tax-xogħol, il-parteċipanti jifhmu li qatt ma jħossuhom għalkollox sikuri u bħallikieku kontwinament qed jistennew li se tiġrilhom xi ħaġa ħażina minn mument għall-ieħor. Bħalma deher fis-sottotema *reputazzjoni ħażina* fit-tielet kapitlu, hawnhekk reġgħet tfaċċat il-perċezzjoni ta' iperviġilanza fejn għandna persuna/i li qiegħda l-ħin kollu 'b'seba' mitt għajnejn' għall-madwar tagħha bħallikieku qed tistenna xi ħaġa negattiva sseħħ. Mill-banda l-oħra, meta qed jgħidu li jsibuha diffiċli biex jingwalawha mal-kollegi, qed jirreferu għall-fatt li ma jħossuhomx komdi li jikkomunikaw, jew aktar minn hekk, biex jafdaw, lill-kollegi tagħhom.

B'kuntrast mal-vittmi puri, għall-bulijiet puri u għall-bulijiet/vittmi, ix-xogħol kien mezz ta' aljenazzjoni mill-problemi fejn jinsew, temporanjament, l-inkwiet kollu b'mod partikolari tad-dar. Aktar minn hekk, ilkoll kemm huma minbarra Tessie, ammettew li bis-saħħa tas-sigħat twal li kienu jqattgħu fuq il-post tax-xogħol bdew saħansitra jrabbu l-għaqal u jitgħallmu ċerta etikett li mill-iskola ma rnexxilhomx jitgħallmu. Għaldaqstant, dan kollu qed jurina li filwaqt li għall-vittmi puri l-post tax-xogħol kien ifisser skumdità kbira, għall-bulijiet puri u għall-bulijiet/vittmi kien ta' benefiċċju li għen biex itaffi, imqar jekk għal ftit tal-ħin, il-problemi personali tagħhom.

Eċċezzjoni huwa l-każ ta' Marika li ma tantx setgħet tipprovdi informazzjoni f'dan il-qasam minħabba li qatt ma ħadmet u dejjem għexet fuq ir-*relief* (tal-ommijiet waħidhom).

*4.2.3.3. Ir-relazzjonijiet soċjali*

L-aktar effett evidenti tal-bulliżmu fuq ir-relazzjonijiet soċjali ta' dawn l-individwi ma' ħaddieħor huwa li llum il-ġurnata, ilkoll kemm huma protettivi żżejjed (*over-protective*) mal-membri familjari tagħhom – min ma' ommu (Stefan), min ma' ħutha (Brenda), u l-iżjed komuni, ma' wliedhom (Albert, Leli, Feliċ, Marika, Lourdes, Tessie). Dan jixhed li l-esperjenzi ibsin li ġarrbu dawn il-persuni fil-passat wassal biex illum li kibru, rabbew qoxra difensiva tant li jagħmlu minn kollox biex jipproteġu bl-aħjar mod possibbli lill-membri familjari tagħhom mill-vjolenza. Għalhekk nippreżumi li l-aktar li ssemmew huma l-ulied.

Kategorija li spikkat fost il-vittmi puri u l-bulijiet/vittmi hija n-'nuqqas ta' fiduċja f'ħaddieħor,' li skont Stefan u Brenda, inkluż f'xi wħud mill-familjari tagħhom. Il-fatt li Stefan u Brenda jsostnu li ma jafdawx anqas lil xi wħud mill-familjari tagħhom jixhed l-estremità li dan l-effett tal-bulliżmu jista' jkollu. Għall-argument, Brenda tammetti li sforz in-nuqqas ta' dixxiplina li dejjem kellu magħha missierha wassalha biex ma tafdah f'xejn aktar, u ma timxix fuqu għall-eżempju tajjeb.

*4.2.3.4. Il-ħajja personali*

Billi *il-ħajja personali* ma kinitx sezzjoni inkluża fil-mistoqsijiet tal-intervista – kienu Stefan, Feliċ, Brenda u Marika min jeddhom li elaboraw dwar dan – ħassejt li kelli ninkludiha bħala sottotema għaliha għax tkompli tikxef effetti oħra relatati mal-bulliżmu.

Ibda biex, mill-erba' individwi li elaboraw dwar dan deher li lkoll kemm huma qabdu vizzji 'ħżiena' minn età żgħira – fosthom, it-tipjip u l-konsum eċċessiv ta' alkoħol – bil-għan li jtaffu u jinsew id-dwejjaq u l-uġigħ fiżiku u psikoloġiku li kienu għaddejjin minnu. B'żieda ma' dawn, Marika ssostni li bdiet tesperimenta wkoll b'sustanzi illegali bħala mezz ta' serħan, li eventwalment wassluha biex issir ivvizzjata u dipendenti fuqhom.

Hija ħasra li l-informanti l-oħra ma fetħux fuq dan l-aspett minn ħajjithom il-għaliex minnhom stajna nkomplu nindagaw iżjed fil-fond tal-effetti possibbli tal-bulliżmu, iżda kif diġà għedt, is-sezzjoni tal-*ħajja personali* ma kinitx fil-mistoqsijiet tal-intervista u allura ma jingħata tort lil ħadd.

### *4.2.4. Oħrajn*

Din it-tema semmejtha apposta *oħrajn* għaliex mid-data ħarġu żewġ aspetti – li deher biċ-ċar li kellhom impatt kbir f'ħajjet l-informanti – li ma kinux ippjanati fil-mistoqsijiet tal-intervista. Is-sottotemi li inkludejt f'din is-sezzjoni huma *il-ħabs* u *l-għajnuna*.

#### *4.2.4.1. Il-ħabs*

Minnu nnifsu, 'il-ħabs' jimplika l-idea ta' reat/i serju/i. Fil-fatt, mill-parteċipanti kollha, kienu Feliċ u Marika li 'daqu' l-ħabs sforz l-attitudni kriminali tagħhom. Mingħajr ma nidħol fid-dettall ta' għaliex u x'wassal biex Feliċ u Marika jispiċċaw il-ħabs (sabiex nipproteġi l-identità tagħhom), li nista' ngħid huwa li t-tnejn li huma qattgħu numru twil ta' snin hemmhekk. Madanakollu, fi kliemhom stess, "kien imnalla" li daħlu l-ħabs l-għaliex kien hemmhekk li qatgħu għalkollox mill-

kultura tal-bulliżmu, mill-vizzji kollha ħżiena tagħhom, u fuq kollox mill-kriminalità li sa dak iż-żmien kienu saru midħla sew tagħha.

Kemm għal Marika, kif ukoll għal Feliċ, il-ħabs kien perjodu ta' riabilitazzjoni fejn straħu mill-problemi serji li kienu qed iħabbtu wiċċhom magħhom qabel ma daħlu l-ħabs, fejn tgħallmu jikkontrollaw il-frustrazzjoni kbira tagħhom u jrabbu l-għaqal, u fejn kellhom l-opportunità li jirriflettu dwar il-konsegwenzi akbar li setgħu jaffaċċjaw kieku baqgħu bl-istess attitudni tal-passat. Terġa' u tgħid, fil-każ ta' Feliċ, fil-ħabs beda jieħu interess kbir fil-kotba u beda jieħu anke diversi lezzjonijiet tal-Malti u tal-Ingliż, tant li eventwalment anke rnexxielu jikseb xi eżamijiet tal-matrikola.

Għaldaqstant, bir-raġun li jsostnu li "kien imnalla" li daħlu l-ħabs l-għaliex għal dawn iż-żewġ persuni, il-ħabs kien tassew ta' benefiċċju kbir u li eventwalment fetħilhom għajnejhom biex jagħżlu triq aħjar minn dik ta' qabel.

#### *4.2.4.2. L-għajnuna*

Għad li meta kibru, it-tmienja li huma rnexxielhom jaqtgħu għalkollox mill-kultura tal-bulliżmu – għax b'xi mod jew ieħor sabu l-għajnuna – ħadd minnhom ħlief Leli ma daħal fid-dettall dwar dan. Terġa' u tgħid, lanqas Leli ma semma kif u x'ġara eżatt biex irnexxielu jaqta' minn din il-kultura, iżda li semma hu kif minn vittma sar buli (= buli/vittma).

Mill-ewwel ġurnata li kienet saret taf li qed jiġi bbuljat 'il quddiem, oħtu l-kbira bdiet twissih kontinwament biex jitgħallem jaffronta lill-aggressuri tiegħu u ma jħallihomx isawtuh – iżda kien kollu ta' xejn. Meta oħtu bdiet tara li l-frekwenza tal-bulliżmu fuq Leli bdiet tiżdied, bdiet issawtu

bil-bokkla ta' ċinturin bit-tama li xi darba jirreaġixxi lura għall-bulijiet tiegħu. Fil-fatt, kellha tkun xebgħa kbira mingħand oħtu li Leli jammetti li ma jinsa qatt, li wasslitu biex l-għada ta' dakinhar, weġġa' b'mod serju lill-kap tal-klikka li kienu jduruh ta' spiss, tant li kellu jintbagħat l-isptar. Dan ir-rakkont juri kif bis-saħħa t'oħtu l-kbira, Leli rabba l-kuraġġ u ddeċiedi li jaffronta lill-aggressuri tiegħu – biss, però, kellu jiġri li minn dakinhar 'il hemm, Leli għoġbu x-xogħol ta' buli u beda jibbulja lil tfal oħra huwa wkoll.

Hija ħasra li ħadd iżjed mill-parteċipanti ma elabora dwar it-tip ta' appoġġ li sabu, u mingħand min, l-għaliex setgħu pprovdew informazzjoni utli dwar il-prevenzjoni tal-bulliżmu. Fl-istess ħin, ngħidu li hu, il-prevenzjoni tal-bulliżmu ma kellhiex x'taqsam mal-għanijiet u/jew mal-mistoqsijiet ta' riċerka tiegħi f'dan l-istudju u allura ma kienx fl-interess tiegħi f'dan il-każ.

## Stefan (il-karriera tal-bulliżmu)






*Figura 9: Il-karriera tal-bulliżmu ta' Stefan*






*Figura 10: Il-karriera tal-bulliżmu ta' Albert*

## Leli (il-karriera tal-bulliżmu)






*Figura 11: Il-karriera tal-bulliżmu ta' Leli*






*Figura 13: Il-karriera tal-bulliżmu ta' Feliċ*






*Figura 13: Il-karriera tal-bulliżmu ta' Brenda*

## Marika (il-karriera tal-bulliżmu)




*Figura 14: Il-karriera tal-bulliżmu ta' Marika*

**Lourdes (il-karriera tal-bulliżmu)**






*Figura 15: Il-karriera tal-bulliżmu ta' Lourdes*




*Figura 16: Il-karriera tal-bulliżmu ta' Tessie*

# 5. Id-Diskussjoni

## 5.1. Introduzzjoni

Wieħed mill-għanijiet tiegħi f'dan l-aħħar kapitlu, apparti d-diskussjoni tar-riżultati, se jkun li nagħti l-kontribut tiegħi fil-qasam ta' riċerka (prż. Flaspohler et al., 2009) li jissuġġerixxi li l-bulliżmu huwa proċess ħafna aktar kumpless, min-nozzjoni sempliċi u bażika ta' *buli vs. vittma*. Dan bil-għan li nkompli nwessa' din l-idea binarja li fil-letteratura spiss tidher bħala lineari, meta fil-verità, kulma jmur ir-riċerka qiegħda tkompli tafferma li tassew li m'għadux iż-żmien li nitkellmu fuq sempliċiment 'buli' u 'vittma.' Għaldaqstant, matul il-kapitlu se nkun qed niġġustifika wkoll ir-raġuni l-għala llum il-ġurnata nitkellmu aktar fuq 'kulturi' milli 'atti' ta' bulliżmu (Bradshaw u Waasdorp, 2009).

## 5.2. It-temi

Filwaqt li fiż-żewġ kapitli tal-analiżi wrejt bir-reqqa t-tqassim effettiv tas-sottotemi li ħarġu mit-temi rispettivi tagħhom, f'din is-sezzjoni l-iskop tiegħi se jkun li niddiskuti r-riżultati b'mod ġenerali u allura, ma jagħmilx sens li nerġa' niddiskuti s-sottotemi b'mod separat. Għall-kuntrarju, anzi, issa niddiskuti dwarhom bħallikieku huma unità waħda sabiex il-qarrej ikompli jagħraf ir-relazzjoni qawwija ta' bejn it-temi kollha identifikati, waħda mal-oħra.

### *5.2.1. Id-dar: mingħajr sostenn*

Ir-riċerka, kemm dik lokali u b'mod speċjali dik internazzjonali, hija ċara biżżejjed f'dik li għandha x'taqsam it-trobbija tal-ulied. It-"trobbija pożittiva hija marbuta mal-imġiba tal-ġenituri jew oħrajn

li jaqdu din il-funzjoni, li jpoġġu l-interessi tat-tfal bħala prijorità, jgħinuhom jikbru f'ambjent ħieles mill-vjolenza u li jwassal għal żvilupp san u f'saħħtu" (MFSS, 2014, p. iii). Sfortunatament, madanakollu, għall-informanti ta' dan l-istudju din kienet biss illużjoni.

L-istudji li juru r-relazzjoni qawwija ta' bejn it-tip ta' familja u trobbija mal-influwenza fil-kultura tal-bulliżmu ta' wliedhom huma numerużi, b'ħafna minnhom jindikaw li ħafna drabi l-bulijiet ikunu ġejjin minn familji bierda fejn il-vjolenza fuq it-tfal tkun komuni u l-affezzjoni tal-ġenituri tkun minima (Baldry u Farrington, 2000), filwaqt li l-vittmi jkunu ġejjin minn familji li jkunu protettivi żżejjed fuq uliedhom u li jrawmuhom f'ħafna fsied (Lereya, Samara u Wolke, 2013). Għad li fil-każ tal-bulijiet, dan l-istudju jafferma li l-bulijiet puri kienu tassew ġejjin minn familji vjolenti fejn il-komunikazzjoni bejn il-ġenitur/i u l-ulied hija ineżistenti u fejn ma sabu l-ebda appoġġ, fil-każ tal-vittmi puri kien hemm nuqqas ta' kongruwenza ma' dak li jsostnu Leraya, Samara u Wolke (2013). Dan għaliex mhux talli l-vittmi ma trabbewx fi fsied u protezzjoni żejda mingħand il-ġenituri, iżda talli ħafna drabi lanqas biss kienu jkunu preżenti matul tfulithom. Dan jissuġġerixxi li n-natural tat-tfal għandu jiġi meqjus, indipendentement mill-effett tal-ġenituri fuqhom.

Fil-każ tal-familji tal-bulijiet/vittmi, għad li r-riċerka għadha mhijiex daqstant żviluppata daqs tal-bulijiet u l-vittmi, aktarx ikunu inkonsistenti fis-superviżjoni u fit-tip ta' dixxiplina ma' wliedhom (Schwartz et al., 1997). B'korrispondenza ma' dawn, fl-istudju tiegħi l-bulijiet/vittmi kienu ġejjin minn familji b'inkonsistenza kbira fit-tip ta' dixxiplina ma' wliedhom. Li ma ħariġx b'mod daqstant ċar minn dan ix-xogħol huwa jekk teżistix xi tendenza partikolari – naturalment f'dik li għandha x'taqsam l-istruttura tal-familja u t-tip ta' trobbija – li tiddistingwi lill-bulijiet/vittmi mill-vittmi u/jew mill-bulijiet puri. Li huwa evidenti biżżejjed huwa l-fatt li dawk li ħafna drabi

f'għajnejna jkunu jidhru bulijiet (irrispettivament minn jekk ikunux bulijiet puri jew bulijiet/vittmi), aktarx ikunu vittmi fl-ambjent tad-dar tagħhom. Dan qed jissuġġerixxi, allura, li huwa importanti ħafna li ma nħarsux biss lejn il-fattur tal-iskola meta qed nitkellmu fuq bulliżmu, iżda lejn kuntest usa'.

Fattur ieħor li jistħoqqlu importanza huwa n-numru ta' aħwa. Fil-*Cambridge Study in Delinquent Development*, studju lonġitudinali li beda fl-1961 u li baqa' jsegwi l-iżvilupp tal-karriera kriminali ta' 411 parteċipant għal numru ta' snin, instab li tfal delinkwenti kienu aktar probabbli li għandhom erba' aħwa jew aktar (West, 1982). B'korrispondenza ma' West (1982), skont dan l-istudju deher li d-daqs tal-familja – b'mod partikolari n-numru ta' aħwa – tassew iħalli impatt fuq l-ulied, partikolarment għal żewġ raġunijiet. L-ewwel nies, jekk il-ġenituri jridu li jiddedikaw ħin indaqs għal kull wild, naturalment aktar mhu se jkollhom tfal, aktar se tkun diffiċli biex dawn jinvestu f'ħafna ħin fuq uliedhom kollha. It-tieni ħaġa, f'każijiet fejn il-ġenitur/i ma jaffordjawx li jixtrur-riżorsi adegwati lil uliedhom kollha – anke jekk il-ġenitur/i jqattgħu ħin twil ħafna x-xogħol – xi ħadd mill-ulied se jkun qed imur l-iskola mingħajr lanqas il-bżonnijiet l-iżjed bażiċi (prż. ħobż, ilma, kotba eċċ.). Riżultat ta' hekk, dawn it-tfal se jaraw kif jagħmlu biex għall-inqas, ikollhom dawn il-bżonnijiet l-aktar essenzjali: fil-każ ta' dan l-istudju, irrikorru għal serq minn tfal oħra biex jakkwistaw dawn il-bżonnijiet.

Jekk dan kollu li semmejt jixhed it-tbatija kemm tal-ġenituri u b'mod speċjali tal-ulied, allura kemm hija aktar diffiċli meta tikkunsidra każijiet bħal ta' dan l-istudju fejn huwa ġenitur waħdieni li jrid jimmaniġġja familja sħiħa b'ħafna wlied waħdu? Kemm hija faċli – u fuq kollox kemm hija qatt possibbli – li ġenitur waħdu jirnexxilu: jinvesti biżżejjed ħin u b'mod ugwali f'uliedu kollha biex jagħtihom l-affezzjoni u l-imħabba li jeħtieġu, meta fl-istess ħin dan m'għandux għażla oħra

ħlief jaħdem sigħat twal ħafna biex ikun jista' jitma' u jmantni lil uliedu kollha? Bla dubju, dan ix-xogħol qed jikxef dawn is-sitwazzjonijiet realissimi – u komuni aktar minn kemm naħsbu aħna – li jirriflettu t-tbatija enormi tal-ġenituri, u aktar minn hekk, tat-tfal.

### *5.2.2. Il-lokal: ta' ġewwa u ta' barra*

Xi studji juru li l-esponiment għall-vjolenza fil-komunità, b'mod partikolari fil-ħara (= ħâra: *neighborhood*) ta' individwu, huwa assoċjat ma' riskju ogħla ta' mġiba devjanti (Gorman-Smith u Tolan, 1998). F'dan l-istudju deher li għan-nies ta' barra l-lokal tal-parteċipanti, il-Kala huwa fil-fatt assoċjat ma' vjolenza, taħwid, u ħafna problemi soċjali. Apparentament, maż-żmien, din l-istmerrija lejn lokal partikolari (prż. minħabba dawn l-assoċjazzjonijiet li semmejt) tista' eventwalment tittrasferixxi ruħha awtomatikament fuq in-nies li jgħixu f'dan il-lokal. Riżultat ta' dan l-ittimbrar li jikkawża ħsara kbira fuq l-individwu, in-nies ta' dan il-lokal isiru aggressivi u jużaw mekkaniżmi difensivi bil-għan li jipproteġu l-identità tagħhom li qed tiġi mhedda mingħand ħaddieħor sempliċiment għax il-lokal tagħhom, għal xi raġuni li ma ġietx identifikata, iġorr konnotazzjonijiet negattivi f'għajnejn ħaddieħor.

### *5.2.3. L-iskola: esperjenza negattiva*

Il-Ministeru tal-Edukazzjoni (1999) jisħaq li strateġija effettiva kontra l-ibbuljar hija li kwalunkwe skola tistabbilixxi kultura ta' antibulliżmu fejn il-membri kollha tal-istaff jaħdmu b'mod kollettiv u jagħtu sehemhom fil-ħidma favur l-imġiba tajba fl-iskejjel. Madanakollu, dan l-istudju wera biċ-ċar li dan id-diskors huwa 'l bogħod ħafna milli jseħħ – jekk qatt xi darba hemm il-possibbiltà li jseħħ. Bi qbil assolut mad-diskors ta' Borg (1998, p. 440), dan ix-xogħol ikompli jafferma tassew li "The reason why so many victims feel *helpless* following the bullying incident may well be the

result of the often widespread scepticism on the part of teachers and school administrators in regard to bullying and its seriousness, and their inability or unwillingness to support and protect bully victims." Terġa' u tgħid, dan ix-xogħol wera li l-għalliema tal-lum il-ġurnata – speċjalment meta mqabbla ma' dawk taż-żminijiet ta' qabel – m'għadhomx iddixxiplinati u ma jiħdux b'serjetà l-każi ta' bulliżmu fl-iskola.

Minn dan l-istudju, simili għax-xogħol ta' Espelage u Swearer (2004), tqajmet l-importanza kbira ta' klima pożittiva ta' skola. Hemm evidenza ċara li turi li f'ambjent skolastiku fejn l-għalliema kontinwament jippreġudikaw u jittimbraw lit-tfal, mhux biss hemm ċans li t-tfal ikomplu 'jiggravaw' fl-imġiba tagħhom (Riley u Docking, 2004) iżda agħar minn hekk, hemm ċans li din issir *self-fulfilling prophecy* (Jahnukainen, 2001). Intant, riżultat ta' dan l-ittimbrar negattiv fuq l-iskola, dan ix-xogħol wera t-tbatija, inkluż il-mistħija, li jgħaddu minnha t-tfal. B'żieda ma' dan, ħareġ biċ-ċar li dawn l-isterjotipi huma l-aktar distruttivi meta jingħadu mill-għalliema, aktar milli mit-tfal bejniethom. Għaldaqstant, b'dan ix-xogħol jiena qed inkompli nikkontribwixxi mal-letteratura fejn qed nesponi sewwasew l-impatt qawwi li l-isterjotipi negattivi jħallu fuq l-iskejjel u qed nuri wkoll li għax it-tfal ikunu jattendu skola li jkollha isimha 'mħammeġ' – it-tfal li jattendu fiha awtomatikament jieħdu fama ħażina wkoll – u dan apparentament iżid l-imġiba devjanti fost it-tfal: "In these contexts, peer victimization and aggressive retaliation become the norm" (Bradshaw et al., 2009, kif deher fi Bradshaw u Johnson, 2011, p. 110).

L-aktar fattur li jlaħħam dawn is-sejbiet huwa bla dubju, in-nuqqas ta' superviżjoni mill-għalliema, b'mod speċjali fil-brejk. Astor, Meyer u Behre (1999) isostnu li l-bulliżmu jseħħ l-aktar f'żoni tal-iskola fejn ikun hemm nuqqas ta' superviżjoni. Bi qbil ma' dan, Borg (1999) iżid jgħid li ż-żewġ postijiet l-aktar 'popolari' għall-bulliżmu (il-klassijiet u l-bitħa tal-iskola), għandhom ikunu l-aktar

sorveljati. Dan l-istudju, madanakollu, kompla joħroġ din l-'ironija' fil-beraħ li fil-brejk b'mod partikolari, is-superviżjoni tal-għalliema kienet għalkollox assenti. Għaldaqstant, din id-data qiegħda tissuġġerixxi li s-superviżjoni ġewwa l-iskola (mhux biss fil-brejk), għandha tittieħed b'serjetà ferm akbar mill-aktar fis possibbli. Nemmen li jekk dan isir b'mod effettiv, jitnaqqsu tassew il-każijiet ta' bulliżmu (tal-inqas dawk diretti/manifesti). Ejjew inżommu f'moħħna, kif jgħid il-Malti, li bejn 'il-kliem u l-fatti hemm baħar jikkumbatti' u allura hemm bżonn li nittrattaw dan il-fenomenu tant kumpless b'ħafna iżjed serjetà min-naħa tal-istituzzjonijiet kollha involuti: mhux bil-paroli biss, iżda bil-fatti.

### *5.2.4. Il-bulliżmu*

Bi qbil konsistenti mal-letteratura (prż. Smith u Ananiadou, 2003), f'dan l-istudju deher li l-bulliżmu dirett, kemm f'dik li għandha x'taqsam l-aggressjoni fiżika kif ukoll dik verbali, kien aktar komuni fost is-subien. Mat-tfajliet, mill-banda l-oħra, kienet aktar sinonima l-aggressjoni relazzjonali, partikolarment it-tbarrija soċjali u x-xnigħat foloz li ġew ivvintati fuqhom u fuq il-qraba tagħhom. Rivers u Smith jispjegaw din it-tendenza tal-bulliżmu bejn is-sessi meta jargumentaw li "Indirect bullying might be less effective for boys; girls can perhaps hurt someone more effectively by social isolation and by rumour-mongering" (1994, p. 367).

F'dak li għandu x'jaqsam ma' *cyberbullying*, iż-żewġ każi ta' bbuljar li ssemmew kienu ta' *happy slapping*: moda riċenti li huwa maħsub li żviluppat fin-Nofsinhar ta' Londra fl-2004 (Akwagyiram, 2005). "Happy slapping involves groups of young people assaulting unsuspecting victims whilst simultaneously recording the event, often on mobile telephones so they may later share the footage with friends or post on the internet as proof of the attack" (Ching, Daffern u Thomas, 2012, p.

749). Billi l-każi ta' bulliżmu elettroniku kienu biss tnejn – wieħed ta' ġuvni u l-ieħor ta' tfajla, li huma tal-ġenerazzjoni l-aktar teknoloġika, jew kif isejħilhom Smith (2011, p. 421), "nattivi diġitali" – naturalment ma kienx possibbli li jiġi identifikat kienx aktar komuni fost is-subien jew viċeversa.

Fil-każ tal-bulliżmu bejn klikek ta' tfal – *mobbing* – dan l-istudju wera li aktar milli kien sinonimu ma' xi sess partikolari, huwa aktar ibbażat skont is-sessi bejniethom: klikek ta' ġuvintur jaggredixxu klikek ta' ġuvintur oħra, filwaqt li gruppi ta' tfajliet jaggredixxu lil klikek oħra ta' tfajliet. Fil-fatt, minn dan lat, dan ix-xogħol ma jaqbilx ma' parti sostanzjali mir-riċerka disponibbli s'issa (prż. Lagerspetz et al., 1982) għall-fatt li dawn ilkoll jassoċjaw il-*mobbing* l-aktar mal-ġuvintur. Li kien hemm qbil assolut dwaru bejn dan l-istudju u parti kbira mil-letteratura ta' dan il-qasam (Olweus, 1993; Salmivalli, 2010), huwa li l-*gangs* jirriflettu l-propensità qawwija għall-istatus soċjali, partikolarment għall-poter u l-promozzjoni fil-ġerarkija tal-grupp. Għalhekk ħafna drabi atti ta' bulliżmu jseħħu f'forma ta' 'arena soċjali' (= quddiem il-pubbliku li jikkonsisti mit-tfal l-oħra, l-aktar fil-brejk), u għalhekk huma tassew rari l-każijiet fejn ikun hemm aggressur waħdu mingħajr bulijiet riżervi miegħu/magħha. Il-buli jrid jagħmel minn kollox biex ma jaqax għaċ-ċajt quddiem ħaddieħor, u allura jingħaqad ma' bulijiet oħra għal aktar forza (u għalhekk ħafna drabi, wara l-maskla tiegħu, fil-verità l-buli jkun beżżiegħ u/jew kodard).

Yang u Salmivalli (2013, p. 725) jargumentaw li "It is possible that bully-victims show a distinct pattern from pure bullies and pure victims with respect to the forms of bullying they employ and experience." Dan ix-xogħol mhux talli jikkonferma li kemm il-mod ta' kif jiġu bbuljati kif ukoll il-mod ta' kif jibbuljaw huma differenti minn tal-vittmi u l-bulijiet puri, iżda jiena nżid ngħid li huma fil-veru sens tal-kelma: ta' kalibru ieħor. Veru li f'dan ix-xogħol ma nistax ngħid li kien

numru sostanzjali ta’ individwi li ħadu sehem, iżda nasal nikkonkludi li s-sejbiet li nstabu kienu aktar minn biżżejjed biex jikkonvinċu lill-qarrej li l-bulijiet/vittmi huma tassew l-aktar suxxettibbli għal riskji serji fuq saħħithom (Yang u Salmivalli, 2013). Dan deher primarjament abbażi ta’ tliet aspetti: qabelxejn kienu huma li l-aktar baqgħu jbatu għal żmien twil l-effetti tal-bulliżmu; it-taqlib enormi ta’ emozzjonijiet li għaddew minnu l-bulijiet/vittmi kien storja totalment differenti minn dak tal-vittmi u l-bulijiet puri; il-fatt li l-kunsiderazzjoni għal suwiċidju – mezz ta’ kif setgħu jeħilsu mit-tbatija li kienu għaddejjin minnha – kienet preżenti biss fosthom, ikompli jixhed il-livell ta’ serjetà fil-każi tal-bulijiet/vittmi. Is-suwiċidju kkawżat minħabba problemi ta’ bulliżmu jitqies bħala l-aktar effett traġiku li jista’ jħalli dan il-fenomenu fuq dawk affettwati (Kim u Leventhal, 2008).

Meta wieħed jieħu f’kunsiderazzjoni din il-kumplessità kbira tal-bulliżmu li qed tiġi ttrattata f’dan l-istudju, jirrealizza l-għala jagħmel sens li llum nitkellmu fuq ‘kultura’ aktar milli ‘att/okkorrenza’ ta’ bulliżmu għaliex wara l-kwinti – dak li ma narawx aħna b’għajnejna – ikun hemm proċess sħiħ għaddej ta’ organizzazzjoni u ppjanar minn diversi individwi.

### *5.2.5. L-emozzjonijiet*

Sa fejn naf jien, l-ebda studju sistematiku ma kkumpara l-effetti – permezz tal-*life history interview* – ta’ meta l-persuni involuti kienu involuti fil-kultura tal-bulliżmu ma’ dawk tal-lum il-ġurnata, jew għall-inqas, bl-istess mod li sar f’dan l-istudju. Intant, bis-saħħa ta’ dan it-tqabbil, ħareġ effettivament l-element li jitqies bħala l-aktar wieħed importanti li jiddistingwi lill-bulijiet/vittmi mill-vittmi u/jew u mill-bulijiet puri: dak tat-tpattija. Il-vittmi puri jidher li fil-perjodu li jkunu bbuljati jkunu jixtiequ jwettqu tpattija fuq l-aggressuri tagħhom, iżda finalment – għal kwalunkwe

raġuni – jibqgħu qatt ma jieħdu azzjoni kontrihom. Persuni li fil-passat ikunu bulijiet puri aktarx li meta jikbru, ġenwinament jiddispjaċihom għax aktarx dak li jkunu għamlu jkunu għamluh minħabba l-istatus soċjali tal-grupp (Salmivalli, 2010), aktar milli għal ħaġa oħra. Fil-każ tal-bulijiet/vittmi, madanakollu, mhux talli r-rieda għat-tpattija aktarx tkun preżenti kemm matul il-perjodu li jkunu qed jibbuljaw/jiġu bbuljati u anke tant snin wara, iżda aktarx jibqgħu bix-xewqa għat-tpattija fuq l-eks aggressuri tagħhom għal għomorhom, bħal donnhom ma jikkunsidrawha bl-ebda mod l-idea ta' 'maħfra.' B'żieda ma' dan, mill-bulijiet/vittmi jidher ukoll evidentement is-sens ta' mibegħda (rifless b'mod partikolari fid-deskrizzjoni tagħhom ta' kif u b'liema mod jixtiequ d-deni fuq l-eks bulijiet tagħhom) li bla dubju, jirrifletti l-weġgħat permanenti li dawn l-individwi jsofru sforz il-bulliżmu. Mhux ta' b'xejn li Flaspohler et al. (2009, p. 646) jaslu jikkonkludu li "It is the students who both bully others and are bullied by others that consistently fare the worst."

### *5.2.6. L-effetti*

B'kongruwenza mal-letteratura, mil-lat ta' edukazzjoni, l-imġiba tal-bulliżmu hija assoċjata ma' aktar attitudnijiet negattivi lejn l-iskola u ma' riżultati baxxi (Thornberg u Knutsen, 2011) u fil-każ ta' dan l-istudju, ma' waqfien kmieni mill-iskola wkoll. F'dik li għandha x'taqsam ma' karriera tax-xogħol, għad li fil-każ tal-bulijiet puri u l-bulijiet/vittmi x-xogħol aktar serva ta' benefiċċju għalihom għax kien mezz ta' aljenazzjoni mill-problemi personali u għenhom irabbu daqsxejn l-għaqal, għall-vittmi puri l-effetti tal-bulliżmu fuq il-post tax-xogħol huma evidenti: huma jsiru iperviġilanti bħallikieku jistħajlu li kulħadd huwa konfoffa kontrihom, li riżultat ta' hekk, ikomplu jitbiegħdu mill-kollegi tagħhom, u agħar minn hekk, isibuha bi tqila biex jafdaw u jikkomunikaw magħhom. Dan iwassal biex il-vittmi jkomplu jinqatgħu għalihom waħidhom. Simili għal dan

huma r-riżultati dwar l-aspett ta' relazzjonijiet soċjali. Diversi studji jaqblu li l-vittimizzazzjoni twassal lill-vittmi biex jiżviluppaw perspettiva negattiva tan-nies ta' madwarhom. Fosthom, Salmivalli (2005, p. 4) tikkonkludi li "Victimization clearly seems to influence children's view of other people," li skont dan l-istudju, apparentament inkluż tal-membri familjari.

# Konklużjoni

F'dan ix-xogħol jiena eżaminajt kif tmien persuni li kienu jattendu l-istess skola Primarja jipperċepixxu l-esperjenzi u l-effetti kumulattivi tal-bulliżmu f'ħajjithom, sa minn mindu kienu għadhom tfal sal-lum il-ġurnata li huma lkoll adulti. Forsi vera li l-kampjun ta' nies f'dan l-istudju huwa relattivament żgħir – u allura teħtieġ ċerta attenzjoni b'reqqa meta wieħed qed ifassal konklużjonijiet minn dawn ir-riżultati miksuba – fl-istess ħin madanakollu, ħarġu diversi sejbiet importanti b'mod speċjali għall-edukaturi, inkluż il-psikologi u l-assistenti soċjali li jaħdmu fl-iskejjel.

F'dawk li għandhom x'jaqsmu fatturi kuntestwali – jiġifieri l-istruttura tal-familja u t-trobbija, il-lokal li trabbew fih l-informanti u l-iskola li kienu jattendu – deher li lkoll kemm huma ħallew impatt b'xi mod jew ieħor f'ħajjet dawn l-individwi, iżda evidentement kien il-komponent tal-iskola li l-aktar influwenza l-involviment tagħhom fil-kultura tal-bulliżmu. Ir-riżultati dwar l-għalliema wrew li d-direzzjoni li mexjin fiha hija waħda inkwetanti. Dan għaliex qed juru li għal dawn it-tmien individwi u ħafna oħrajn bħalhom li għaddew (u li għadhom iridu jgħaddu) minn dawn l-esperjenzi ta' bbuljar, huma n-negliġenza u t-tort tas-sistema edukattiva li tħalli dawn l-episodji jeskalaw għall-agħar għal żmien twil. Fi kliem ieħor, allura, lanqas f'perjodu ta' 40 sena ma sar xi titjib min-naħa ta' din l-iskola f'dak li għandu x'jaqsam ma' prevenzjoni kontra l-bulliżmu. Għalkemm ma rridx niġġeneralizza, jiena tal-fehma li mhijiex biss din l-iskola partikolari li tinsab f'din il-pożizzjoni: kieku vera hawn prevenzjoni effettiva kontra l-bulliżmu f'pajjiżna, ma nisimgħux b'daqstant każi ta' bbuljar, wieħed agħar mill-ieħor, inkluż bejn l-għalliema u l-ġenituri tat-tfal. Wara kollox, wieħed ma jridx jinsa li dan il-fenomenu huwa wieħed

dinamiku, fis-sens li jirriġenera ruħu minħabba li ġenerazzjonijiet ġodda ta' tfal jidħlu fis-sistema minn sena għall-oħra.

Mil-lat ta' effetti, m'għandix l-iċken dubju li dan ix-xogħol wera biżżejjed u b'mod espliċitu t-tbatija, is-solitudni, l-iskonfort, inkluż l-uġigħ fiżiku u psikoloġiku, li jgħaddu minnhom dawk kollha involuti fil-kultura tal-bulliżmu. Bħalma wrejt, l-immersjoni f'din il-kultura taffettwa diversi aspetti fil-ħajja ta' persuna: il-burdata u l-emozzjonijiet tagħha, l-edukazzjoni u l-karriera tax-xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali mal-qraba u l-ħbieb tagħha, u l-bqija. Aktar inkwetanti minn hekk huwa l-fatt li dawn l-effetti kumulattivi ħafna drabi huma permanenti. Tant hu hekk, li anke dawk li jkunu ilhom għexieren ta' snin li qatgħu għalkollox minn din il-kultura, jibqgħu jbatu l-konsegwenzi. Naturalment, il-frekwenza ta' dan l-involviment – għal kemm tul ta' żmien, u b'liema mod, persuna tkun involuta f'din il-kultura – aktarx li tiddetermina l-gravità tal-effetti. B'dawn ir-riżultati f'kunsiderazzjoni, nittama li dan ix-xogħol jgħin biex tiġi eliminata l-idea komuni (u żbaljata) li huma biss il-vittmi li għandhom bżonn l-għajnuna: huma l-vittmi, il-bulijiet u l-bulijiet/vittmi kollha li jeħtieġu għajnuna u appoġġ b'mod ugwali għax finalment, ilkoll kemm huma jkunu jixtiequ li jaqtgħu darba għal dejjem il-kuntatt minn din il-kultura distruttiva.

Ladarba semmejt il-bulijiet/vittmi, ma nistax ma nsemmix li bis-saħħa tal-*life history interview* komplejt nafferma li d-dikotomija simplistika ta' *buli vs. vittma* hemm bżonn li tkun aktar fluwida. Bi 'fluwida,' qed ngħid li din id-dikotomija għandha bżonn titwessgħa aktar il-għaliex ħafna mil-letteratura dwar il-qasam tal-bulliżmu għadha tittratta dawn iż-żewġ binarji b'mod wisq distakkat meta fil-verità kulma jmur ir-riċerka qiegħda tkompli tikkonferma li dawn il-binarji huma wisq statiċi. Minn din l-idea, allura, toħroġ l-importanza ta' għarfien akbar dwar il-'kategorija' tal-bulijiet/vittmi, iżjed u iżjed meta parti kbira mir-riċerka riċenti qiegħda turi li huma l-bulijiet/vittmi li l-aktar huma suxxettibbli għal riskji u konsegwenzi serji fuq saħħithom.

Huma l-istituzzjonijiet kollha involuti li jridu joħorġu b'politika ta' antibulliżmu jekk iridu li jinbidlu l-kundizzjonijiet konkorrenti biex xi darba tinħoloq kultura sikura, u m'għandhomx ikunu t-tfal li jiġu mġiegħla jibdlu n-natural tagħhom: ngħidu aħna, jekk persuna qed tiġi bbuljata, din il-persuna m'għandhiex tkun sfurzata tibdel l-atteġġjament tagħha jekk din ma tridx li tirreaġixxi lura lejn l-aggressuri tagħha. Mela huwa fid-dmir tas-sistema edukattiva li tipproteġi lit-tfal tagħna mill-bulliżmu fl-iskejjel. Riċerki u diskors fieragħ dwar kif għandha tiġi indirizzata l-problema tal-bulliżmu għandna kemm trid kieku, iżda fil-verità, kemm qed iseħħ dan? Għaliex l-għalliema, kif ħareġ b'mod ċar ħafna minn dan l-istudju, minflok qegħdin jittrattaw il-bulliżmu b'aktar serjetà, bħallikieku ma jimpurtahomx? Għaliex fil-brejk, l-aktar ħin suxxettibbli għall-bulliżmu, is-superviżjoni tal-għalliema tkun għalkollox assenti? Għaliex l-għalliema u l-edukaturi m'għandhomx ikunu sors ta' appoġġ u sostenn għat-tfal tagħna li qegħdin ibatu fis-silenzju?

Dawn il-mistoqsijiet kollha huma suġġerimenti għal studji fil-ġejjieni li jistgħu jitkomplu minn dan ix-xogħol. Wara kollox, għalkemm l-għanijiet li kelli t-tir li nilħaq nemmen li ntlaħqu, nemmen ukoll li l-ħidma tiegħi għad baqgħalha ħafna fejn timraħ u tiżviluppa. Jitkompla b'liema mod jitkompla dan il-qasam li jiena kkontribwixxejt għalih, l-importanti huwa li r-riċerkatur/i sussegwenti jżommu f'moħħhom l-importanza taż-żewġ oqsma maġġuri tal-letteratura li fl-aħħar mill-aħħar jikkumplimentaw lil xulxin: il-letteratura tal-psikoloġija u tas-soċjoloġija għandhom jimxu id f'id jekk ġenwinament nixtiequ li naslu għal fehim u għarfien akbar ta' dan il-fenomenu li lkoll kemm aħna nixtiequ li xi darba jinqata' darba għal dejjem.

# Biblijografija

Akwagyiram, A. (2005). Does happy slapping exist? Miġjub minn: http://news.bbc.co.uk/2/hi/uk_news/4539913.stm (Aċċessat: 8 ta' Mejju, 2018).

Alvesson, M., u Deetz, S. (2000). *Doing Critical Management Research*. Sage: Thousand Oaks, CA.

Arseneault, L., Bowes, L., u Shakoor, S. (2010). Bullying victimization in youths and mental health problems: Much ado about nothing? *Psychological Medicine*, *40*(5), 717-729.

Association, A. P. (2010). *Publication Manual of the American Psychological Association* (6th ed.). Washington, DC: American Psychological Association.

Baldry, A. C., u Farrington, D. P. (2000). Bullies and delinquents: Personal characteristics and parental styles. *Journal of Community and Applied Social Psychology*, *10*(1), 17-31.

Bauman, S. (2016). Do we need more measures of bullying? *Journal of Adolescent Health*, *59*(5), 487-488.

Benitez, J. L., u Justicia, F. (2006). Bullying: Description and analysis of the phenomenon. *Electronic Journal of Research in Educational Psychology*, *4*(2), 151-170.

Besag, V. E. (1989). *Bullies and Victims in Schools*. Buckingham: Open University Press.

Björkqvist, K., Ekman, K., u Lagerspetz, K. M. J. (1982). Bullies and victims: Their ego picture, ideal ego picture, and normative ego picture. *Scandivanian Journal of Psychology, 23*(1), 307-313.

Björkqvist, K., Lagerspetz, K. M. J., u Kaukiainen, A. (1992). Do girls manipulate and boys fight? Developmental trends in regard to direct and indirect aggression. *Aggressive Behaviour*, *18*(2), 117-127.

Borg, M. G. (1998). The emotional reactions of school bullies and their victims. *Educational Psychology*, *18*(4), 433-445.

Borg, M. G. (1999). The extent and nature of bullying among Primary and Secondary school children. *Educational research*, *41*(2), 137-153.

Boyatzis, R. E. (1998). *Transforming Qualitative Information: Thematic analysis and Code Development*. Sage.

Bradshaw, C. P., u Johnson, R, M. (2011). The social context of bullying and peer victimization: An introduction to the special issue. *Journal of School Violence, 10*(2), 107-114.

Bradshaw, C. P., u Waasdorp, T. C. (2009). Measuring and changing a "Culture of Bullying". *School Psychology Review*, *38*(3), 356-361.

Brank, E. M., Hoetger, L. A., u Hazen, K. P. (2012). Bullying. *Annual Review of Law and Social Science*, *8*(1), 213-230.

Braun, V., u Clarke, V. (2006). Using Thematic Analysis in Psychology. *Qualitative Research in Psychology*, *3*(2), 77-101.

British Educational Research Association. (2011). *Ethical Guidelines for Educational Research*. London: BERA.

Bulmer, M. (1982). *Social Research Ethics*. Macmillan: London.

Carrera, M. V., DePalma, R., u Lameiras, M. (2011). Towards a more comprehensive understanding of bullying in school settings. *Educ Psychol Rev*, *23*(4), 479-499.

Ching, H., Daffern, M., u Thomas, S. (2012). Appetitive violence: a new phenomenon? *Psychiatry, Psychology and Law*, *19*(5), 745-763.

Cohen, L., Manion, L., u Morrison, K. (2000). *Research Methods in Education* (5th Ed.). RoutledgeFalmer.

Connelly, F. M., u Clandinin, D. J. (1999). Narrative inquiry. *Issues in Educational Research* (2nd Ed.). Oxford: Elsevier Science Ltd.

Costley, C., Elliott, G., u Gibbs, P. (2010). *Doing Work Based Research: Approaches to Enquiry for Insider-researchers*. London: Sage.

Creswell, J., u Plano Clark, V. (2007). *Designing and Conducting Mixed Methods Research*. Thousand Oaks, CA: Sage.

Denscombe, M. (2014). *The Good Research Guide: For small-scale Social Research Projects* (5th Ed.). England: Open University Press.

Epstein, D., Kehily, M., Mac an Ghaill, M., u Redman, P. (2001). Boys and girls come out to play: Making masculinities and femininities in school playgrounds. *Men and Masculinities*, *4*(2), 158-172.

Espelage, D. L., Bosworth, K., u Simon, T. R. (2000). Examining the social context of bullying behaviors in early adolescence. *Journal of Counseling & Development*, *78*(3), 326-333.

Espelage, D. L., u Swearer, S. M. (2010). A social-ecological model for bullying prevention and intervention: Understanding the impact of adults in the social ecology of youngsters. F'Jimerson, S. R., Swearer, S. M., u Espelage, D. L. (Ed.). *Handbook of bullying in schools: An International Perspective* (pp. 61-72). New York: Routledge.

Flaspohler, P. D., Elfstrom, J. F., Vanderzee, K. L., u Sink, H. E. (2009). Stand by me: The effects of peer and teacher support in mitigating the impact of bullying on quality of life. *Psychology in the Schools*, *46*(7), 636-649.

Forsberg, C., u Thornberg, R. (2016). The social ordering of belonging: Children's perspectives on bullying. *International Journal of Educational Research, 78,* 13-23.

Fuller, A. (2013). *Dealing with bullying*. Department of Education and Training: Victoria State Government.

Giddens, A. (2001). *Sociology* (4th ed.). Polity Press: Blackwell Publishers Ltd.

Goodson, I., u Sikes P. J. (2001). *Life History Research in Educational Settings: Learning from Lives* (Doing qualitative research in educational settings). Open U. P.

Gorman-Smith, D., u Tolan, P. (1998). The role of exposure to community violence and developmental problems among inner-city youth. *Development and Psychopathology, 10*(1), 101-116.

Griffith, A. I. (1998). Insider/outsider: Epistemological privilege and mothering work. *Human Studies, 21*, 361-376.

Hannabuss, S. (1996). Research interviews. *New Library World, 97*(5), 22-30.

Haralambos, M., u Holborn, M. (2008). *Sociology: Themes and Perspectives* (7th ed.). London: Collins.

Holstein, J., u Gubrium, J. (2003). *Inside Interviewing: New Lenses, New Concerns*. Thousand Oaks: Sage.

Hilario, C. T., Jenkins, E. K., Ng, C., Haines-Saah, R. J., u Johnson, J. L. (2014). “It’s just always been like that”: A deeper understanding of social context and adolescent. *Journal of Adolescent Health*, *54*(2), S17-18.

Hunter, S., u Borg, M. G. (2006). The influence of emotional reaction on help seeking by victims of school bullying. *Educational Psychology*, *26*(6), 813-826.

Il-Ministeru tal-Edukazzjoni. (1999). *L-Imġiba Tajba fl-Iskejjel: Il-Politika Nazzjonali u l-Pjan ta’ Azzjoni Dwar l-Ibbuljar*. Il-Furjana: Malta.

Isaac, *n.s.* (2017). 3 Tips for Recording Research Interviews. Miġjub minn: https://weloty.com/3-tips-for-recording-research-interviews/ (Aċċessat: 3 ta’ Novembru, 2017)

Jahnukainen, M. (2001). Experiencing special education. *Emotional and Behavioural Difficulties*, *6*, 150–166.

Keltner, D., Gruenfeld, D. H., u Anderson, C. (2003). Power, approach, and inhibition. *Psychological Review*, *110*(2), 265-284.

Kim, Y. S., u Leventhal, B. (2008). Bullying and suicide: A review. *International Journal of Adolescent Mental Health*, *20*(2), 133-154.

Kuykendall, S. (2012). *Bullying*. California, CA: Greenwood.

Kvale, S. (1996). *InterViews: An Introduction to Qualitative Research Interviewing*. Sage: Thousand Oaks, CA.

Lagerspetz, K. M. J., Björkqvist, K., Berts, M., u King, E. (1982). Group aggression among school children in three schools. *Scandinavian Journal of Psychology*, *23*(1), 45-52.

Labov, W. (1972). *Sociolinguistic Patterns*. Philadelphia: Universiy of Pennsylvania.

Lereya, S, T., Samara, M., u Wolke, D. (2013). Parenting behavior and the risk of becoming a victim and a bully/victim: A meta-analysis study. *Child Abuse & Neglect.* DOI: http://dx.doi.org/10.1016/j.chiabu.2013.03.001

MacLeod-Brudenell, I. (2004). *Advanced Early Years Care and Education*. Oxford: Heinemann.

Mellor, J., Ingram, N., Abrahams, J., u Beedell, P. (2014). Class matters in the interview setting? Positionality, situatedness and class. *British Educational Research Journal*, *40*(1), 135-149.

Mercer, J. (2007). The challenges of insider research in educational institutions: Wielding a double-edged sword and resolving delicate dilemmas. *Oxford Review of Education,33*(1), 1-17.

Meyer, H. A., Astor, R. A., u Behre, W. J. (1999). Unowned places and times: maps and interviews about violence in high schools. *American Educational Research Journal*, *36*(1), 3-42.

Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali. (2014). *Politika għal Malta dwar Trobbija Pożittiva 2014-2018 Kopja għal Konsultazzjoni Pubblika*. Salesian Press.

Ministry for Education and Employment. (2014). *Addressing bullying behaviour in schools policy*. Malta.

Mishna, F., Saini, M., u Solomon, S. (2009). Ongoing and online: Children and youth's perceptions of cyber bullying. *Children and Youth Services Review*, *31*(12), 1222-1228.

Moore, J. (2012). A personal insight into researcher positionality. *Nurse Researcher*, *19*(4), 11-14.

Mulhall, A. (2013). In the field: Notes on observation in qualitative research. *Journal of Advanced Nursing*, *41*(3), 306-313.

Olweus, D. (1978). *Aggression in the Schools: Bullies and Whipping Boys*. Washington, DC: Hemisphere, Whiley.

Olweus, D. (1991). Bully/victim problems among school children: Basic facts and effects of a school based intervention program. F'Ma, X., Stewin, L. L., u Mah, D. L. (Ed.), *Research Papers in Education* (pp. 247-270).

Olweus, D. (1993). *Bullying at School: What we Know and What we can do*. Cambridge, MA: Blackwell.

Olweus, D. (1997). Bully/victims problems in school. Facts and intervention. *European Journal of Psychology of Education, 2*(4), 495-510.

Olweus, D. (2004). The Olweus Bullying Prevention Program: Design and Implementation Issues and a new National Initiative in Norway. *Psychology, Crime and Law, 11*(4), 389-402.

Ortega, R., Elipe, P., Mora-Merchán, J. A., Genta, M. L., Brighi, A., Guarini, A., Smith, P. K., Thompson, F., u Tippett, N. (2012). The emotional impact of bullying and cyberbullying on victims: A European cross-national study. *Aggressive Behavior, 38*(5), 342-356.

Qu, S. Q., u Dumay, J. (2011). The qualitative research interview. *Qualitative Research in Accounting & Management, 8*(3), 238-264.

Reay, D. (1996). Insider perspectives or stealing the words out of women's mouths: Interpretation in the research process. *Feminist Review, 53,* 57-73.

Renold, E. (2007). Primary school "studs": (De)constructing young boys' heterosexual masculinities. *Men and Masculinities, 9*(3), 275-297.

Riessman, C. K. (2000). Analysis of personal narratives. F'Gubrium, J. F., u Holstein, J. A. (Ed.), *Handbook of Interview Research: Context and Method*. Thousand Oaks: Sage.

Riley, K., u Docking, J. (2004). Voices of disaffected pupils: Implications for policy and practice. *British Journal of Educational Studies, 52*(2), 166–179.

Rivers, I., u Smith, P. K. (1994). Types of bullying behaviour and their correlates. *Aggressive Behavior*, *20*(5), 359-368.

Sands, R. G., Bourjolly, J. N., u Roer-Strier, D. (2007). Crossing cultural barriers in research interviewing. *Qualitative Social Work, 6*(3), 353-372

Saarento, S., Garandeau, C. F., u Salmivalli, C. (2015). Classroom- and school-level contributions to bullying and victimization: A review. *Journal of Community & Applied Social Psychology*, *25*(3), 204-218.

Salmivalli, C. (2005). *Consequences of school bullying and violence*. University of Turku: Finland.

Salmivalli, C. (2010). Bullying and the peer group: A review. *Aggression and Violent Behavior*, *15*(2), 112-120.

Salmivalli, C., Lagerspetz, K. M. J., Björkqvist, K., Osterman, K., u Kaukiainen, A. (1996). Bullying as a group process: Participant roles and their relations to social status within the group. *Aggressive Behaviour*, *22*(1), 1-15.

Schwartz, D., Dodge, K. A., Pettit, G. S., u Bates, J. E. (1997). The early socialization of aggressive victims of bullying. *Child Development*, *68*(4), 665-675.

Schwartz, D., Proctor, L. J., u Chien, D. H. (2001). The aggressive victim of bullying: Emotional and behavioral dysregulation as a pathway to victimization by peers. F'Juvonen, H., u

Graham, S. (Ed.). *Peer Harassment in School: The Plight of the Vulnerable and Victimized*. New York: Guildford.

Shore, K. (2005). *The ABC's of Bullying Prevention: A Comprehensive School Wide Approach*. Port Chester, NY: Dude.

Smith, P. K. (2011). Why interventions to reduce bullying and violence in schools may (or may not) succeed: Comments on this special section. *International Journal of Behavioral Development*, *35*(5), 419-423.

Smith, P. K. (2012). Cyberbullying and cyber aggression. F'Jimerson, S. R., Nickerson, A. B., Mayer, M. J., u Furlong, M. G. (Ed.). *Handbook of School Violence and School Safety. International Research and Practice* (2nd Ed.). New York: Routledge.

Smith, P. K. (2013). School bullying. *Sociologia, Problemas e Práticas*, (71), 81-98.

Smith, P. K., u Ananiadou, K. (2003). The nature of school bullying and the effectiveness of school-based interventions. *Journal of Applied Psychoanalytic studies, 5*(2), 189-209.

Suffla, S., Seedat, M., u Bawa, U. (2015). Reflexivity as enactment of critical community psychologies: Dilemmas of voice and positionality in a multi-country photovoice study. *Journal of Community Psychology*, *43*(1), 9-21.

Swanwick, M. (1994). Observation as a research method. *Nurse Researcher*, *2*(2), 4-12.

Taylor, S. E., Wood, J. V., u Lichtman, R. R. (1983). It could be worse: Selective evaluation as a response to victimization. *Journal of Social Issues*, *39*(2), 19-40.

The National Commission for the Protection of Human Subjects of Biomedical and Behavioral Research. (1979). *The Belmont Report: Ethical Principles and Guidelines for the Protection of Human Subjects of Research*. Washington, DC: United States Government Printing Office.

Thornberg, R., u Knutsen, S. (2011). Teenagers' explanations of bullying. *Child and Youth Care Forum*, *40*(3), 177-192.

University Research Ethics Committee (UREC). (2007). *Guidelines for UoM Research Ethics Committee*. University of Malta: Malta.

Vanderbilt, D., u Augustyn, M. (2010). The effects of bullying. *Paediatrics and Child Health*, *20*(7), 315-320.

West, D. J. (1982). *Delinquency: Its Roots, Careers and Prospects*. Harvard University Press.

Wolke, D., Copeland, W., Angold, A., u Costello, E. (2013). Impact of bullying in childhood on adult health, wealth, crime, and social outcomes. *Psychological Science*, *24*(10), 1958-1970.

Wolke, D., Woods, S., Bloomfield, L., u Karstadt, L. (2001). Bullying involvement in primary school and common health problems. *Archives of Disease in Childhood*, *85*(3), 197-201.

Yang, A., u Salmivalli, C. (2013). Different forms of bullying and victimization: Bully-victims versus bullies and victims. *European Journal of Developmental Psychology*, *10*(6), 723-738.

# Appendiċi A

# *Il-mistoqsijiet tal-intervisti*

# Mistoqsijiet għall-vittmi

1. **It-trobbija**

i. Tista' tgħidli daqsxejn dwar it-trobbija tiegħek? [l-ambjent fiżiku tad-dar; it-tip ta' tfulija li ġejt imħeġġeġ li jkollok]

2. **L-ambjent**

i. Xi tgħidli dwar l-ambjent tal-lokal fejn kont toqgħod? [it-tip ta' nies tal-lokal; jekk hux sikur jew le; l-aspetti soċjali; tifkiriet u memorji]

ii. Bħala tifel/tifla, kif esperjenzajtu inti dan l-ambjent? Kif kont tikkunsidrah? [sikur/perikoluż; pjaċevoli/monotonu]

iii. Fi tfulitek, kemm kont toħroġ iddur waħdek f'din il-lokalità?

3. **L-iskola**

i. X'kienu l-ewwel esperjenzi bikrin tiegħek fl-iskola Primarja li kont tattendi? [mal-għalliema; ħbieb]

ii. Qabel ma dħalt f'din l-iskola, kont taf jew ġieli smajt xi ħaġa dwarha? [reputazzjoni]

iii. Xi tgħidli dwar l-ambjent ta' din l-iskola? [l-ambjent innifsu tal-iskola; l-ambjent tal-madwar tal-iskola; kienx ikun hemm prż. ġlied, swat, abbuż]

iv. Dawn li semmejtli ġieli esperjenzajthom inti personali? Ġieli rajt dawn li semmejtli fuq tfal oħra bejniethom? Fuq l-għalliema?

v. Rigward dan kollu li semmejtli, x'tip ta' azzjoni kienu jieħdu l-għalliema? [l-irwol tagħhom x'kien; kienu jintervjenu jew b'xi mod jipprovaw jagħmlu xi ħaġa dwaru? kinux inaqqsu jew jinfurzaw il-ġlied fl-iskola bl-għemil tagħhom; il-mod kif kienu jirreaġixxu]

**4. L-iskola mill-perspettiva tal-oħrajn**

i. F'dak iż-żmien li inti kont għadek Primarja, kif taħseb li kienu jħarsu lejha l-istudenti u l-għalliema l-oħra? Għaliex taħseb hekk? [il-livell u l-karatteristiċi tal-iskola mill-perspettiva tal-oħrajn; reputazzjoni]

ii. Wara dan kollu li semmejtli, taħseb li kien hemm xi rabta bejn kif kienu jaħsbuha dwarha l-istudenti u l-għalliema l-oħra ma' kif fil-fatt verament kienet l-iskola? [l-aspettattivi *vs.* ir-realtà; hijiex sterjotipata]

**5. Il-kultura tal-bulliżmu**

i. Ftit ilu int għamilt referenza għall-ġlied u l-ibbuljar li kien iseħħ f'din l-iskola – nistgħu ngħidu li kien hemm speċi ta' kultura ta' bulliżmu. Tista' tgħidli ftit iżjed fid-dettall dwar dan? Inti personali kif u b'liema mod kont involut f'dan?

ii. Milli semmejtli inti, jidher li sforz din l-ispeċi ta' kultura li kien hemm fl-iskola, inti kont tiġi bbuljat. Tista' tgħidli aktar dwar dan? [tifkiriet; l-ewwel darba li twettqet xi forma ta' vjolenza fuqu/ha; ir-raġunijiet/fatturi li personalment jaħsbu li wassal għal dan]

iii. Tul dan il-perjodu li qed nitkellmu fuqu, inti bqajt tiġi bbuljat jew kien hemm xi żmien fejn ma bqajtx għal xi raġunijiet? [meta waqaf dan l-irwol, jekk dejjem waqaf f'xi żmien; x'wassal biex jitbiddlu/ma jibqgħux vittmi tal-bulliżmu]

iv. Jekk, dejjem, ma tħossokx skomdu, tgħidli ftit kif u x'tip ta' affarijiet kienu jagħmlulek? U dan li se ssemmili, b'mod frekwenti kien isir? [ibbuljar fiżiku, psikoloġiku, soċjali, *cyber*; il-livell ta' ħsara u l-frekwenza ta' kemm dan kien iseħħ]

v. Dan kollu li qed tgħidli dwaru, fejn kien isir? F'xi post partikolari? [fil-klassi; fil-bitħa tal-iskola; barra mill-ambjent tal-iskola]

vi. Meta qed issemmili li kont tiġi bbuljat, dan kollu kien isir minn individwu wieħed jew kienu jkunu aktar huma? U int, waħdek kont tkun meta kien jiġrilek hekk jew kien hemm oħrajn miegħek li qed jiġrilhom l-istess? [karatteristiċi dwar l-aggressur u min kien/u; bulijiet/vittmi oħra; spettaturi; difensuri eċċ.]

vii. Tgħidli daqsxejn dwar kif kont tirreaġixxi għal dan kollu? [jiddefendu ruħhom; riservati u passivi; aggressivi]

viii. Taħseb li qabel kien jiġri dan kollu, kien ikun hemm xi forma ta' ħsieb/proċess kif dan kien isir min-naħa tal-aggressur? [għal għarrieda/ippjanat minn qabel; miftiehem ma' oħrajn eċċ.]

**6. Il-konsegwenzi u l-effetti tal-bulliżmu**

i. Jekk, dejjem, ma tħossokx skomdu, tgħidli daqsxejn dwar kif kont tħossok waqt li kont tgħaddi minn dawn l-esperjenzi? [dwejjaq; rabja; biki; frustrazzjoni eċċ.]

ii. Wara li kont tiġi bbuljat, x'kont tħoss?

iii. Illum il-ġurnata li inti kbirt, xi tħoss? [tgħallimt minnhom; dispjaċut; irrabjat eċċ.]

iv. Tista' tgħidli ftit dwar l-edukazzjoni tiegħek? [tħares lura lejn l-edukazzjoni tiegħek, taħseb li kien hemm xi rabta bejn dak li għaddejt minnu u l-edukazzjoni tiegħek? B'liema modi?]

v. Tista' tgħidli ftit dwar il-karriera u x-xogħol tiegħek? [taħseb li hemm xi rabta bejn dak li għaddejt minnu u l-karriera tiegħek illum il-ġurnata? B'liema modi?]

vi. Illum il-ġurnata li inti kbirt u kellek/għandek diversi ħbiberiji u relazzjonijiet, taħseb li hemm xi rabta bejn dak li għaddejt minnu u r-relazzjonijiet tiegħek ma' ħaddieħor? [mal-ġenituri; mat-tfal eċċ.]

**7. Għeluq**

i. Wara li, grazzi għall-informazzjoni kollha li qsamt miegħi, kelli nistaqsik: x'taħseb minn dan kollu li semmejt inti, li kieku kont tattendi fi skola oħra minn dik li inti kont fiha, taħseb li kien jiġrilek l-istess?

ii. Tħares lura lejn il-passat, hemm xi parir/messaġġ li tixtieq tagħti lill-edukaturi biex ikunu ta' appoġġ għall-bulijiet u għall-vittmi tal-bulliżmu? Hemm xi ideat, esperjenzi jew opinjonijiet oħra li tixtieq taqsam miegħi qabel nagħlqu din l-intervista?

# Mistoqsijiet għall-bulijiet

**1. It-trobbija**

i. Tista' tgħidli daqsxejn dwar it-trobbija tiegħek? [l-ambjent fiżiku tad-dar; it-tip ta' tfulija li ġejt imħeġġeġ li jkollok]

**2. L-ambjent**

i. Xi tgħidli dwar l-ambjent tal-lokal fejn kont toqgħod? [it-tip ta' nies tal-lokal; jekk hux sikur jew le; l-aspetti soċjali; tifkiriet u memorji]

ii. Bħala tifel/tifla, kif esperjenzajtu inti dan l-ambjent? Kif kont tikkunsidrah? [sikur/perikoluż; pjaċevoli/monotonu]

iii. Fi tfulitek, kemm kont toħroġ iddur waħdek f'din il-lokalità?

**3. L-iskola**

i. X'kienu l-ewwel esperjenzi bikrin tiegħek fl-iskola Primarja li kont tattendi? [mal-għalliema; ħbieb]

ii. Qabel ma dħalt f'din l-iskola, kont taf jew ġieli smajt xi ħaġa dwarha? [reputazzjoni]

iii. Xi tgħidli dwar l-ambjent ta' din l-iskola? [l-ambjent innifsu tal-iskola; l-ambjent tal-madwar tal-iskola; kienx ikun hemm prż. ġlied, swat, abbuż]

iv. Dawn li semmejtli ġieli esperjenzajthom inti personali? Ġieli rajt dawn li semmejtli fuq tfal oħra bejniethom? Fuq l-għalliema?

v. Rigward dan kollu li semmejtli, x'tip ta' azzjoni kienu jieħdu l-għalliema? [l-irwol tagħhom x'kien; kienu jintervjenu jew b'xi mod jipprovaw jagħmlu xi ħaġa dwaru? kinux inaqqsu jew jinfurzaw il-ġlied fl-iskola bl-għemil tagħhom; il-mod kif kienu jirreaġixxu]

4. **L-iskola mill-perspettiva tal-oħrajn**

i. F'dak iż-żmien li inti kont għadek primarja, kif taħseb li kienu jħarsu lejha l-istudenti u l-għalliema l-oħra? Għaliex taħseb hekk? [il-livell u l-karatteristiċi tal-iskola mill-perspettiva tal-oħrajn; reputazzjoni]

ii. Wara dan kollu li semmejtli, taħseb li kien hemm xi rabta bejn kif kienu jaħsbuha dwarha l-istudenti u l-għalliema l-oħra ma' kif fil-fatt verament kienet l-iskola? [l-aspettattivi *vs.* ir-realtà; hijiex sterjotipata]

5. **Il-kultura tal-bulliżmu**

i. Ftit ilu int għamilt referenza għall-ġlied u l-ibbuljar li kien iseħħ f'din l-iskola – nistgħu ngħidu li kien hemm speċi ta' kultura ta' bulliżmu? Tista' tgħidli ftit iżjed fid-dettall dwar dan? L-irwol tiegħek x'kien f'din it-tip ta' kultura?

ii. Milli semmejt inti, x'taħseb li kien l-irwol tiegħek f'din l-ispeċi ta' kultura? Tista' tgħidli kif bdejt tieħu dan l-irwol? [tifkiriet; l-ewwel darba li twettqet xi forma ta' vjolenza; ir-raġunijiet/fatturi li personalment jaħsbu li wassal għal dan]

iii. Tul dan il-perjodu li qed nitkellmu fuqu, inti bqajt bl-istess irwol [dak ta' buli] jew kien hemm xi żmien meta ma bqajtx għal xi raġunijiet? [meta waqaf dan l-irwol, jekk dejjem waqaf f'xi żmien; x'wassal biex jitbiddel/jieqaf dan l-irwol]

iv. Meta qed tgħidli li kont tibbulja lil xi ħadd, tista' tgħidli x'tip ta' affarijiet kont tagħmel? U dan li se ssemmili, b'mod frekwenti kien isir? [ibbuljar fiżiku, psikoloġiku, soċjali, *cyber*; il-livell ta' ħsara u l-frekwenza ta' kemm dan kien iseħħ]

v. Dan kollu li qed tgħidli dwaru, fejn kien isir? F'xi post partikolari? [fil-klassi; fil-bitħa tal-iskola; barra mill-ambjent tal-iskola]

vi. Waqt dawn l-atti li qed issemmili, inti kont tkun waħdek jew kien ikun hemm xi ħaddieħor miegħek? Jekk kien hemm oħrajn miegħek, tgħidli xi ħaġa dwarhom? [bulijiet oħra; spettaturi; difensuri eċċ.]

vii. Qabel kont tkun involut f'xi azzjoni ta' bulliżmu, kien ikun hemm xi forma ta' ħsieb/proċess kif dan kien isir? [għal għarrieda/ippjanat minn qabel; miftiehem ma' oħrajn eċċ.]

**6. Il-konsegwenzi u l-effetti tal-bulliżmu**

i. Tgħidli daqsxejn dwar dak li kont tħoss fil-mument li kont tkun qed tibbulja lil xi ħadd? [sens ta' kburija; maskulinità; rabja u disprament; dwejjaq eċċ.]

ii. Wara li kont tibbulja lil xi ħadd, x'kont tħoss?

iii. Illum il-ġurnata li inti kbirt, xi tħoss? [jiddispjaċik; tgħallimt minnhom eċċ.]

iv. Tista' tgħidli dwar l-edukazzjoni tiegħek? [tħares lura lejn l-edukazzjoni tiegħek, taħseb li kien hemm xi rabta bejn dak li għaddejt minnu u l-edukazzjoni tiegħek? B'liema modi?]

v. Tista' tgħidli ftit dwar il-karriera u x-xogħol tiegħek? [taħseb li hemm xi rabta bejn dak li għaddejt minnu u l-karriera tiegħek illum il-ġurnata? B'liema modi?]

vi. Illum il-ġurnata li inti kbirt u kellek/għandek diversi ħbiberiji u relazzjonijiet, taħseb li hemm xi rabta bejn dak li għaddejt minnu u r-relazzjonijiet tiegħek ma' ħaddieħor? [mal-ġenituri; mat-tfal eċċ.]

**7. Għeluq**

i. Wara li, grazzi għall-informazzjoni kollha li qsamt miegħi, kelli nistaqsik: x'taħseb minn dan kollu li semmejt inti li kieku kont tattendi fi skola oħra minn dik li inti kont fiha, taħseb li kien jiġrilek l-istess? Fi kliem ieħor, din l-ispeċi ta' kultura ta' bulliżmu, taħseb li kont tkun involut fiha xorta li kieku tattendi skola oħra?

ii. Tħares lura lejn il-passat, hemm xi parir/messaġġ li tixtieq tagħti lill-edukaturi biex ikunu ta' appoġġ għall-bulijiet u għall-vittmi tal-bulliżmu? Hemm xi ideat, esperjenzi jew opinjonijiet oħra li tixtieq taqsam miegħi qabel nagħlqu din l-intervista?

# Appendiċi B

# *Id-dokumenti tal-etika*

## Ittra ta' Informazzjoni

Għażiż parteċipant/a,

Jiena Gabriel Grioli, student tal-MTL (Masters in Teaching & Learning) fl-Università ta' Malta. Qiegħed nagħmel ir-riċerka tat-teżi tiegħi "L-Istorja ta' bulijiet u vittmi fi skola Primarja tal-Gvern." Il-professuri li qed jiggwidawni huma l-Prof. Mark Borg (is-superviżur) u l-Prof. Mary Darmanin (il-kosuperviżur).

Ir-riċerka tiegħi tinkludi li nintervista individwi li fil-passat, uħud minnhom kienu bulijiet, u oħrajn li sfaw vittmi ta' bulliżmu. Fil-fatt, f'dan l-istudju se nkun qed neżamina kif tmien individwi li kollha kienu jattendu l-istess skola primarja tal-Gvern, jipperċepixxu l-konsegwenzi varji u l-impatt li ħalla l-bulliżmu f'ħajjithom. Jiena qed niktiblek biex ġentilment nistiednek tieħu sehem f'din ir-riċerka importanti. L-istorja tiegħek tista' titfa' dawl partikolari fuq suġġett kumpless.

F'dan l-istudju se nkun qed niġbor id-data tiegħi permezz ta' intervisti (*life history interviews*). Fi kliem ieħor, jekk taċċetta tieħu sehem, inti se tingħata l-opportunità li titkellem u tiftaħ dwar l-esperjenzi personali tiegħek li jirrigwardjaw il-bulliżmu fiż-żmien meta inti kont għadek fl-iskola primarja.

L-intervista għandha tieħu madwar siegħa-siegħa u nofs, bil-possibbiltà li terġa' ssir intervista oħra aktar 'il quddiem f'każ ta' bżonn. Rigward il-post tal-intervista, l-għażla hija għalkollox f'idek; fejn tixtieq inti nagħmluha. Bil-permess tiegħek, nixtieq nirrekordjak b'awdjo: dan jitħassar sa sitt xhur wara li nkun għaddejt mill-eżami tat-teżi. Biex nipproteġi l-identità tiegħek u ta' persuni terzi li tista' ssemmi kif ukoll tal-iskola u l-lokalità, dawn kollha se jingħatawlhom ismijiet oħra (*pseudonyms*).

Inkunlek grat jekk inti ġentilment taċċetta (dejjem b'mod anonimu) li tieħu sehem f'dan l-istudju u fl-istess ħin niżgurak li fi kwalunkwe ħin inti tista' tagħżel li ma tkomplix tipparteċipa. Jekk f'xi waqt li tkun qed tipparteċipa tixtieq li ma nużax uħud mir-risposti tiegħek tista' titlob li jitneħħew għalkollox mit-teżi. Tajjeb ngħidlek ukoll li l-intervisti u t-traskrizzjonijiet se jinżammu b'mod sikur f'kompjuter bil-*password*.

Grazzi talli qrajt din l-ittra, u jekk inti lest/a tipparteċipa, ġentilment nitolbok tara l-ittra ta' kunsens. Għal aktar informazzjoni jew ta' xi problema inti mitlub tikkuntattjani fuq 99020319 jew permezz tal-indirizz elettroniku tiegħi gabriel.grioli.13@um.edu.mt.

Grazzi tal-ħin u tal-parteċipazzjoni tiegħek.

Dejjem tagħkom,

__________________________________

Gabriel Grioli

## Ittra ta' Kunsens

Jiena__________________________________, wara li qrajt l-ittra ta' informazzjoni, naċċetta li nieħu sehem fir-riċerka "L-Istorja ta' bulijiet u vittmi fi skola Primarja tal-Gvern," u nagħti l-kunsens tiegħi lil Gabriel Grioli biex b'mod anonimu niġi rrekordjat/a f'intervista ta' madwar siegħa-siegħa u nofs (bil-possibbiltà li terġa' ssir intervista oħra aktar 'il quddiem f'każ ta' bżonn). Jiena mgħarraf li fl-intervista rrid nitkellem dwar l-esperjenzi personali tiegħi ta' bulliżmu fiż-żmien meta kont nattendi l-iskola primarja tal-Gvern.

Jiena naf li l-intervista se ssir f'post li rrid jiena, li huwa komdu għalija. Nifhem ukoll li f'kull ħin għandi d-dritt nieqaf nipparteċipa mingħajr ma nagħti r-raġunijiet tiegħi. Fl-aħħar nett, jiena nifhem li f'dan l-istudju se ninżamm għalkollox b'mod anonimu, u li l-intervista se tinżamm b'mod sikur f'kompjuter bil-*password*. Ladarba joħroġ ir-riżultat tat-teżi ta' Gabriel, l-awdjo tal-intervista tagħna jitħassar għalkollox u minn kullimkien.

Firma tal-parteċipant/a: __________________________________

Firma tar-riċerkatur: __________________________________

Firma tas-superviżur: __________________________________

Firma tal-kosuperviżur: __________________________________

Għal aktar informazzjoni jew ta' xi problema inti mitlub tikkuntattjani fuq 99020319 jew permezz tal-indirizz elettroniku tiegħi gabriel.grioli.13@um.edu.mt.